

# Għaqda Mużikali Imperial
## Festa Marija Bambina 2017
## Il-Mellieħa

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

ONE GROUP **YOUR GROUP**

| insurance | invest | travel | media | retail | property |

ROCS group

**MALTA**
**FLORIANA:** Development House, St. Anne Street, FRN 9010
**MELLIEHA:** ROCS House, 21, Main Street, MLH 2310
**TIGNE:** Level -3,The Point Shopping Mall, TP 01
**MOSTA:** Rotunda Square, MST 9040
**T:** +356 2015 1515 **F:** +356 2152 3869 **E:** info@rocsgrp.com

**WWW.ROCSGRP.COM**

# Werrej

Ħidmet l-Għaqda tul l-aħħar sena – Josef Borg – President ........ 2
Kumitat Direttiv ........ 4
Kummissjoni Banda u Kor ........ 5
Kummissjoni Żgħażagħ ........ 5
Il-Każini tagħna: ir-ruħ soċjali u kulturali tagħna – John Buttigieg – Sindku ........ 6
L-Istatwa tal-Bambina Rappreżentanta tiegħi u tiegħek – Kan. Joe Caruana –Arċipriet ... 7
Bawxati tal-imgħoddi – Spiru Grech – Viċi President ........ 10
Kontribuzzjoni lejn il-komunità – Dr John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ........ 14
Id-dixxiplina fil-finanzi – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ........ 17
L-Għaqal – John Schembri – Direttur ........ 20
Riflessjonijiet… – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur ........ 21
Il-Volontarjat – Carmen Cini – Chairperson Kummissjoni Nisa ........ 25
Bandisti Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà
– Clayton Vella – Chairperson - Kummissjoni Banda u Kor ........ 28
Iż-żgħażagħ fi ħdan is-soċjetà
– Damian Vella – Chairperson - Kummissjoni Żgħażagħ ........ 29
Chocolate is Good!! – Julie Thomas – Director of the Imperial Choir ........ 32
Inħarsu dejjem ’il quddiem – Philip Schembri – Għalliem ........ 37
The Ides of marches – Geoff Thomas – Għalliem ........ 40
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2017
– Avv. Noel Camilleri – President GĦKB ........ 45
Djarju 2016 - 2017 ........ 49
Nifirħu lil… ........ 54
Niftakru f’ħutna li ħallewna ........ 55
Ir-Restawr tal-Ikona tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa – Jimmy Muscat ........ 56
B’apprezzament lis-Surmast Anthony Borg ........ 60
It always seems impossible until it’s done – Pippa Roberts ........ 61
Il-Każini tal-Banda – Onorevoli Evarist Bartolo – Ministru ........ 65
Il-Mellieħa - bejn dari u llum – Philip Borg ........ 66
L-Għaqda Mużikali Imperial – Għaqda Kulturalment Ħajja
– Onorevoliw Clayton Bartolo – Membru Parlamentari ........ 69
“life is filled with endless hope” *(Lilha gitty Akita)* – Brian Roberts ........ 70
“Il-Verġni Marija kienet meħtieġa għal Alla
fl-inkarnazzjoni tal-Iben ta’ Alla” – Mons. Mosè Debono ........ 72
Stejjer Minn Irdum il-Qawwi – Jeffrey Sammut ........ 77
L-isbaħ Ħolma – Maria Grima ........ 88
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2016 ........ 90
Programm tal-Festi 2017 ........ 92
Marċi Brijużi 2017-2019 ........ 94
Activities Organised by the Imperial Band Club 2017 ........ 95
Nifirħu bil-festa tagħna li dejjem tnissel ferħ fostna l-Mellieħin
– Christopher Bartolo – Sagristan ........ 100
Attivitajiet matul il-Festa tal-Vitorja 2016 ........ 102
Sammy Bartolo u New Cuorey – Is-Suċċessi – Joe S. Grech ........ 104
Mill-Melħ u l-Għasel Ismi
– Kliem: Anthony Fenech; Mużika: Joe S Grech ........ 105
Il-Mellieħa – Mitt Sena Ilu 1917 – Jimmy Muscat ........ 107
Time to Reflect – Professor Stephen Calleya ........ 110
Il-Mellieħa fl-Imgħoddi – Mario Fenech ........ 111
Mellieħa – Jos. F. Cachia ........ 112
Inżel mill-ostja – Paul P. Borg ........ 113
X’memorji – Doris Mifsud ........ 118
Lil Raħal Twelidi – Anthony Fenech ........ 120
Il-Mellieħa fil-Bolol Maltin – David Bartolo ........ 121
“Hawn hu l-Iljun!” … f’għeluq is-sittin sena – Leli Vella, Sydney, Awstralja ........ 124
Frenċ tal-Għarb – Ralph Micallef ........ 125
Għin, tistenniex grazzi – Ġanni Camilleri ........ 126
Meta ċediet l-Italja u l-flotta taljana ġiet internata f’Malta Settembru 1943
– Charles Debono ........ 127
Ġens Maqsum! – Jos F. Cachia ........ 131
Min irreklama f’din il-pubblikazzjoni ........ 132

VO/0841

*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Lehen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri, Anthony Schembri,
Jamie Cini

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f’dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m’ghandhom qatt jinftehmu bhala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Ghaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

***Disinn tal-Faċċata:***
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
Mark Borg, John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@go.net.mt

# Ħidmet l-Għaqda tul l-aħħar sena

Josef Borg
President



Merħba u grazzi talli għal sena oħra qegħdin tiflu l-pubblikazzjoni ta' din is-sena ta' *Leħen l-Imperial* li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina. F'dawn il-paġni qed inwasslulkom tagħrif dwar il-ħidma tal-għaqda tagħna mżewwaq b'tagħrif ieħor li nittama li ssibuh interessanti u ta' ġid.

Minkejja li l-ħidma tal-baned tagħna tilħaq il-qofol fil-jiem tal-Festa, u dan jgħodd ukoll għall-Għaqda tagħna, il-ħajja fl-Għaqda Mużikali Imperial ma tieqafx malli tidħol l-istatwa tal-Bambina lura fil-knisja. B'sens ta' sodisfazzjon nistqarr li l-Banda, il-Kor, il-Kumitat u l-kummissjonijiet jibqgħu attivi tul is-sena kollha. Dan jixhdu d-djarju tal-attivitajiet li jinsab inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Hawnhekk nixtieq insemmi biss xi wħud mill-attivitajiet li ġew organizzati fl-aħħar tnax-il xahar u ftit mill-ħidma li wettaqna.

Wara li f'Mejju 2016 ġie maħtur Kumitat Direttiv ġdid, f'Ottubru u Novembru li għadda kien imiss ukoll tibdil fi tnejn mill-kummissjonijiet fi ħdan l-Għaqda; qed nirreferi għall-Kummissjoni Banda u għall-Kummissjoni Żgħażagħ. Fil-laqgħat ġenerali rispettivi li saru għal dawn iż-żewġ kummissjonijiet, ġew magħżula l-membri fi ħdanhom. Ta' min isemmi li għall-ewwel darba fl-istorja tal-Għaqda tagħna, membri tal-Kor Imperial ingħataw l-opportunità li jeleġġu membri sħabhom mill-istess Kor biex iservu fuq din il-Kummissjoni. Dan sar sabiex il-Kor jieħu post iktar ċentrali fil-ħajja ta' din l-Għaqda u biex, kif sar tul dawn l-aħħar tmintax-il sena kemm ilu mwaqqaf il-Kor, tkompli tissaħħaħ is-sinerġija bejn il-Banda u l-Kor.

L-aħħar erba' servizzi tal-Banda u l-Kor Imperial għas-sena 2016 kienu programm waqt żjara li kontinġent mir-Royal Marines Association (Malta Branch) għamel ġewwa l-Każin, quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta, programm vokali u strumentali f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet ta' Milied Mellieħi organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, u programm ta' Għanjiet tal-Milied fil-Pjazza tal-Parroċċa nhar Lejlet il-Milied. Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Kummissjoni Żgħażagħ li ħadet sehem sħiħ waqt l-erbat ijiem tal-Milied Mellieħi 2016 permezz ta' bejgħ ta' mqaret matul l-attivitajiet organizzati waqt Milied Mellieħi.

L-ewwel impenn tal-Banda għas-sena 2017 kien fi Frar, fejn il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Marzu ra l-kunċert annwali li jsir mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala Professur Godfrey Wettinger tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa nhar Ħadd il-Palm. Dan il-programm daħal sew fid-djarju tal-attivitajiet organizzati fil-Mellieħa fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-attendenza dejjem tkun waħda inkoraġġanti ħafna. F'Ġunju, il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Ma naqsitx ukoll il-parteċipazzjoni tal-Banda Imperial f'għadd ta' festi organizzati f'diversi rħula madwar Malta tul ix-xhur tas-Sajf.

Bidla importanti li seħħet mingħajr ma konna qed nistennew kienet fid-direzzjoni tal-Kor Imperial. Wara ħdax-il sena fid-direzzjoni tal-Kor, f'Novembru li għadda Shirley Helleur tat ir-riżenja tagħha minn dan ir-rwol minħabba raġunijiet personali. Ma kinitx deċiżjoni faċli għal Shirley u waħda li kellha tieħu f'qasir żmien, għalhekk lanqas aħna ma konna qed nistennewha. Nixtieq hawnhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzjaha għad-dedikazzjoni u l-impenn li dejjem uriet tul iż-żmien li damet tmexxi l-Kor. Taħt id-direzzjoni

tagħha, il-Kor kompla jimxi 'l quddiem u saħansitra ħa sehem f'attivitajiet fuq bażi nazzjonali. *Thank you, Shirley!* Il-Kumitat iddeċieda li d-direzzjoni tal-Kor Imperial kellha tgħaddi fl-idejn abbli ta' Julie Thomas. Julie mhix wiċċ ġdid fl-Għaqda tagħna għax ilha għal dawn l-aħħar snin tifforma parti mill-Banda Imperial. Ninsabu ċerti li l-istudju tagħha fil-vuċi u l-esperjenza tagħha f'diversi korijiet, kemm lokalment kif ukoll fir-Renju Unit, għandhom ikomplu jgħollu l-livell tal-Kor Imperial. L-ewwel impenn ta' Julie bħala direttriċi tal-Kor kien waqt l-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli imtella' mill-Grupp Mejda tal-Appostli fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Mellieħa. L-eżekuzzjoni tajba immens li kellu l-Kor f'din l-attività ħarġu ċari fil-kliem ta' tifħir li rċevejna minn kull min kien preżenti. Nawguraw lil Julie ħidma twila u ta' suċċess fid-direzzjoni tal-Kor Imperial.

Bidla oħra kienet fit-tmexxija tal-puttugin tal-Każin. Pietru Gauci (tal-Pirrex) u l-familja tiegħu li kien ilhom imexxu l-puttugin għal tmien snin iddeċidew li ma jġeddux malli għalqilhom il-kuntratt f'Jannar 2017. Għalhekk inħarġet sejħa għall-offerti għall-kiri tal-puttugin, u l-Kumitat laqa' l-offerta li saritlu minn Natasha Grima (tat-Trux). Nieħu din l-okkażjoni biex filwaqt li nirringrazzja lil Pietru u lill-familja għall-ħidma tagħhom, nawgura kull suċċess lil Natasha u lill-familja tagħha għal din il-biċċa xogħol xejn faċli li daħlu għaliha.

Nagħlaq dawn l-erba' kelmiet tiegħi billi l-ewwelnett insellem il-memorja ta' dawk il-membri u benefatturi kollha li ħallewna tul din l-aħħar sena. Nixtieq ukoll nifraħ lil Toni Caruana (il-Ħuttu) li din is-sena għalaq tmenin sena jdoqq mal-Banda Imperial. Hi bis-saħħa ta' dawn in-nies u oħrajn bħalhom li jżommu l-Għaqda tagħna dejjem fi ħsibijiethom u f'għemilhom li l-Għaqda Mużikali Imperial qegħda fejn qegħda llum. Nifraħ ukoll lis-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju minn meta ħa t-tmexxija tal-Banda Imperial. Nirringrazzjah tal-ħidma u d-dedikazzjoni tiegħu fit-tagħlim tal-mużika għax bis-saħħa ta' dan il-Banda tkompli tikber u tissaħħaħ. Fl-aħħar imma mhux l-inqas, nixtieq nifraħ lill-membri kollha eletti fil-Parlament fuq it-tnax-il distrett. B'mod speċjali nifraħ lill-Onorevoli Clayton Bartolo li kien bandist mal-Banda tagħna għal diversi snin u li ġie elett għall-ewwel darba.

Nirringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna li dejjem toffru lill-Għaqda Mużikali Imperial biex tkun tista' tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha tul is-sena kollha.

Fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina nixtieq nawgura lill-poplu Mellieħi awguri sinċieri għal dan iż-żmien ta' ferħ.

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

*Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:*
*21 523467 u 21 520536*



# Kumitat Direttiv
## 2016 – 2017

**President**
Josef Borg

**Viċi President**
Spiridione Grech

**Segretarju Ġenerali**
John Baptist Gauci

**Assistent Segretarju Ġenerali**
Steven Fenech

**Segretarju Finanzjarju**
Anthony Schembri

**Assistent Segretarju Finanzjarju**
Carmen Cini

**Direttur**
John Schembri

**Assistenti Diretturi**
Charles Debono
Anthony Grech

**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mark Borg

**Rappreżentant fil-Kummissjoni Żgħażagħ**
Jamie Cini

**Membru Anzjan**
Anthony Caruana



# Kummissjoni Banda u Kor

*Wara mix-xellug: Samuel Borg, Isaac Borg, Geoff Thomas, Ryan Micallef*
*Quddiem mix-xellug: Mariella Barbara, Clayton Vella, Mro Anthony Borg, Marvic Battistino, Carmen Schembri*
*Nieqes: Chris Francica*



# Kummissjoni Żgħażagħ

*Wara mix-xellug: Samuel Borg, Josepha Vella, Ryan Micallef, Sarah Vassallo, Isaac Borg*
*Quddiem mix-xellug: Jamie Anthony Cini, Damian Vella, Carl Borg, Brandon Borg*

# Il-Każini tagħna: ir-ruħ soċjali u kulturali tagħna

*John Buttigieg*
Sindku



Huwa xieraq illi nibda dan il-messaġġ billi l-ewwel nett ngħid grazzi kbira lill-President is-Sur Josef Borg, lill-Kumitat Amministrattiv, lis-Surmast Direttur, il-membri tal-banda u l-kor, u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, għall-ħidma kollha li huma b'tant sagrifiċċju jwettqu tul is-sena kollha, biex jagħtuna diversi programmi mużikali u attivitajiet kulturali oħra f'okkażjonijiet diversi. Bis-sehem li huma qegħdin jagħtu qegħdin iżommu l-Għaqda Mużikali Imperial attiva u ħajja u jkomplu jgħinu biex l-attività kulturali tilħaq il-qofol tagħha f'dawn il-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

F'dawn l-aħħar snin, dan iż-żmien tas-sena sar impenjattiv għall-membri tal-kumitati amministrattivi tal-għaqdiet mużikali, minħabba l-organizzazzjoni tal-attivitajiet varji li jiġu organizzati b'konnessjoni mal-festa, u li jekk veru jkunu jħossu l-polz tal-għaqda, iġiegħlhom jinsew il-ħajja personali tagħhom, biex jikkonċentraw għal ġimgħat sħaħ fuq dawn l-attivitajiet. Persważ li hekk kif tgħaddi l-festa, l-uffiċjali tal-kumitat jgħidu għall-erwieħ li tkun għaddiet festa oħra b'wiċċ il-ġid. U dan wassalni għall-ħsieb ewlieni ta' dan il-messaġġ.

F'dawn l-aħħar snin, wieħed seta' jinnota li fost l-għaqdiet mużikali bħal inħoloq fattur kemmxejn kurjuż li mhux faċli tispjegah. Xi kultant dawn is-sitwazzjonijiet xejn pjaċevoli bħal speċi jaqtgħulek nifsek, u kieku jkolli nsemmi l-intoppi kbar li qegħdin jiffaċċjaw is-soċjetajiet u l-għaqdiet tagħna, żgur li ma nispiċċax, għaliex il-problemi jinsabu mifruxa fuq kull sezzjoni tas-socjetà. Ir-realtà hi li fil-preżent, il-volontarjat jinsab għaddej minn fażi ta' kriżi u qiegħed ikun ta' inkonvenjent kbir għall-għaqdiet tagħna, għaliex ix-xogħol qiegħed dejjem jaqa' fuq l-istess erba' min-nies, illi b'sagrifiċċji personali u b'dedikazzjoni kbira, fis-skiet u mingħajr ebda daqq ta' trombi, qegħdin ikunu huma letteralment strumentali sabiex dak kollu li nbeda jitkompla. U hawn nagħmel il-mistoqsija: l-għaqdiet tagħna kemm jistgħu jdumu sejrin hekk?

Illum sforz il-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu, qisu ħadd ma għad fadallu ftit tal-ħin biex jagħti daqqa t'id fil-ħin liberu tiegħu, fl-organizzazzjoni ta' impenji li l-għaqdiet tagħna jippreżentaw minn żmien għall-ieħor matul is-sena. Minbarra n-nuqqas ta' volontarjat, l-għaqdiet tagħna għandhom sfida oħra kbira - dik finanzjarja. Illum biex iżżomm każin ħaj u attiv ikun meħtieġ dħul finanzjarju mhux żgħir. Meta wieħed jara dawn l-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw l-għaqdiet, dak li jkun ma tantx jitħajjar biex jidħol biex jagħti daqqa t'id fl-amministrazzjoni tal-għaqdiet. U b'xorti ħażina ftit ferm huma dawk iż-żgħażagħ li juru ħeġġa u impenn għal dan ix-xogħol. Dan għaliex bosta minnhom moħħhom biss li wara l-istudju u x-xogħol jirrikorru lejn dawk il-postijiet ta' divertiment, li flok jgħinuhom jibnu karattru, qed jiġru wara min u xhiex ifixkilhom u jħarbtilhom ħajjithom. Hawnhekk nixtieq nappella biex aktar żgħażagħ jissieħbu fl-għaqdiet tagħna u jibdew jagħtu daqqa t'id huma wkoll, biex dak li bdew missirijietna b'tant sagrifiċċju, dedikazzjoni u mħabba ma jintemmx u jmur kollox mar-riħ. Is-soċjetajiet mużikali tagħna twaqqfu bi prinċipji sodi u mhux fiergħa. F'dawn is-snin kollha li ilhom imwaqqfin, dejjem issaraw mad-diffikultajiet li tfaċċaw b'konsegwenza tal-progress, u dejjem ħarġu rebbieħa u hekk persważ li se jsir fil-futur.

Il-Kunsill Lokali, bħala Gvern Lokali għandu jkun tarka għall-għaqdiet tal-lokalità. Il-komunità Melleħija, bil-bidliet li għaddejja minnhom, b'riżultat ta' taħlit kulturali li qegħdin nesperjenzaw, għandha bżonn aktar minn qatt qabel każini mużikali u kulturali b'saħħithom, biex huma jservu bħala swar ġodda f'dan l-assedju kulturali li qegħdin u se nkunu qegħdin nesperjenzaw fil-futur. Jekk nitilfu l-għaqdiet tagħna, nitilfu r-ruħ soċjali u kulturali tagħna l-Melleħin.

Nagħlaq billi f'ismi u f'isem il-membri kollha tal-Kunsill nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom festa mill-isbaħ, festa ta' għaqda u mħabba, festa li tkun tixraq lil Sidtna Marija.

# L-Istatwa tal-Bambina Rappreżentanta tiegħi u tiegħek

*Kan. Joe Caruana*
**Arċipriet**



Meta waqt il-festa li għaddiet waqqaft fond biex jinġabru l-ispejjeż ħalli nirrestawraw l-istatwa titolari, kont ippjanajt li l-ispejjeż, li huma konsiderevoli (€32,000), kellhom jinġabru fuq medda ta' sentejn. Għalhekk bqajt tassew mistagħġeb meta f'temp ta' xahar inġabret mhux biss is-somma meħtieġa imma iżjed ukoll. Qisu kulħadd kien bil-pika li jagħti d-donazzjoni tiegħu, kbira jew żgħira skont ma' jista', imma sehmu kien hemm. Dan ġegħilni naħseb. Għaliex tant nies, forsi wkoll xi wħud minnhom mhux bilfors jiffrekwentaw il-knisja ta' spiss, ħassew il-bżonn li jikkontribwixxu għal dan ix-xogħol?

Ma nafx kemm soċjoloġikament jien korrett jew le, biss nemmen li dan sar għaliex għal ħafna, l-istatwa tirrappreżenta xi ftit jew wisq l-identità tagħhom, min huma, bħalma bandiera tirrappreżenta pajjiż u poplu, u meta tara l-bandiera ta' pajjiżek, qisek trid jew ma tridx tħoss xi jqanqlek u jikkommovik. **L-istatwa titolari f'qalb ħafna tirrappreżenta jien min jien, Malti, Mellieħi u nisrani.**

**Tirrapreżentani bħala Malti** għax bħala Maltin kellna x-xorti li norbtu flimkien mill-qrib ġrajjiet pajjiżna mal-fidi li nħaddnu b'tali mod li nistgħu ngħidu li matul dawn l-aħħar 2000 sena ġrajjiet pajjiżna intgħaġnu mal-fidi tagħna u kemm-il darba ffurmaw lill-istess storja ta' pajjiżna. Tirrapreżentani wkoll bħala Malti għax il-mod kif niċċelebraw il-festa reliġjuża tagħna hu mod partikolari ħafna, mod li torbot l-element reliġjuż mal-ħajja tagħna ta' kuljum. Infatti għax aħna poplu li nħobbu l-briju u l-istorbju, niċċelebraw bil-ħoss ferrieħi tal-baned, bl-isplużjonijiet u l-festa ta' kuluri tan-nar, bil-kant polifoniku u pjuttost teatrali anke fil-knejjes tagħna, bl-armar mimli lwien tat-toroq u bl-ikel u x-xorb mal-familja u mal-ħbieb.

**Tirrapreżentani bħala Mellieħi**, kburi li jien iben jew bint dan ir-raħal, fl-imgħoddi xi ftit skartat imma li issa żgur ħa l-post li jistħoqqlu fil-qalba ta' pajjiżna. Is-Santwarju għażiż tagħna, santwarju nazzjonali li fih insibu l-eqdem qima lejn dik li hi Omm Alla u li fih oriġinarjament kienet tinżamm l-istatwa ta' Marija Bambina, il-knisja parrokkjali li tokkupa post tant maestuż fit-topografija tal-parroċċa tagħna, l-imħabba li għandna għal dan ir-raħal li twassal lil dawk li għal xi raġuni kellhom jiċċaqalqu minnu li sena wara l-oħra jirritornaw biex iżuruh, kollu jikkonċentra ruħu f'jum il-festa u fuq kollox fuq l-istatwa titolari.

Din l-istess xbieha **tirrappreżentani wkoll bħala nisrani**, iben Alla imma wkoll iben Marija għax Ġesù stess tahielna bħala ommna. It-titolar tagħna hi statwa ta' Marija Bambina imma tirrappreżenta wkoll il-Vittorja, rebħa storikament fuq min ipprova jippossedi lil pajjiżna imma fil-prattika llum tirrapreżenta r-rebħiet li bl-għajnuna t'Alla aħna msejħin biex nagħmlu kontra l-ħażin u d-dnub. Marija mnissla u mwielda mingħajr dnub żgur li hi l-aqwa għajnuna fil-ġlieda kontinwa tagħna kontra dak kollu li hu ta' ħsara għall-ħajja spiritwali tagħna.

Għalhekk din is-sena, xħin naraw l-istatwa artistika u għażiża ta' Marija Bambina rrestawrata kif jixirqilha biex inkunu nistgħu ngawdu s-sbuħija oriġinali tagħha, ejjew nirriflettu x'sinifikat għandha f'ħajjitna u nitolbuha l-grazzja biex tkun għalina dejjem tifkira ta' dak kollu li hu għażiż għalina, pajjiżna, ir-raħal tagħna u l-fidi li nħaddnu. Jalla minkejja t-tibdil kollu li tgħaddi minnu s-soċjetà u pajjiżna, qatt ma nħallu li naljenaw rasna minn dak li hu u jibqa' dejjem essenzjali, il-valuri li jagħmluna nsara u ċittadini tajbin.

Il-festa t-tajba.

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***

# A.F. SKIP HIRE
*Mellieħa*




## Toni (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**

***Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas***


one80
KITCHEN • LOUNGE
AT HALF WAY INN
For Reservations
+356 21 521637
one80@foodrinksconcepts.com
www.one80.com.mt

# Bawxati tal-imgħoddi

Spiru Grech
Viċi President



Kif intom ħbieb? Nistħajjilkom tgħidu naraw biex se joħroġ din is-sena. Ma taħsbux li jien xi Oliver Friġġieri hux? Din id-darba rrid infakkar ftit mill-ħmerijiet jew avventuri, sejħulhom li tridu li konna nagħmlu ż-żgħażagħ ta' xi 60 sena ilu. Konna kollha midħla tal-Każin ta' Strickland, hekk kienu jsibuh dak iż-żmien u l-oħrajn ta' Mizzi (La Vittoria).

Meta konna niddubbaw xi ftit soldi, konna mmorru t-*talkies* (film) tal-Kappillan, fis-sajf fil-bitħa tas-Santwarju u fix-xitwa fil-barrakka tas-sorijiet. Il-films kienu jkunu xi *Rin Tin Tin, Lassie, Cowboys and Indians, Moby Dick, Laurel and Hardy, Charlie Chaplin,* insomma dak it-tip. Xi kultant kien ikun hemm xi wieħed b'naqra ġrajja ta' mħabba. Però hawn kien jibda l-inkwiet, għax kif l-artist kien jersaq biex ibus lill-artista, ħlief dawl abjad fuq il-liżar (*screen*), slaleb u sinjali joqomsu ma konniex naraw. Ċensura. Dan kien is-sinjal biex jibda l-ibbujar, tisfir u bankijiet jissabtu mal-art. Imbagħad kien jidħol Dun Vinċenz u jibda jwaddab, lil min jidhirlu hu, 'il barra. Ħa ngħidlek, jew toħroġ bis-sewwa jew dahrek mgħawweġ bid-daqqiet.

Konna grupp naqra mqarbin, konna ddeċidejna li nilbsu bħal xulxin, bi flokk blu.

Darba minnhom morna biex nidħlu fil-barrakka tat-*talkies*. Kif ġejna biex inħallsu żammewna, aħna bdejna noqomsu u ngħajtu. F'daqqa waħda jfiġġ Dun Vinċenz u bir-rabja qalilna: "Intom hawn ġew ma tidħlux iżjed" u bdiet il-gwerra. Morna qalb il-pal tal-bajtar tax-xewk u biex tkompli tagħqad magħna jingħaqdu xi għaxra oħra. F'kemm trodd salib ħlief pal tal-bajtar itir għal fuq il-barrakka ma kontx tara u tisma' l-ħoss li kien jagħmel x'ħin jaħbat. Jien għadni ma nistax nemmen kif kien hemm min hu kapaċi jwassal dak it-tul kollu.

Aħna *talkies* ma rajniex, imma l-anqas min kien ġewwa ma ra. Kien hemm forma oħra ta' *talkies* fil-Mellieħa.

Darba kultant kienet tiġi *mobile unit* fil-pjazza ta' fuq. Dak iż-żmien, għal ħafna Melleħin kienet tkun attrazzjoni ta' barra minn hawn, għax nofs il-Mellieħa kienet tkun hemm. Dawn kienu tas-*Civil Defence*. Dawn kienu juru t-tifrik li kienu għamlu l-Ġermaniżi u t-Taljani u x-xogħol li kienu jagħmlu huma biex isalvaw lin-nies mit-tifrik fi żmien il-gwerra.

L-għors kien x'ħin jispiċċa kollox għax kif titlaq, xi mitejn tifel u tifla kulħadd ġirja waħda wara din l-imbierka *mobile unit* sa fejn il-Mitħna tal-Mellieħa.

---

Għadda ż-żmien u kien hemm min beda jinteressa ruħu fit-teatrin li kien isir fil-bitħa tal-Każin l-Antik. Kultant, jien kont nieħu sehem. Ħa ngħidlek il-bitħa kienet tkun ippakkjata bin-nies, mhux biex jaraw lili tafux. Ħafna kienu jiġu biex jaraw dramm u oħrajn biex jinnamraw u ftit oħra biex jaraw ma' min se jaqbdu. Kien hemm oħrajn li bl-iskuża tat-teatrin kienu jippreferu jsibu xi rokna fid-dlam! Tinsewx dawn l-istejjer saru xi 55 sena ilu.

Ħa nsemmi episodju wieħed ta' meta għamilna dramm jismu 'Il-Konti ta' Monte Cristo'.

Immaġinaw xena minnhom kienet f'ċimiterju, konna għamilna l-art tal-palk (*stage*) kollu xemgħa tixgħel. Kienet xena impressjonanti. Qabel inkompli, fil-platea, fl-ewwel filliera kien ikun hemm Grezz, oħtha Manann, Marì omm il-mara - kollha ta' Federik, omm Ġamri l-Blackie u xi erba' oħra, ma niftakarx min huma. Dik il-filliera ma kien jeħodilhom ħadd. Kienu vera sapporters tal-Imperial.

Immorru lura għax-xena fuq il-palk, tinsewx il-palk kien kollu xena tixgħel. L-attur kien Ġamri l-Blackie. Dan kien jaħdem tat-tirann f'din ix-xena. Kien libes mantell twil u bix-xabla f'idejh. Kif daħal fuq il-palk u beda jagħmel li suppost kellu

jagħmel, jgħajjat 'Infami, Infami', f'daqqa waħda beda jdaħħan minn wara. L-ewwel li ndunat kienet ommu u bdiet tgħajjat, 'Ġam qiegħed taqbad, Ġam qiegħed taqbad!' Kif induna, il-Blackie dar tnejn u addio ċimiterju. Trid tara lil Ċesarin ta' Lippu kif sar. Dak tant kien dilettant u jieħu l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mat-teatrin bis-serjetà, li ġieli beka.

Xena oħra ma ninsiex, imma din fil-farsa, għax wara dramm dejjem kien ikun hemm farsa.

L-attur kien Spiru tat-Tabakku, in-nannu tas-Surmast Tonio Borg u tal-President Josef Borg. Kif kien jiftaħ is-separju kien ikun hemm siġġu tal-injam fin-nofs, jidħol Spiru bis-sarvetta fuq spalltu, imur fejn is-siġġu u jibda jtih bis-sarvetta biex ifarfru. In-nies kienet tagħmel għaxar minuti tidħak. Lilu ma kellekx ċans li tarah jitbissem. Jien lili kien għal xi raġuni jfakkarni fl-attur Edward G. Robinson.

--------------------------------------------

Jien dejjem kont midħla ta' żewġ irġiel li dejjem ammirajt minn meta bdejt niffrekwenta l-każin ta' xi ħmistax-il sena sal-lum. Wieħed kien Ġużepp Borg (Il-Pieces), missier is-Surmast Tonio Borg u Josef u l-ieħor Ġużepp ta' Selmun (Il-*Postman*). Dawn it-tnejn kienu sabu tfajla mill-Imġarr. Ma nafx għal-liema raġuni, kultant kienu jeħduni magħhom meta kienu jmorru jinnamraw. Naħseb biex ma jisirqux il-*Prefect* ta' Ġużepp ta' Selmun. Kien jipparkja ħdejn Swigel. Dan kien ikun rieqed fuq il-bankina. Jien kont noqgħod nitkellem miegħu sakemm jiġu lura dawk iż-żewġ galantomi. Ħa ngħidlek, kif konna naslu, f'sekonda ma kontx tarahom iżjed. Nixtieq naf taħt liema ħarruba kienu jmorru. Dak ix-xiħ ried joħtobli waħda Mġarrija, imma jien għidtlu 'Le ġbin, jien ma rridx inqatta' ħajti wara xi moħriet niġbor il-patuta'.

Kien hemm ieħor li kien dejjem imqabbad miegħi, dan kien Ninu Muscat (Ta' Snien), il-katubier. Kien sab tfajla Għawdxija. Kien xtara karozza *Hillman*. Meta dara jsuq mhux ħażin, konna nkunu l-każin il-Ħadd filgħodu u hu kien jiġi fuqi biex immur naqra miegħu ħalli jipprattika ftit. Jien diġà kelli l-liċenzja, karozza qatt ma kelli. Allura bħal dak li qallu kont naf ngħidlu x'għandu jagħmel. Darba fost l-oħrajn qalli 'immorru', għidtlu 'imxi'. Jien kont mort ħdejn il-karozza, kienet quddiem il-każin. Wara ftit narah ġej b'żewġ landi ilma. Jien għidtlu 'mela ħa mmorru nsaqqu?' Ninu dejjem kien jidher naqra serju. Qalli 'int għalaq ħalqek u suq sa fejn l-iskola, imbagħad insuq jien'. Għax Ninu quddiem il-każin ma riedx isuq, għax jekk noqomsu xi tnejn qabel nitilqu, kien ikun hemm xi erbgħa u mur żomm bihom.

Insomma wasalna fejn l-iskola u beda jsuq hu. Qlajna tajjeb. Jien għidtlu 'prosit u hu pront qalli 'tibdiex'. Wara ftit għidtlu 'tiha s-*second* Nin'. X'ħin ġie biex itiha t-*third* konna wasalna ħdejn iċ-Ċikken ta' laħam, fejn kienu jżommu l-mogħoż. F'daqqa waħda nisma' tisfira, nara daħna u ilma tiela' minn quddiem tal-*Hillman*. Ħarist lejh u għidtlu 'x'ġara Nin?' u b'dik is-serjetà kollha qalli 'Saħnet'. Jien biex nagħmilha tal-ħelu għidtlu 'Naħseb li xammet il-bodbod taż-Żigli'. Kif għidtlu hekk jaqla' idu u li kieku laqatni, mit-tieqa kont noħroġ. Kollu bir-rabja qalli 'mur, hemm dawk il-landi tal-ilma u agħti l-ilma r-*radiator*. Morna sal-Manikata u lura sal-Każin naħseb li t-tank tad-Dirder ma kienx ikun biżżejjed.

--------------------------------------------

Issa dwar ħarġa li konna għamilna għall-Imnarja u l-Buskett. Il-kumitat ta' dak iż-żmien kien kera *private* ta' Nenu ta' Zammit. F'kemm trodd salib imlejnieha biż-żgħażagħ, tfajliet u ġuvintur u kif ukoll naqra mhux ħażin, avvanzati ftit fl-età. Il-perċimes kienet Grezz ta' Federik, iz-zija tal-mara. Konna morna xi erbgħa bl-istrumenti biex nagħmlu ftit storbju fil-*private*. Kien hemm min ħa gost u kien hemm min kellimna ħażin. Fejn kien ikun hemm Grezz, garanzija li se tkun xalata ta' veru.

Wasalna l-Buskett u l-ewwel ordni li tat Grezz kienet biex it-tfajliet joqogħdu fejn tarahom hi. Tinsewx dak iż-żmien il-Buskett kien ikun ippakjat bin-nies. Biex ma ntawwalx, bdejna mixjin wara xulxin u hi wara, għassa. F'daqqa waħda jgħaddu erba' ġuvintur. Dawn bdew jiċċaċraw mat-tfajliet. Grezz mall-ewwel indunat u bdiet tippinna qisha seqer. Wieħed minnhom fettillu jmiss il-warrani ta' waħda mit-tfajliet. Kien sfortunat għax ratu Grezz. F'temp ta' sekonda taqla' splengun minn ġo xagħarha, resqet lejn dan il-ġuvnott minn wara u garanzija daħlitulu pulzier ġo xaħmu. Dan l-anqas kien jaf x'laqtu, għax għajjat għajta u telaq b'kemm jimxi bi sħabu jiġru warajh. U Grezz b'ħanxra daqshiex qaltlu 'Ta' dik mort taqbad għax ma ġejtx taqbad tiegħi'.

Fniek ma kilniex imma xorta kienet ħarġa li ma tinsiex malajr. Naħseb li aħjar biżżejjed u nieqaf hawn.

Grazzi lit-tmexxija tas-Soċjetà Imperial kemm kbar u żgħar. Grazzi wkoll lill-*crew* tal-bar.

Int min int – Il-Festa t-Tajba.


FREE DELIVERY
bottles & bottles
www.bottlesandbottles.com
“your wholesale beverage store”
OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK
7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA
Find us on Facebook
Contact Us: 21521235


you deserve
to enjoy life
for your
insurance
requirements
Joseph Debono
Tied Insurance Intermediary
73, Karizia Office,
Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha.
T: 2152 0552 - 2752 0552
M: 9942 2894
E: insurance@jdebono.com
MAPFRE MIDDLESEA
MAPFRE MSV Life
Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea plc (MMS) and MAPFRE MSV Life plc. MMS is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on both Long Term and General Business under the Insurance Business Act, 1998. MAPFRE MSV Life plc is authorised by the MFSA to carry on Long Term Business under the Insurance Business Act, 1998. All entities are regulated by the MFSA.




Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.

WE ACCEPT
ORDERS FOR ANY
SPECIAL OCCASION
CAKES

OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY

MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315 T: 2152 0920 / 2152 3920

# Kontribuzzjoni lejn il-komunità

Dr John Baptist Gauci
Segretarju Ġenerali



Il-biċċa l-kbira tan-nies jirrikonoxxu li l-għaqdiet mużikali tal-irħula u l-bliet tagħna għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-komunità lokali. In-numru ta' attivitajiet li jkunu organizzati minn żmien għal żmien, tul is-sena kollha u b'mod speċjali matul il-ġranet tal-festa, huma xhieda ċara tal-involviment ta' dawn l-għaqdiet fil-ħajja tar-raħal jew belt rispettiva. L-istatistika wkoll uriet li kien hemm żieda sostanzjali fl-involviment fil-każini tal-baned li tgħodd mal-40,000 ruħ (fl-2014 skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika), u għad illi l-livell ta' involviment ta' dawn in-nies mhux bilfors li qed isarraf f'numru iktar ta' voluntiera attivi fl-istess għaqdiet tul is-sena kollha, dan żgur li huwa sinjal tajjeb għall-għaqdiet tagħna. L-istess jista' jingħad għan-numru ta' bandisti li żdied bi kważi 3% bejn l-2010 u l-2014 u jlaħħaq iktar minn 4,200 ruħ. Tajjeb hux! Kollox ward u żahar għal dawn l-għaqdiet, mhux hekk?

Ma nistax insostni li dawn huma sinjali negattivi, anzi, xejra tajba li żgur li tqawwi qlub dawk li huma involuti f'dawn l-għaqdiet. Imma naħseb, inħoss u nemmen li hemm bżonn analiżi iktar dettaljata ta' dan kollu. L-għaqdiet tagħna qed jattiraw l-interess ta' varjetà ta' nies li għandhom ħiliet u kompetenzi differenti, jew qed jattiraw biss sezzjoni żgħira tas-soċjetà Maltija? Mhux qed nipprova nfisser li hemm sezzjoni tas-soċjetà li hi importanti iktar minn oħra, anzi, eżattament bil-kontra. L-għaqdiet tagħna, fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum, għandhom bżonn nies li għandhom abbiltajiet li sa ftit snin ilu lanqas biss kienu jgħaddulna minn rasna li l-każin tal-banda qatt jista' jiġi bżonn.

L-ammont ta' *paperwork* qed dejjem jiżdied, u dan m'għadux jista' jsir biss minn voluntiera li b'ħafna dedikazzjoni u b'sagrifiċċji personali jippruvaw ilaħħqu mal-għeneb li qed jitpoġġilhom dejjem iktar fil-għoli. Ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li biex għaqda bħal tagħna tlaħħaq mal-esiġenzi li qed jintalbu minnha, għandha bżonn nies kwalifikati f'kull aspett, sew jekk tidħol amministrazzjoni, finanzi, aspetti legali, immaniġġjar ta' proġetti kapitali, komunikazzjoni, tagħlim tal-mużika, u nista' nibqa' nsemmi. Dawk involuti fl-għaqdiet żgur li jaqblu miegħi li ħafna mill-membri tal-kumitati, speċjalment dawk fil-karigi uffiċjali, qed jagħmlu l-gabirjoli biex jippruvaw ilaħħqu ma' dak li sa għoxrin sena ilu lanqas biss kienu joħolmu bih.

Ma rridx niftiehem li dan l-avvanz, din il-bidla, dan l-iżvilupp huma ħżiena. Anzi, xejn minn dan kollu. Għaqda volontarja m'għandhiex tkun għaqda ta' dilettanti li jagħmlu l-affarijiet biex tgħid saru. In-nies illum taf tara, tiġġudika, tevalwa, u tagħżel b'moħħha, u hekk għandu jkun. Imma sfortunatament, wisq nibża' li r-riga li jużaw ċertu nies mhix ġusta.

Filwaqt li jippretendu, u bir-raġun, li kollox isir b'mod iktar professjonali, fl-istess ħin ma jindenjawx joffru ftit mill-ħin tagħhom sabiex jaqsmu l-ħiliet tagħhom ma' dawn l-għaqdiet. Kemm huma dawk il-professjonisti li huma involuti fil-kumitati tal-għaqdiet volontarji? Hemm xi ftit, u lil dawn nirringrazzjahom, imma wisq nibża' li tgħoddhom fuq ftit swaba'.

Taħsbux li qed nipponta sebgħi lejn xi ħadd, lanqas tgħaddili minn rasi. Qed nipprova biss inħeġġeġ għal eżami tal-kuxjenza. Eżami minn kull min għandu għal qalbu l-avvanz tas-soċjetà fuq bażi lokali kif ukoll fuq bażi nazzjonali, kemm minn individwi, gruppi, soċjetà ċivili, gvernijiet lokali u gvern ċentrali. U għax il-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar, nibda biex nagħmel eżami tal-kuxjenza mil-lenti tagħna l-għaqdiet mużikali. Jista' jkun li qed nonqsu aħna stess bħala għaqdiet, u għalhekk m'aħniex qed inwasslu l-messaġġ tagħna biżżejjed. X'inhi l-perċezzjoni li n-nies għandhom tal-għaqdiet mużikali? Huma post fejn jiltaqgħu grupp ta' ħamalli biex jgħaddu siegħa żmien għax

m'għandhomx aħjar x'jagħmlu? Jew forsi post fejn tingħata edukazzjoni ħolistika lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna, edukazzjoni li ma jistgħux iġibu minn imkejjen oħra? Huma bejta ta' vizzji, jew opportunità fejn inkattru s-sens ċiviku u l-iżvilupp personali il-bogħod minn dak li qed inawwar lis-soċjetà tal-lum?

Jeħtieġ li nikkonvinċu lin-nies, speċjalment dawk li mhumiex midħla tal-każini imma mhux biss, li l-għaqdiet tagħna minn dejjem kienu, għadhom u sinċerament nittama li jibqgħu għal bosta snin, il-benniena tal-kultura (mhux biss dik mużikali) f'dan il-pajjiż tant għal qalbna.

Il-Festa t-Tajba!

Bejn il-25 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2017
ser inxandru 'live'
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-
Festa ta' Marija Bambina 2017
fuq is-sit elettroniku
**www.imperialbandclub.com**

**Gaulos Exclusive Art**

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401 Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

The ARCHES
Restaurant & Wine Cellar

*Open Tuesday to Saturday*
*from 19:00 hrs*



*George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021*
*T: 7999 5611 - F: archesrestaurant - URL: archesrestaurant.com.mt*



# SUNDAY BUFFET LUNCH

## STARTING FROM OCTOBER

ALL INCLUSIVE PACKAGE & EVENT OFFERS AVAILABLE
GROUP BOOKINGS ACCEPTED

MARITIM
Antonine Hotel & Spa

OUTDOOR SEATING AVAILABLE WEATHER PERMITTING

*George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021 - T: 2289 2000 - E: events@maritim.com.mt - F: maritim.malta - W: maritim.com.mt*

# Id-dixxiplina fil-finanzi

*Anthony Schembri*
*Segretarju Finanzjarju*



Ħafna jsostnu li d-dixxiplina hija utli u importanti f'kollox fil-ħajja, u li mingħajr dixxiplina mmorru l-baħar. Personalment naqbel ma' dan il-ħsieb u nħoss li dan hu minnu ukoll fejn jidħlu l-finanzi, kemm fuq bażi personali, kif ukoll, u f'dan il-każ iktar importanti, fuq bażi ta' soċjetà bħal tagħna. Allavolja m'aħniex negozju u mhux l-għan ewlieni tagħna li nagħmlu xi profitti, iżda lanqas nistgħu nberbqu l-flus kif ġib u laħaq tant li nispiċċaw bi problemi finanzjarji serji. Kif jaf kulħadd, mingħajr flus nistgħu nagħlqu l-bibien u nżarmaw, imma ma nistgħux niffukaw biss fuq il-finanzi u ninsew l-għan kulturali u soċjali tal-għaqdiet tagħna. Fl-aħħar mill-aħħar, irridu nagħtu rendikont ta' għemilna kemm f'dawk li għandhom x'jaqsmu l-finanzi, imma ukoll fejn għandhom x'jaqsmu l-attivitajiet li norganizzaw u l-ħajja b'mod aktar ġenerali tal-għaqda tagħna.

Mhux faċli li tibbilanċja d-dħul u l-ħruġ fil-finanzi, speċjalment f'sitwazzjoni fejn, ikolli ngħid sfortunatament, is-sorsi li jrendu d-dħul mhux qed jiżdiedu bl-istess ritmu li qed jiżdiedu l-ispejjeż. Dejjem trid tara kif tqassam l-ispejjeż b'tali mod li ma tiġix fi żmien fejn dawn ikunu ta' piż żejjed fuq il-finanzi tal-għaqda, u fl-istess ħin iżżomm f'moħħok meta tkun qed tistenna li jkollok xi dħul ġej. Kif jgħidu, tieħu bla ma trodd, sas-swar tħott, u għalhekk il-bżonn li nkunu ddixxiplinati fl-azzjonijiet tagħna.

Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li sezzjonijiet differenti tal-għaqda jkollhom pjanijiet u esiġenzi differenti, u forsi bir-raġun, kollha jqisu li l-bżonnijiet tagħhom huma importanti u ma jistgħux jistennew fit-tul. U mbagħad hemm is-soċi tal-għaqda, li għad li fl-aħħar mill-aħħar huma jiffurmaw l-għaqda u kull kumitat irid jirrispetta d-deċiżjonijiet tagħhom, forsi mhux dejjem ikunu f'pożizzjoni li jaraw l-istampa kollha u jkun hemm min jaħseb li l-kaxxier ħsiebu biss biex ifaddal għall-għada. Wara kollox, anke l-membri f'familja jkollhom dawn it-tip ta' prijoritajiet u mhux dejjem jaqblu fuq kif għandhom jintefqu jew ma jintefqux il-flus.

Naħseb u nemmen li hemm bżonn li tinbidel xi ftit il-mentalità ta' kif għandna mmexxu l-finanzi f'għaqda bħal m'hi din tagħna. Jista' jkun li wasal iż-żmien li jkun hemm pjan bil-quddiem ta' kif għandhom ikunu immaniġjati l-finanzi? Qed nirreferi għal pjan li juri d-dħul u l-ħruġ li qed nistennew li jkollna fix-xhur li jkunu ġejjin. Dan għandu jkun pjan bil-quddiem li juri kif qed nippjanaw li se jintefqu l-flus sabiex noqogħdu l-bogħod minn ċirkustanzi li jistgħu ma jkunux pjaċevoli. Pjan realistiku li, għad li m'għandux għalfejn ikun strett, għandu jservi bħala linja ta' gwida ċara għal fejn nixtiequ li jmorru l-finanzi. Pjan li jgħinna nkunu dejjem iktar dixxiplinati wkoll fejn jidħlu l-finanzi, mingħajr ma nonfqu bl-addoċċ u fl-istess ħin, mingħajr ma nkunu xħaħ mal-bżonnijiet tal-għaqda.

Miniex qed ngħid jew nistenna li kulħadd lest li jaċċetta din il-mentalità mil-lum għal għada, imma forsi nistgħu naqbdu t-triq lejn din id-direzzjoni. M'aħniex qegħdin il-bogħod, anzi nemmen li forsi mingħajr m'aħna konxji minnu, diġà mexjin f'din id-direzzjoni. Għall-grazzja t'Alla, l-Għaqda tagħna ma tinsabx daharha mal-ħajt bħal ma sfortunatament jinsabu għaqdiet oħra (mhux bilfors mużikali) f'pajjiżna. U ma naħsibx li aħna qegħdin f'din is-sitwazzjoni li qegħdin fiha llum b'kumbinazzjoni, imma sforz tal-għaqal ta' missirijietna u ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Għaqda tagħna. Napprezzaw dejjem diversi benefatturi jibqgħu jemmnu fix-xogħol siewi li l-Għaqda Mużikali Imperial kienet, għadha u se tibqa' twettaq fil-komunità Melleħija. Jibqa' dejjem fejn nistgħu nirranġaw u ntejbu ħalli l-Għaqda tant għażiża tagħna tibqa' tissaħħaħ, tikber u tissoda għas-snin li ġejjin. U dan għall-ġid tal-Għaqda tagħna stess, ta' raħalna l-Mellieħa u ta' pajjiżna.

Il-Festa t-tajba lill-Melleħin kollha.


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
find us on facebook
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


Feel the Nature... as we bring Life to your Surroundings
Specialising in natural stone decor for interior decorating and exterior landscaping. Products include feature wall coverings, mosaics, pebbles, paving, slate tiles & more...
STONEAGE
Decorative Concrete & Natural Stones
TRIQ SAN SILVESTRU, MOSTA
T. 21 423 662 M: 9952 6254 E. info@stoneage.com.mt W. www.stoneage.com.mt
Find us on: facebook.




Discover our world of tailor made travel

www.rocsholidays.com

ROCS travel

Development House, St. Anne's Street, Floriana, FRN 9010
19-23 ROCS House, Main Street, Mellieha, MLH 2310
Level -3 The Point Shopping Mall, Tigne, TP 01
Rotunda Square, Mosta, MST 9040
Tel: +356 2015 1515 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA
IATA 50200883
IATA 50209994

# L-Għaqal

*John Schembri*
Direttur



Lin-nanniet niftakarhom jgħidu "Erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn." U ħa ngħidlek, minn kollox kienu jerfgħu – biċċiet tal-injam, laned tal-ħadid użati, fliexken tal-ħġieġ vojta, xi qalziet b'tiċrita f'qalza minnhom, u forsi xi minn daqqiet anke musmar mgħawweġ, kartuna mqatta', u tazza mxellfa. Illum issib min jidħak bik jekk jarak iżżomm dan l-"imbarazz" kollu, sakemm ma jippruvax jgħaddik biż-żmien ukoll. Sirna nużaw u narmu, jekk forsi ma narmux qabel ma nużaw! Inwarrbu l-qadim u nixtru l-ġdid minfloku, anke jekk il-qadim kien għadu tajjeb u jaħdem.

Il-ħajja nbidlet qatigħ, imxiet il-quddiem, daħal il-progress, żviluppajna f'ġens modern, u allaħares mhux hekk! Imma xi kultant inħoss li morna l-estrem l-ieħor. Fejn qabel konna nżommu kollox u narmu ftit li xejn, illum nippreferu mmorru nixtru milli noqogħdu nżommu dak li forsi xi darba għad nistgħu niġu bżonn. Mhux qed ngħid li wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin, imma naħseb li l-bilanċ għandu jkun f'kollox.

Dan jgħodd ukoll f'għaqda bħal m'hi din tagħna. Kollox jiswa l-flus u l-ħela mhi tajba għal ħadd, imma fl-istess ħin, l-ispazju hu limitat u ma nistgħux nerfgħu minn kollox għax forsi naħsbu li għada pitgħada għad niġu bżonnu. Irridu nkunu bil-għaqal biex nużaw l-affarijiet li jkollna bl-aħjar mod possibbli, mingħajr ma naħlu u mingħajr ma nixtru jew nintrigaw b'dak li m'għandniex bżonn. Kollox irid l-ispazju fejn jintrefa' b'mod tajjeb għal meta nkunu neħtiġuh. Inkella nkunu erfajnih biss biex joħdilna mill-ispazju li forsi stajna nużaw aħjar għal affarijiet iktar neċessarji. Hemmhekk veru li nimtlew bl-imbarazz, speċjalment jekk tmur tfittex dak li tkun taf li erfajt u ma ssibux, jew issib li dak li erfajt m'għadux fi stat li jista' jintuża.

L-għaqal huwa importanti f'kollox, ħalli għada pitgħada ma jiddispjaċiniex minn dak li għamilna llum jew il-bieraħ u li forsi bi ftit iktar ħsieb seta' jsir ferm aħjar. B'hekk inkomplu ntejbu dak li għandna llum għalina u għal dawk li ġejjin warajna.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ, nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, speċjalment lil dawk il-morda li ma jistgħux igawdu l-festa magħna.

C. Vella & Sons Ltd.

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha • Tel: 21520883 • Mob: 99498855 • cvellasons@gmail.com

# Riflessjonijiet…

*Mro Anthony Borg*
*Surmast Direttur*



**Shirley Helleur**

Ir-riżenja ta' Shirley Helleur minn Direttriċi tal-Kor Imperial f'Diċembru li għadda kienet l-anqas ħaġa li kont qed nistenna. Shirley mexxiet il-Kor Imperial b'abbiltà, ħeġġa u b'dixxiplina għal ħdax-il sena sħaħ. Matul is-snin kompliet tkabbar ir-repertorju mużikali tal-istess Kor. Kienet interessanti immens l-aħħar laqgħa li kellna flimkien. Fhimt li l-firda mill-Kor Imperial li mexxiet għal numru ta' snin b'tant dedikazzjoni ħassitha ħafna. Kif għamilt dakinhar, mill-ġdid nerġa' nawgura lilha u lill-familja tagħha l-isbaħ xewqat għall-futur.

**Julie Thomas**

Wara r-rizenja ta' Shirley Helleur minn Direttriċi tal-Kor Imperial, il-Kumitat Direttiv ħatar lil Julie Thomas bħala Direttriċi tal-Kor. Minbarra li hija wkoll mużiċista mal-Banda Imperial, Julie hija Soprano u għandha esperjenza vasta fil-qasam korali. Nawgura lil Julie kull suċċess fil-kariga l-ġdida tagħha.

**Toni Caruana**

Kienet ħelwa u emozzjonanti s-sorpriża ħelwa li l-Banda Imperial tat lil Toni Caruana f'għeluq sninu. Din is-sena għalaq tmenin sena jdoqq mal-Banda Imperial. Għalkemm kiber fl-età xorta għadu jagħti kontribut lill-Banda Imperial bl-aħjar mod li jista'. Meta nkunu ndoqqu ħdejn xulxin waqt xi fanfarra, għalkemm ma jgħid xejn, nifhem kemm ikun kburi meta jilbes l-uniformi tal-Banda li huwa tant iħobb u jdoqq it-trumbetta, kumpann għal snin twal. Il-lealtà u l-imħabba li Toni għandu lejn il-Każin u l-Banda Imperial għandhom ikunu ta' eżempju għalina lkoll.

**Fl-aħħar nett nixtieq...**

- **Insellem** il-memorja tal-membri tal-każin li ħallew din id-dinja matul l-aħħar sena. Filwaqt li nirringrazzjahom ta' dak kollu li għamlu għall-Għaqda tagħna, tajjeb li niftakru fihom fit-talb tagħna.
- **Nifraħ** lil Carl Borg (Trumpet), Ian Massa (Horn) u Damian Vella (Trombone) li ġew magħżula biex jiffurmaw parti mill-Malta Philharmonic Youth Orchestra. Fl-istess waqt inħeġġeġ aktar mużiċisti żgħażagħ biex jimxu fuq il-passi tagħhom.
- **Nirringrazzja** lil kull min b'xi mod jew ieħor ta l-kontribut tiegħu b'risq il-Banda u l-Kor Imperial matul din is-sena. Nixtieq nirringrazzja lill-poplu Mellieħi tas-sapport li dejjem jagħtina.

Is-Sliem

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*


POPEYE VILLAGE
PLAYPOOL
BOAT TRIPS
MUSEUM
ACTIVITIES & GAMES
WATER TRAMPOLINES, POOLS & BEACH AREA
ANIMATION SHOWS
FREE WiFi ALL ROUND THE COMPLEX
Bus number 101 from Mellieħa Bay
2152 4782/3/4 | info@popeyemalta.com | www.popeyemalta.com | popeyevillagemalta


P&C Cauchi
Demolition Excavation
9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E


Abela Norbert Joiners
High quality locally manufactured furniture according to client's requirements
59, Triq In-Naħal, Mellieħa
Tel: 21523853 Mob: 99476620
Find us on: facebook.


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
STOP
SLOW
50
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt

# Il-Volontarjat

*Carmen Cini*
Chairperson Kummissjoni Nisa



Naħseb li min qed jaqra dawn l-erba' kelmiet se jgħid, "Se nerġgħu nisimgħu fuq il-volontarjat?" Għandkom raġun, imma nixtieq nagħmel aktar minn hekk biex aktar nies ikunu konxji ta' x'valur għandu l-volontarjat. Huwa n-nifs għal bosta soċjetajiet u għaqdiet li jiddependu minnu. Mingħajru m'hemmx ħajja.

Il-volontarjat huwa mifrux f'eluf ta' setturi madwarna. Uħud minn dawn huma sptarijiet, djar tal-anzjani, istituzzjonijiet tat-tfal, knisja, soċjetajiet u għaqdiet filantropiċi. Veru jista' jkun hemm għajnuniet oħra minn diversi sorsi, bħalma huma għajnuniet ta' flus, imma naċċertakom li mingħajr il-volontarjat ta' ċerti persuni, dawn ikunu diffiċli li jibqgħu għaddejjin.

Forsi hawn min qatt ma daq is-sodisfazzjon li tħoss minn att ta' volontarjat. Hawn min forsi jgħid li hu mpenn ta' sagrifiċċju - veru li wħud jarawh hekk, imma jien ngħid li jekk dan isir bil-qalb, dan jissarraf f'rigal għal min ikun qed jagħmlu. Tbissima jew xi mod t'apprezzament ieħor minn min qed jirċevieh huwa biżżejjed biex aktar taħdem bil-qalb.

Hemm volontarjat personali u hemm ta' gruppi. It-tnejn għandhom is-sodisfazzjon tagħhom. Jien nagħmel parti minn dak ta' grupp u dan hu xi ħaġa li ma titwemminx meta tara daqshekk opinjonijiet ta' nies f'daqqa li dawn imbagħad jingħaqdu u jsiru ħaġa waħda b'riżultat eċċellenti.

Veru li l-ħajja li qegħdin ngħixu fiha llum forsi ma tippermettix li nagħtu ħafna ħin għal ħaddieħor, imma bi ftit sigħat ta' volontarjat, ħajtek tinbidel għall-aħjar għax taf li qed tikkontribwixxi xi ħaġa li l-ebda ammont ta' flus ma jista' jagħti. Minn hawn insellem lil sħabi tal-Għaqda Mużikali Imperial li flimkien nagħtu sehemna mingħajr interess ta' xejn biex din is-soċjetà tibqa miexja 'l quddiem, u nsellem ukoll lil kull min jagħti xi mezz ta' volontarjat lil għajru.

Nixtieq qabel nagħlaq dan il-messaġġ, nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, b'mod speċjali lil dawk l-anzjani li għalihom IL-VITORJA kienet l-isbaħ żmien ta' ħajjithom.

Viva Marija Bambina.

SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Opening hours:
Mon – Tues 06.00 – 18.00
Wed 06.00 – 13.00
Thurs - Fri 06.00 – 18.00
Sat 06.00 – 14.00
Sun Closed

Ġo Ġo
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**







Kemm jekk ser issiefer, tagħmel ix-xiri tiegħek jew tiekol barra, il-kards tal-BOV joffrulek konvenjenza, flessibiltà u serħan il-moħħ.

*Termini u kundizzjonijiet japplikaw.*

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

You're in for a treat

*All the family will love our new delicious signature dishes, created by our Chefs for you to enjoy at our great value restaurant, with views of Malta's most popular beach - Għadira Bay.*









TRAMUN TAGHNA

BISTRO • GRILL • CAFE

db Seabank Resort + Spa, Mellieha Bay

Reservations: 2289 1774 • www.dbhotelsresorts.com



# Bandisti Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà

*Clayton Vella*
*Chairperson - Kummissjoni Banda u Kor*



Reġgħet waslet il-festa tagħna! Kif jgħaddi ż-żmien! Erġajt ninsab qed nikteb kelmtejn fuq il-ktieb tal-festa li l-għaqda Mużikali Imperial toħrog ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa Ad Unur Marija Bambina. F'dawn il-kelmiet ser nagħti ħarsa ta' kemm huwa importanti illi Għaqda Mużikali jkollha bandisti żgħażagħ fi ħdanha.

Illum il-ġurnata, fi programm li banda ttella', kemm dak ta' żmien il-festa kif ukoll xi programmi oħra li jkollha matul is-sena, l-għażla tal-mużika li jagħżel is-surmast direttur hija ferm differenti minn dik li tkun indaqqet fi żminijiet preċedenti. Qabel kont tmur tisma' programm mużikali u tista' tgħid li kien ikun programm kollu bbażat fuq mużika operistika. Illum il-ġurnata għad fadal nies li jħobbu jisimgħu dik it-tip ta' mużika imma l-ammont naqas drastikament. Allura wieħed irid jaġġorna ruħu billi tindaqq mużika addattata għall-udjenza li jkollu tisimgħu. Mużika aktar moderna. Dan irid isir mingħajr ma tarmi tal-imgħoddi. Allura programm mużikali għandu jkun varjat biex jolqot lil kull min qed jisimgħu.

Dan jgħodd ukoll għall-bandisti li jkunu qed idoqqu. F'għaqda mużikali huwa ferm importanti li jkollok żgħażagħ, flimkien ma' dawk aktar adulti, għax b'hekk wieħed ikun jista' jgħin lill-ieħor fejn jidħol kunċett ta' mużika moderna, fejn illum issib mużika b'tempijiet li fl-imgħoddi ma kinux jintużaw. Għalhekk irid ikun il-bandist żagħżugħ li bl-entużjażmu tiegħu jgħin lil dak il-bandist aktar veteran minnu. Dan għandu jsir imma b'mod ta' koperazzjoni flimkien. Ġieli jkollok mumenti fejn il-moħħ tal-bniedem jgħidlek 'issa kbirt u ilni ndoqq, ħa nwarrab!' Dan mhux dejjem għandu jkun il-każ għax kulħadd għandu x'joffri. L-adult għandu l-kunfidenza għax għandu l-esperjenza peress li jkun ilu jdoqq u għalhekk għandu jgħin lil dak il-bandist żagħżugħ f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra mbagħad, il-bandist żagħżugħ jista' jgħin peress li llum tilgħin f'ambjent mużikali differenti.

Illum il-ġurnata sfortunatament qegħdin ngħixu f'soċjetà fejn it-tfal, bejn skola, privatijiet, sports u xi naqra xogħol fi żmien il-vaganzi, ftit għadek issib min ikun irid jitgħallem xi strument mużikali. Għalkemm il-banda hija mod ta' kif il-ġisem jirrilassa, trid teħodha b'determinazzjoni u tkun kuntent li qed iddoqq għax inkella tkun qed taħli l-ħin tiegħek innifsek u ta' min ikun qed jieħu l-paċenzja kollha biex jagħtik dak it-tagħlim mużikali.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ biex jersqu 'l quddiem u jibdew jitgħallmu xi strument mużikali, għax huwa bl-element żagħżugħ li l-għaqda tista' timxi 'l quddiem.

**VS WHOLESALE**

103, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243

# Iż-żgħażagħ fi ħdan is-soċjetà

*Damian Vella*
Chairperson - Kummissjoni Żgħażagħ



Ħbieb, nixtieq nibda dan l-artiklu billi f'isem il-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial nawgura lill-Melleħin kollha kif ukoll lil sħabna minn bliet u rħula oħra li qed jiċċlebraw il-festa ad unur ta' Marija Bambina l-festa t-tajba. Jalla tkompli żżomm ħarsitha fuqna l-Maltin kollha għaż-żmien ġejjieni.

Aħna ż-żgħażagħ niffurmaw parti importanti mis-soċjetà. Apparti li jsir xogħol li jirrikjedi aktar il-lat fiżiku, bħat-tqassim tal-programm u tal-ktieb tal-festa kif ukoll il-ġarr ta' materjal għal xi attività mużikali, nagħtu wkoll is-sehem tagħna minn lenti żagħżugħa sabiex inkunu nistgħu niġbdu aktar żgħażagħ lejn il-każin. Għalkemm il-każin tagħna hu wieħed maħbub miż-żgħażagħ, ftit huma dawk li jkunu hemm is-sena kollha. Dan jista' jintwera evidentament hekk kif il-Kummissjoni hi ffurmata minn disa' membri biss. Minkejja dan, ta' min iżid li dawn il-membri jaħdmu bis-sħiħ is-sena kollha għall-ġid tal-każin u tal-komunità Melleħija. Uħud minn dawn l-istess membri jagħmlu parti minn kummissjonijiet oħra fi ħdan il-każin bħalma hija il-Kummissjoni Banda u Kor. Għalhekk minn hawnhekk inħeġġeġ lil kull min hu interessat sabiex jingħaqad magħna sabiex inkomplu nkabbru t-tim tagħna. Is-sehem tagħkom jista' jagħmel differenza kbira.

Fost l-attivitajiet li aħna norganizzaw matul is-sena nsibu diversi ikliet bħal *Wine and Pizza Night* għal Jum l-Omm u bejgħ ta' mqaret matul il-Milied Mellieħi. Il-Kummissjoni tagħmel ukoll xogħol li ma jidhirx bħal preparamenti ta' ritratti antiki biex inżommu l-paġna ta' *Facebook* attiva, kif ukoll nagħmlu laqgħat twal fejn jiġu diskussi temi differenti.

Nixtieq niringrazzja lill-membri tal-Kumitat Direttiv tal-għajnuna mutul is-sena u talli japprova wħud mill-attivitajiet li torganizza l-Kummissjoni Żgħażagħ. Nixtieq però nappella sabiex iż-żgħażagħ jibqa' jkollhom aktar leħen fis-soċjetà tagħna sabiex nibqgħu għaddejjin u l-ħeġġa ma tonqosx.

Qabel nikkonkludi nixtieq nirringrazzja u nuri l-aprezzament tiegħi lill-membri kollha tal-Kummissjoni Żgħażagħ tax-xogħol siewi li jagħmlu s-sena kollha, għalkemm kulħadd dejjem ikun imħabbat bix-xogħol jew bl-istudji tiegħu. Grazzi ħbieb!

Nagħlaq billi minn qalbi nerġa' nawguralkom il-festa t-tajba; ejjew ħa ngawdu dan iż-żmien festiv b'rispett u mingħajr inċidenti.

Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial.

**HORACE ENTERPRISES LTD.**

*Trophies & Sports Goods* — *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner | Windows Azure | HTML5 | ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google | Google Developers | facebook developers







Paradise Bay

LIDO | RESTAURANT | BAR

## PARADISE BAY LIDO

+356 21575491

+356 79575490

info@paradisebaylidomalta.com

paradisebaylidomalta.com

paradisebaylidomalta

# Chocolate is Good!!

*Julie Thomas*
**Director of the Imperial Choir**



Although chocolate isn't ideally good for the voice or throat before singing, I find that, after a great rehearsal, it is an excellent treat. Birthday treats, holiday celebrations, new additions to the family - any excuse really and we celebrate with a little chocolate surprise.

I was very honoured when I was asked by the Imperial Band Club to take over directing the Ladies Choir. It was a very scary position to fill as I was replacing Mrs Shirley Helleur. A hard act to follow as they say! However, I decided to take up the post as I knew I could do the job and hopefully take the ladies on to further glory.

I had a few worries before I started. Would I get on with the ladies? Would they get on with me? Would they get used to the way I work, and did I want to give up every Thursday evening on top of my other commitments? On the bright side, there were many positive points. Here was a willing group of lovely ladies ready to learn and give up their own precious spare time. I would be able to compose and arrange things for them, which I enjoy doing. Finally, I could share and perform some of the beautiful music I have enjoyed over the years. So, we began our journey together earlier in the year, and some seven months later I am still enjoying the ride.

It was a busy first quarter of the year. By the end of April, we had taken part in one exhibition opening at the Ċentru, one concert for Palm Sunday with the band, and a wedding mass at the Sanctuary, all of this using mostly new material.

We have also gone digital! We now have a Facebook page for the choir's use. It has made sharing information about rehearsals and music so easy. The members can also get their new music as mp3s and pdfs so they can do their homework. (Dropbox next!)

Since April we have not stopped. We sang at the St John Bonfire night in the Parish Square with the Band and, at the beginning of June, the ladies had the privilege of singing at a mass for Sister Antonietta to celebrate fifty years since leaving her home in Mellieha to enter a convent life. It was a lovely surprise for her when we ended the service with the Innu lill-Madonna Tal-Mellieħa

We are now preparing for the feast programme- again new material. The months have really flown by and it is a pity that we have no time to reflect on what we have achieved. There have been many comments as to how beautiful the ladies sound – especially in the Sanctuary Church and the Convent in Valletta. We have worked hard on producing a more rounded sound. We have worked on breathing and support, dynamics and diction, also strategies to help sight reading as many of the choir do not read music – yet!

I wish they could hear, as I can when I'm out in front of them, the 'Champagne' moments when they sound sublime. It is really lovely! Rich, like dark chocolate cream – it is beautiful. I am very proud of what 'my ladies' have achieved so far.

Oh, the chocolate? My treat for them when I can, is a plate of fresh chocolate brownies or a lovely gluten free chocolate baked fridge cake. If you want to treat yourself too here are the recipes:

### The Gluten-free Chocolate Fridge Cake

½ cup of water, ¼ tsp of salt, 227g unsalted butter, 6 eggs, 150g white sugar and 500g of dark chocolate.

- Set oven to 150 deg.
- Grease 10" round cake tin
- In a small pan over a medium heat, combine sugar, salt and water. Stir until dissolved and set aside.
- In a large bowl over a pan of boiling water melt the chocolate then pour into an electric mixing

bowl. Cut butter into pieces and beat into the chocolate a bit at a time.

- Beat in the sugar water then beat the eggs in one at a time.
- Pour the batter into the cake tin and place into a water bath of boiling water (a meat tray is good for this).
- Bake for 45 mins (centre will look wet but don't worry) then cool and place in refrigerator overnight.
- Take out of cake tin, cut up and enjoy!

**The Chocolate Brownies are even easier!**

- Preheat oven – 180deg
- Grease a 22 x 33 cm tin or (something close to that - my meat tin does it again)
- Mix the following ingredients in order in a large electric mixing bowl:-
- 400g caster sugar, 225g butter, 60g cocoa powder, 1 tsp vanilla extract, 4 eggs, 225g plain flour, ½ tsp baking powder and ½ tsp of salt.
- Mix till smooth.
- Bake for 25 mins or until a knife comes out clean from the centre of the cake.
- Cool and slice into squares
- Again – enjoy!

Wishing you and your families a very happy feast.

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on **info@imperialbandclub.com**

**Marianna Stationery**

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

**SANTA MARIA**
**Service Station**
Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**




John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Helping you in life's most difficult moments
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay
SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay
SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: info@johnbrayandson.com
jbray@onvol.net
Funeral Services:
Triq Salvinu Vella, Mellieħa
Tel: 21522400



WE STRIVE TO TEACH YOU TO DRIVE SAFELY & SECURELY FOR A LIFETIME
THE ONLY DRIVING SCHOOL YOU NEED TO CALL TO GET YOUR LICENCE
Member of:
Truck Driving Licence Package Ideal For Companies With Truck Fleets
Category 'C' & 'C+E' Licences
Professional Qualified Instructor
Instructor Service on Test Day
European Licence
DRIVE WELL
22 Years Experience
Male & Female Instructors • Manual & Automatic Cars • Individual Tuition
We Guarantee The Best Prices & Most Of All The Best Professional Service & Tuition
CALL 9949 8240
...and we'll take care of the rest!
DRIVEWELL MOTORING SCHOOL
Email: drivewell.ms@hotmail.com • www.drivewellmalta.com



Jesper's™
Danish Bakery
Danish Bakery Quality Product
Il-ħobża favorita tiegħek,
l'għażla naturali
Jesper's White Loaf
Jesper's Fruit Loaf
Trade enquiries: 2248 3600 / jespers@danishbakery.net
danishbakery.net

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121

# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal ikla fniek u xarba ġenwina mal-ħbieb bi prezzijiet raġonevoli*

**7, Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**
**Tel: 2152 3467**

*Il-familja Grima (tat-Trux) u McKenna jawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd u jirringrazzjaw lill-klijenti kollha.*

# Inħarsu dejjem 'il quddiem

*Philip Schembri*
Għalliem



L-Għaqda Mużikali tagħna twieldet fl-1930 sabiex tibqa' sħiħa, ħajja u attiva. L-għan ewlieni tal-Għaqda Mużikali Imperial hu li tferraħ lil kull min ikun qed jismagħha bid-diversi marċi u programmi li taf toffri din il-Banda.

Minbarra l-ħafna mpenji mużikali ta' matul is-sena, il-ħidma tal-banda tilħaq il-qofol tagħha fi żmien il-festa tal-Bambina li tikkonċerna prinċipalment is-sehem tagħha biex toħloq u tikkultiva atmosfera ta' ferħ u briju fit-toroq ta' raħalna u permezz tal-Programm Mużikali tat-2 ta' Settembru. Infakkar li ġew rekordjati sett ta' marċi għal dawk l-ammiraturi kollha li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna.

Naturalment, biex toħloq attivitajiet bħal dawn jeħtieġ l-għajnuna u l-isforzi ta' ħafna, flimkien mal-impenn sħiħ tas-Surmast, il-Bandisti, il-Kummissjoni Banda u l-Kor u l-Kumitat Direttiv, u lil dawn għandna għalfejn nirringrazzjawhom.

Kontra qalbi u b'dispjaċir ikolli ngħid li l-appell li s-Surmast u jien dejjem nagħmlu biex inħajru aktar tfal jinteressaw ruħhom fit-tagħlim tal-mużika qed jaqa' fuq widnejn torox. Għalhekk qiegħed nerġa' nagħmel l-appell tiegħi lill-ġenituri sabiex jippruvaw inisslu din il-ħajra f'uliedhom.

Nerġa' nirringrazzja lil min b'kull mod jgħin lill-Għaqda tagħna matul is-sena kollha. Kulħadd qed jara l-mixja 'l quddiem li qed tagħmel din l-Għaqda u b'hekk għandna nkomplu nimtlew bil-kuraġġ biex naħdmu għall-ġid tal-Għaqda u l-Banda tagħna u għall-festa tal-Bambina.

Il-Festa t-Tajba.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

***Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial***

**SELMUN**
**TAL-FNIEK**
**Bar & Restaurant**
***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***
**Large Groups are Welcome**
**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**



**LIVE Sport events on BIG SCREEN**




General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com

PARADISE BAY
Resort Hotel
★★★★








Marfa Road, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
**T.** (+356) 2152 1166 **F.** (+356) 2152 1153
**E.** events@paradise-bay.com

www.paradise-bay.com

Find us on: facebook

# The Ides of marches
## (with apologies to William Shakespeare's Julius Caesar)

Geoff Thomas
Għalliem



Malta is rich. This country has a wealth of riches, so why do we not care enough about them? I'm not talking here about the multi-storey monstrosities which are being built, or the green belt or old buildings which are being destroyed, but the artistic heritage of the Maltese islands. The Maltese culture is a rich one, with writings, bindings, paintings, buildings, and compositions going back many centuries. So why are they not being properly protected and preserved? To be fair, the situation is improving but I want to discuss the richness of our band marches.

***…the good is oft interred with their bones.*** It's probably impossible to estimate the number of band marches that have been written over the last one and a half centuries. Some composers have over a hundred to their names, some just a few. The vast majority of these marches are hand-written, the originals in many cases have been lost and frequently bands play on dimly-lit streets from copies of copies which are now indistinct, illegible and even incomplete. To exacerbate matters:

- some of the originals contain mistakes and each band who plays them makes their own 'corrections';
- percussionists often improvise their parts;
- even people who 'remember' the original disagree;
- when scores and parts are corrected, these corrections are ignored because people 'know how it should go';
- some are written to a formula with little regard for the underlying harmony;
- many marches are written out in parts from a short score and are not checked;
- in the days before composition software, copying from one voice to another sometimes led to mistakes in transposition;
- the marches are 'performed from memory' during feasts;
- today's bands have different instruments and/or a different balance to the bands of fifty, hundred and a hundred and fifty years ago; and
- people do not want to touch the marches which mean so much to them – they are almost sacred.

The result is that bands now play music which is sometimes far removed from the composers' intentions in rhythm, or melody, or harmony. So why am I interested or bothered? What right do I have, as a 'barrani', to pass comment? I meddle with no tradesmen's matters … I am, indeed, a surgeon to old music and marches; when they are in great danger, I recover them.

***There is a tide in the affairs of men which, taken at the flood, leads on to fortune.***

On a recent trip to my cultural home of Wales, I was reminded how important it is to protect your heritage. I was delighted that the efforts of my contemporaries of forty years ago have borne fruit and flourished. Malta could learn from Wales in some key areas. Why? Wales and Malta have many similarities. Both are small countries with a language spoken by fewer than six hundred thousand people worldwide. The languages from both are, or have been, under threat by other languages; many people think that they 'belong' to other countries; the Maltese and Welsh are fiercely proud of their country and language.

There are new traffic and road signs in Maltese, there are several television and radio channels in Maltese, new books are still published in Maltese, there are many things which are intrinsically Maltese. So, what doesn't Malta have? It doesn't have a mainstream publisher of Maltese music. Why not? Maltese is spoken by the majority of the residents of Malta; Welsh is only spoken by about 25% of those living in Wales, and only about 12%

speak it fluently. It is time to protect the culture of Malta, especially its music.

***I come to praise the marches, not to bury them.***

So, back to the marches. On a scale of 1 to 10, there are marches right across the spectrum, but every band player knows a 10. Why not produce an edition of the best of Maltese marches, which stand up against the best in the world, and publish this music? Let's edit these marches so that there is a definitive version which can be played not only by Maltese bands, but also that we may 'bestride the narrow world'. Let the heavens speed us in this enterprise: it's time for the Għaqda Każini tal-Banda to act in collaboration with the band clubs, their players, conductors and committees, and celebrate the centuries-old tradition of bands in Malta with a tangible record of our priceless musical history. So, this is my answer: - not that I loved marches less, but that I loved Maltese music more.

***Speak bands for me…***

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd




outdoor
lifemalta.com
Malta's first online outdoor magazine
Outdoor Life Malta is a new online magazine comprising of news, tips, interviews, advice, and product reviews with a focus on the great outdoors. From fishing to hunting, wildlife to trekking, and diving to clay pigeon shooting, Outdoor Life Malta has it covered.
www.outdoorlifemalta.com


Paws'n'Claws
Pet Shop
Veterinary & Grooming
find us on facebook
Paws 'n' Claws Malta
Selling the best brands of food on the market
Near Mellieha By-pass by the old quarry
Food - Accessories - Toys
Triq L-Għorgħar, Mellieħa Mob: 7982 4046 - 9988 3434




munchies
bistro & lido...mellieha bay

## Cash & Carry

Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa

Special Offers!

Phone Orders are accepted!

Vast range of **top-brand** products at **super-saver** prices!

Perfumes Baby Products Skin Care
Detergents Toiletries Cleaning Equipment
Car Care Products Washing Liquids & Powders
... and much, much more!

Opening Hours:
Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00

Free Deliveries!



## Ta' Kanani

Pizzeria • Bar • Restaurant
3 Main Street,
Mellieħa

Tel: 21522562

Take Away Pizza
also available

*Alex Briffa – Chef*
*Alfred Xuereb – Manager*

*Try our Pizza and you won't be disappointed*



*For Quality Metal Works at Competitive Prices*






**JOE GAUCI**
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2017



*Avv. Noel Camilleri*
President GĦKB

Is-Soċjetajiet tal-baned tagħna huma sinonimi mal-festi Maltin u dan għaliex m'hemmx dubju li l-każini tal-banda jagħrfu li l-festi fil-lokalitajiet fejn huma stabbiliti huma parti integrali mill-fibra reliġjuża, kulturali u soċjali ta' pajjiżna. L-enerġija u l-entużjażmu li jittrasmettu l-għaqdiet mużikali lill-poplu kollu fil-ħidma tagħhom biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fil-festi tagħna hija xi ħaġa li kulħadd jammira u jirrikonoxxi. Dan jieħu xejra akbar ta' ammirazzjoni meta wieħed jiftakar li ħafna xogħol li jsir huwa kollu volontarju. Il-fatt li, minkejja ħafna diffikultajiet, l-element volontarju jibqa' jipprevalixxi fl-istrutturi tas-soċjetajiet mużikali għandu jkollu rikonoxximenti akbar minn kull ċittadin li għandu għal qalbu l-kultura f'pajjiżna u għandu jgħin biex dan l-element fundamentali ta' kull soċjetà jibqa' b'saħħtu.

Mingħajr dubju, il-ħoss melodjuż tal-mużika tal-baned tagħna jagħti ħajja lill-festi tagħna u dan flimkien ma' elementi oħra importanti bħall-arti piroteknika u l-armar artistiku li huma kollha l-għożża ta' ħafna. Dan kollu jagħmel il-festi tagħna kulturalment, soċjalment imma mhux anqas reliġjożament parti integrali mill-kalendarju tal-ħajja ta' pajjiżna. Li hu żgur hu li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu li għandhom l-obbligu li s-sabiħ tal-festi jibqa' jitħares u jkun protett, u dan isir b'ħafna sagrifiċċju minn min imexxi l-każini tal-baned tagħna.

Matul il-perjodu tal-festi huwa naturali li jkun hemm aspettattivi kbar mhux biss mill-partitarji u mill-benefatturi ta' soċjetà mużikali partikolari, imma anke mill-komunità nnifisha biex tara li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jkunu sbieħ. Dan kollu jpoġġi pressjoni akbar fuq id-diriġenti tas-soċjetajiet mużikali biex jaraw li l-festi tagħna jibqgħu jkunu avvenimenti importanti fil-kalendarju kulturali u reliġjuż ta' pajjiżna. Madanakollu, huwa importanti li bħala soċjetajiet mużikali, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u anke lokali, kemm dawk ċivili u dawk reliġjużi, naraw li l-festi tagħna u allura l-ħidma tal-għaqdiet mużikali ma tkunx imtappna.

Huwa mertu tas-soċjetajiet mużikali, li kontinwament jaħdmu biex jaraw li ma jkunx hemm eċċessi fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi għaliex jagħrfu li l-eċċessi ma jagħmlux ġid iżda ħafna drabi jwasslu biex il-festi jintużaw għal affarijiet li żgur kulħadd jaqbel li jagħmlu ħsara, b'mod partikolari lil dawk li jagħmlu s-sena kollha jaħdmu fl-interess tas-soċjetà mużikali, imma wkoll tal-komunità fejn jgħixu.

Il-festa għandha tibqa' waħda li fiha l-komunità tingħaqad biex issaħħaħ l-identità kulturali tagħha, dik reliġjuża, kif ukoll dik soċjali u anke dik bħala nukleu familjari, għaliex kulħadd jagħraf kemm huma importanti li l-ġranet tal-festa jintużaw b'mod tajjeb, san u li jkunu ta' ġid veru għal kull min jieħu sehem fihom.

Għalhekk f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda, filwaqt li nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-Soċjetà Mużikali għall-ħidma tagħha, inħeġġeġ li dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjoni tal-festa li verament tkun okkażjoni ta' għaqda u li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu r-responsabiltà li jiċċelebraw il-festa b'maturità u b'serjetà ħalli ma jintilifx is-sens kulturali u tradizzjonali tal-festi Maltin u Għawdxin.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**


www.dbproperties.com
dbproperties Malta

# Evergreen

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

# V. Debono

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**



# Djarju 2016 - 2017

23 t'Awwissu 2016 – *Video recording* waqt kunċert tal-Banda Imperial ikkummissjonat mill-'Majjistral Action Group Foundation' bħala parti minn dokumentarju fuq l-iskema 'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies' li bbenefikat minnha l-Għaqda Mużikali Imperial.

Mill-24 t'Awwissu sad-9 ta' Settembru 2016 - Programm t'attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

28 t'Awwissu 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

1 ta' Settembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.



3 ta' Settembru 2016 – Il-President, is-Segretarju Ġenerali u s-Surmast Direttur ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi 2016' fl-*istudios* ta' ONE Radio fil-Marsa.

4 ta' Settembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-Festa mis-Società Filarmonica La Vittoria.

5 ta' Settembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat akkumpanjat għall-funeral tas-Sur Sunny Abela, Segretarju Ġenerali tal-Mellieħa Sports Club.

5 ta' Settembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

10 ta' Settembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

30 ta' Settembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fl-Uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

3 t'Ottubru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa.

5 t'Ottubru 2016 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

9/16 t'Ottubru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokjali.

10 t'Ottubru 2016 - Sar il-funeral ta' Carmen Vella, membru tas-Soċjetà u mart Joseph Vella bin Mro Salvinu Vella, surmast tal-Banda Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

25 t'Ottubru 2016 – Saret il-laqgħa ġenerali tal-Banda u l-Kor ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ġiet maħtura l-Kummissjoni Banda u Kor għas-snin 2016-17.

2 ta' Novembru 2016 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

3 ta' Novembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa u l-Manikata.

13 ta' Novembru 2016 - Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar





korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw xi innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

14 ta' Novembru 2016 – Il-Banda Imperial tellgħet programm waqt iż-żjara li kontinġent mir-Royal Marines Association (Malta Branch) għamel ġewwa l-Każin Imperial.



16 ta' Novembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda li saret fl-Uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

18 ta' Novembru 2016 - Saret l-ikla annwali għall-bandisti u membri tal-Kor Imperial flimkien



mal-familjari tagħhom fil-Każin. Din l-ikla serviet ukoll bħala okkażjoni sabiex irringrazzjajna lil Shirley Helleur għax-xogħol siewi tagħha mal-Kor Imperial qabel ma temmet din il-kariga.

22 ta' Novembru 2016 – Membri tal-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

25 ta' Novembru 2016 – Saret il-laqgħa ġenerali taż-żgħażagħ ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ġiet maħtura l-Kummissjoni Żgħażagħ għas-snin 2016-17.

3 ta' Diċembru 2016 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert Mużikali Annwali mtella' mill-Banda La Vittoria ġewwa d-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

7 ta' Diċembru 2016 - Sar *Coffee Morning* speċjali tal-Milied ġewwa s-Sala ewlenija tal-każin.

8 ta' Diċembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għaċ-ċerimonja organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata fejn sar il-Ftuħ tal-Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea "Small Markets at the Heart of the EU Economy".



9 sat-12 ta' Diċembru 2016 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem permezz ta' bejgħ ta' mqaret fl-attivitajiet organizzati waqt Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

10 ta' Diċembru 2016 – Programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial f'Misraħ



iż-Żjara tal-Papa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet ta' Milied Mellieħi.

11 ta' Diċembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali mtella' mill-Banda Prekursur tax-Xewkija Għawdex fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda.

18 ta' Diċembru 2016 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ tal-attività "Ħarab il-Bambin" organizzata minn Arkeo u Selmun Residents' Association fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi Selmun Imġiebaħ.



24 ta' Diċembru 2016 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin tal-istess Għaqda fil-Pjazza tal-Parroċċa.

26 ta' Diċembru 2016 - Il-Banda u l-Kor Imperial esegwew programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

4 ta' Jannar 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.



4 ta' Jannar 2017 – Is-Sinjura Julie Thomas ġiet maħtura bħala d-Direttriċi l-ġdida tal-Kor Imperial waqt Seduta tal-Kumitat Direttiv. Is-Sunjura Thomas ħadet id-direzzjoni tal-Kor Imperial wara li s-Sinjura Shirley Helleur ma setgħetx tkompli b'dan l-inkarigu għal raġunijiet personali.

6 ta' Jannar 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda bħala awgurju għall-ħidma matul is-Sena l-Ġdida li sar fil-Każin tal-Banda San Ġorġ, Ħal Qormi.

17 ta' Jannar 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fis-Sala tal-Kunsill.

1 ta' Frar 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

1 ta' Frar 2017 – L-appalt tal-Bar tal-Każin Imperial għas-snin 2017-2018 għadda għand is-Sinjorina Natasha Grima. Is-Sinjorina Grima ġiet magħżula waqt Seduta tal-Kumitat Direttiv li saret nhar l-4 ta' Jannar 2017 fejn infetħu u ġew evalwati l-offerti magħmula.

4 ta' Frar 2017 - Sar il-funeral ta' Paul Cini, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

5 ta' Frar 2017 - Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' "Jum l-Imġarr" organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Jakkumpanjaw lill-Banda kien hemm il-Kor Regina Coeli tal-Imġarr.

13 ta' Frar 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda fil-Każin tal-Banda San Gabriel, Ħal Balzan, fejn ġew approvati l-istatut il-ġdid tal-Għaqda Każini tal-Banda u l-ftehim milħuq mal-Union tar-Riċevituri tal-Banek tal-Lottu.

16 ta' Frar 2017 - Sar il-funeral ta' Ġużeppi Sammut, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

24 ta' Frar 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda San Ġużepp f'Ħal Għaxaq.

1 ta' Marzu 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

4 ta' Marzu 2017 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja mill-Association of Model Engineers organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares.

11 ta' Marzu 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal *Project Development Workshop for Band Clubs* organizzat mill-Kunsill Malti tal-Arti u l-Għaqda Każini tal-Banda fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat, Malta.

14 ta' Marzu 2017 – Il-Banda Imperial tat sorpriża lill-bandist Toni Caruana f'għeluq sninu. Din is-sena Toni għalaq tmenin sena jdoqq mal-Banda Imperial.



25 ta' Marzu 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal serata speċjali tal-musical "Rajtek Tinbidel" fil-knisja Rotunda tax-Xewkija, Għawdex.

27 ta' Marzu 2017 – Delegazzjoni mill-Kummissjoni Żgħażagħ attendiet għal laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda għas-sezzjonijiet taż-żgħażagħ fi ħdan il-każini li saret fl-Uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

29 ta' Marzu 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda għas-segretarji u għas-surmastrijiet dwar il-formazzjoni ta' Banda Nazzjonali taż-Żgħażagħ li saret fl-Uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

29 ta' Marzu 2017 - Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa ġie organizzat qrar minn Fr. Steve Sciberras ġewwa l-każin.

4 t'April 2017 – Il-Kor Imperial ħa sehem waqt l-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli mtella' mill-Grupp Mejda tal-Appostli fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Mellieħa. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-inawgurazzjoni.

5 t'April 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

5 t'April 2017 – Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonica La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.




9 t'April 2017 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ ħadu sehem waqt quddiesa ċċelebrata fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ.

9 t'April 2017 – Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala Professur Godfrey Wettinger tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

13 t'April 2017 – L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-Viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

22 t'April 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal seminar organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda għas-segretarji u għall-arkivisti li sar fil-Kumpless tal-Patrijiet Tereżjani f'tas-Silġ, Marsaxlokk.

3 ta' Mejju 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

3 ta' Mejju 2017 - Sar il-funeral ta' Manuel Catania, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

6 ta' Mejju 2017 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pittura ta' Antonis Zenios organizzata mid-db Group u s-Soċjetà Filarmonica La Vittoria.

7 ta' Mejju 2017 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ u t-tberik tal-Qasam il-ġdid tal-M.U.S.E.U.M. tal-Mellieħa.

12 ta' Mejju 2017 – *Wine and Pizza Night* ġewwa l-Każin organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.



13 ta' Mejju 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tberik annwali tas-soċjetajiet Melleħin mill-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa, Dun Joe Caruana, li din is-sena sar fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa.

15 ta' Mejju 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda li saret fl-Uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun fejn ġiet imtella' l-polza biex tiddetermina l-parteċipazzjoni tal-baned fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Valletta 2018.

20 ta' Mejju 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-musical "Rajtek Tinbidel" li ġie mtella' fil-knisja Rotunda tax-Xewkija, Għawdex.

7 ta' Ġunju 2017 – Sar ir-*recording* ta' sett ta' marċi brijużi ġodda mill-Banda Imperial fis-Sala



tal-Każin. Dan is-sett ta' marċi se jiżżanżan fil-ġranet tal-Festa tal-Vitorja 2017.

9 ta' Ġunju 2017 - Sar il-funeral ta' Edward Camilleri, Membru Onorarju tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

9 ta' Ġunju 2017 - Membri tal-Kumitat attendew għal quddiesa b'sufraġju għal ruħ Francis Vella, benefattur tas-Soċjetà, li saret fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

18 ta' Ġunju 2017 - Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

23 ta' Ġunju 2017 - Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.



30 ta' Ġunju 2017 - Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

5 ta' Lulju 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

9 ta' Lulju 2017 - Il-Banda Imperial ħadet sehem



waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

10 ta' Lulju 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet u l-artisti tal-Mellieħa u l-Manikata.



11 ta' Lulju 2017 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

25 ta' Lulju 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2017 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

27 ta' Lulju 2017 - Sar il-funeral ta' John Bartolo, Membru Onorarju tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

2 t'Awwissu 2017 - Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

9 t'Awwissu 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bi preparazzjoni għall-Festa ta' Marija Bambina.



14 t'Awwissu 2017 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

20 t'Awwissu 2017 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

27 t'Awwissu 2017 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.



# Nifirħu lil...

- William Chetcuti li rebaħ il-Medalja tal-Bronż fit-Tazza tad-Dinja tal-ISSF li saret f'Ruma fid-dixxiplina tad-*Double Trap*.
- Kunsill Lokali tal-Mellieħa li kellu l-proġett tiegħu intitolat '*Small Markets at the Heart of the European Economy*' magħżul fid-disa' post minn fost mijiet ta' applikazzjonijiet biex jirċievi fondi Ewropej taħt il-Programm '*Europe for Citizens Programme, Strand 2 Measure 2.2 Network of Twinned Towns*'. Dan il-proġett qed isir flimkien ma' għaxart ibliet oħra Ewropej. L-ewwel konferenza minn fost sensiela ta' konferenzi li se jkunu organizzati saret Malta bejn it-8 u l-11 ta' Diċembru 2016 b'attendenza ta' iżjed minn 80 delegat barrani.
- Kunsill Lokali tal-Mellieħa li kklassifika fl-ewwel post fil-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2016 imniedi mill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.
- Carl Borg, Damian Vella u Ian Massa li ġew magħżula biex jiffurmaw parti mill-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ.
- Stephen Grima li flimkien ma' erba' freskanti internazzjonali oħra ħa sehem f'affresk bit-tema tal-ħobż - Sejħa għall-għaqda bejn il-ġnus.
- Alexandra Bult li pparteċipat fil-konkors ta' sbuħija ta' Miss Malta bħala Miss Mellieħa.
- Alexia Micallef li rrappreżentat lil Malta fil-Junior Eurovision Song Contest u kienet waħda mill-finalisti bil-kanzunetta *The Silence*, b'liema kanzunetta ntgħażlet ukoll għal *scholarship* fl-Italja.
- Ruth Micallef li rebħet it-titlu ta' *Athletic Woman* waqt il-kompetizzjoni tal-*body-building* u *fitness* fil-kampjonat Malti ta' NABBA/WFF.
- Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard li kiseb il-*warrant* ta' Psikologu Forensiku.
- Doreen Bonnici li rebħet il-Ħaddiema tas-Sena fil-qasam tal-lukandi fl-i*Star Awards* organizzati mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.
- Il-plejer versatili ta' Mosta FC, il-midfielder Mellieħi David Fenech li għamel il-100 dehra tiegħu fil-*Premier Division* Malti.
- Diane Cutajar, studenta tat-tieni sena fil-Malti Avvanzat li ħadet sehem f'Taħżiż 4 - proġett ta' kitba organizzat mill-Għaqda tal-Malti u mill-Aġenzija Żgħażagħ.
- L-Onorevoli Clayton Bartolo li ġie elett għall-ewwel darba fil-Parlament Malti fl-Elezzjoni Ġenerali li saret fit-3 ta' Ġunju 2017.
- Is-Sur Joseph Azzopardi li kien elett bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa wara r-riżenja tal-Onor. Clayton Bartolo.
- Lis-Sur Joseph Cauchi li ngħata l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa.
- Lis-Sinjura Mavis Bond, lis-Sinjura Bridgette Vassallo, lis-Sur Carmel Deguara u lill-Onorevoli Clayton Bartolo li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa.
- Lir-Reverendu Reginald Magri, lil Din l-Art Ħelwa, lis-Sur Censu Galea, lis-Sur Hertain Gauci u lis-Sur Antoine Barbara, li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.
- Gradwati kollha li ggradwaw fl-istudji rispettivi tagħhom. Nawgurawlhom is-suċċess kollu li ħadmu għalih matul dawn is-snin ta' studju.



# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Carmen Vella**
29 ta' Settembru 2016

**Paul Cini**
1 ta' Frar 2017

**Ġużeppi Sammut**
15 ta' Frar 2017

**Manuel Catania**
1 ta' Mejju 2017

**Edward Camilleri**
7 ta' Ġunju 2017

**John Bartolo**
25 ta' Lulju 2017

aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas f'dawn il-kategoriji:

• Teorija tal-Mużika
• Strumenti tal-Injam
• Strumenti tar-Ramm
• Strumenti tal-Perkussjoni

Tel: **21 520 536**

# Ir-Restawr tal-Ikona tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa 1972 - 2016

*Jimmy Muscat*

**1972**

Is-sena 1972, żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Schembri, kienet sena mportanti ħafna fl-istorja tal-Ikona tal-Madonna tal-Melllieħa, meqjuma għal tant mijiet ta' snin fis-Santwarju tagħha. Dik is-sena ġie deċiż li għandhom isiru tentattivi biex terġa' tinstab, jew aħjar tinkixef, ix-xbieha l-antika tal-Madonna.

Kien magħruf li kien hemm xbieha oħra mpenġija taħt mid-dokument miktub waqt il-Vista Pastorali tal-Isqof Mons Tommaso Gargallo tal-1587. Waqt din iż-żjara fil-Mellieħa, dan l-Isqof kien ordna li titpenġa xbieha oħra fuq dik li kien hemm għax ma kinitx għadha tidher sew għall-ħafna pellegrini li kienu jżuru s-Santwarju dak iż-żmien.

Biex titneħħa it-tpenġija li x'aktarx saret għall-ħabta tal-1610, biċċa xogħol delikata ħafna, tqabbad ir-restawratur Samuel Buġeja li, wara ħafna xogħol ta' paċenzja kbira u ta' sogru kbir, irnexxilu jneħħi ħafna mix-xbieha li kienet impenġija fuq l-oħra biex seta' jerġa' jġib għad-dawl dik antika. Niftakru jgħid li kienet biċċa xogħol ta' responsabbiltà enormi u għamel iljieli sħaħ ma jistax jorqod minħabba f'hekk. Meta kellu f'idejh 60 fil-mija tal-kwadru kollu, waqaf, u rrestawrah għax ma riedx jispiċċa b'inqas.

L-ikbar problemi għalih kienu l-wiċċ tal-Madonna, speċjalment qrib l-għajn xellugija tagħha, parti minn wiċċ il-Bambin u l-parti vojta li sab in-naħa ta' isfel. Dawn it-tliet partijiet tal-Ikona kienu ġew trattati ħażin waqt attakk tal-furbani nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju 1614. Id-diversi daqqiet li ngħatw bix-xwabel mill-furbani fuq ix-Xbieha tal-Madonna, l-iktar dawk fil-parti t'isfel, ġew mimlija b'kulur vjola, sinjal ċar li kienet parti miżjuda mir-restawratur biex jagħmel il-kwadru iktar unit.

**2016**

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Minn dakinhar sallum għaddew 45 sena u l-Ikona tal-Madonna reġa' kellha bżonn restawr għax kienet bdiet tiddeterjora sewwa. Tqabbdu restawraturi mill-Atelier del Restauro, magħmul minn konservazzjonisti Maltin u Taljani, li jispeċjalizzaw f'xogħol ta' konservazzjoni ta' xogħlijiet tal-arti. L-għan tagħhom huwa li, b'taħlita ta' tagħrif u esperjenza, jiksbu l-aħjar riżultati possibbli biex iħallu wirt artistiku mprezzabbli għal ġenerazzjonijiet futuri.

Wara xhur ta' studju dwar il-kwalità tal-blat, tal-kuluri u tal-ambjent ta' madwar l-Ikona u ta'







Xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa inkurunata fl-24 ta' Settembru 1899. Il-Mellieħa, Malta

ħafna aspetti oħra marbuta mar-restawr, beda x-xogħol biex tiġi rrestawrata u ppreservata l-Ikona antikissima u qaddisa tal-Madonna tal-Mellieħa.

Hawn qegħdin naraw kif tidher illum din l-Ikona wara tliet snin ta' xogħol li sar b'ħafna attenzjoni u reqqa mir-restawraturi Maltin u Taljani. Din ix-xbieha tal-epoka Siculo-Biżantina ġiet klassifikata bħala waħda **Hodegetria**, jiġifieri Dik li qed turi lil Binha Ġesù bħala t-Triq li aħna rridu ngħaddu minna biex finalment naslu għand Alla. Dak is-sebgħa kemm kemm jidher taħt għonq il-Madonna huwa indikattiv ħafna tal-pożizzjoni tal-id li parzjalment qed turi lil Ġesù.

Inħoss li l-iktar ħaġa mportanti huma dawk iż-żewġ kelmiet bil-Latin li ħarġu ċarissimi f'dan l-aħħar intervent ta' restawr, jiġifieri t-taqsira ***MAT***, għal **Mater**, Omm, li tidher fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn l-Ikona, u ***DEI,*** **Alla**, li tinsab fuq in-naħa l-oħra tal-lemin wara ras il-Madonna. Flimkien jagħtuna dak l-isem tant sabiħ li bih hi mżejna l-Madonna, dak li bil-Grieg huwa **Teotokos**, jiġifieri **Omm Alla**.

Illum għandna l-aħħar verżjoni ta' din ix-Xbieha hekk enigmatika, li tant ħabbtet u għadha tħabbat storiċi tal-arti. Fittixt fil-fond u fit-tul f'ħafna sorsi differenti li jitrattaw dwar l-ikoni tal-Madonna, kemm Ortodossi Russi u Griegi u f'postijiet oħra biex nara jirnexxilix insib waħda tixbaħha, iżda qatt ma ltqajt ma' xi ħaġa simili.

Wara kollox, mhix il-pittura, ix-xbieha, l-istampa, li tagħmel is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa post qaddis, iżda l-preżenza tal-Beata Verġni Marija li tinħass meta wieħed jirfes mill-bieb 'il ġewwa. Hija dik ix-xi ħaġa li tiġbed lejha tant u tant pellegrini li jiġu minn kull parti tad-dinja jitolbuha u jaqilgħu l-grazzji li jeħtieġu bla ma ħadd ikun jaf x'ġara. Mirakli li jseħħu fis-silenzju tal-moħħ u tal-qalb ta' eluf ta' nies li jsibu s-serħan fil-preżenza tal-Omm Ħanina tal-Mellieħa.

L-istorja ta' din ix-Xbieha enigmatika ma tieqafx hawn u konvint li għad baqa' aktar tagħrif x'jinstab dwarha. Hemm probabiltà kbira li l-patrijiet Agostinjani kienu preżenti fis-Santwarju fis-Seklu 5 u l-Biżantini kienu hawn Malta madwar is-sena 800WK u possibilment jista' jagħti l-każ li hemm fdalijiet ta' xbieha oħra aktar antika mpenġija aktar 'l isfel fuq il-blat moħbija wara l-artal. Forsi ż-żmien għad jagħtina dawl aktar wiesa' dwar il-qedem tad-devozzjoni lejn il-Beata Ommna Marija tal-Mellieħa.

Ta' Peter

Bar, Restaurant &
Games Room

Specialising in
Maltese Cuisine
&
Fresh Fish Dishes.

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537




epc
MELLIEHA COMPUTER CENTRE
Shop Hours
Mon – Fri 08:30 – 19:00
Sat 09:00 – 13:00
26 Triq Sant Elena, Mellieha MLH1012
ONSITE & WORKSHOP REPAIRS ON ALL BRANDS
SALES OF COMPUTERS, LAPTOPS, TABLETS & ACCESSORIES
PRINTER CARTRIGES & TONERS
TAILOR-MADE PCs
CCTV & HALL PORTERS EQUIPMENT
AND INSTALLATION
Microsoft CERTIFIED
Microsoft CERTIFIED
USE COUPON CODE: IMPERIAL17
Use coupon code online for discounts.
www.epc.com.mt | T: 21525280 | M: 79043333


Microsoft Azure
The cloud for the modern day business.
Scalable cloud solutions with pay as you go capabities.
Office 365
Connect to your office from anywhere.
Step into Office and reconnect from any web browser or device.
EYETECH
we manage IT
We manage IT, so you don't have to.
Providing end to end IT solutions & services to meet your specific needs.
CONTACT US
A: 11/12 Melfar Building, Msida Malta
W: www.eyetechltd.com
E: sales@eyetechltd.com
T: +356 21 336 853
Microsoft Partner
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Software Asset Management
Silver Small Business

ALL NEEDS
THE D.I.Y STORE

FOR ALL KINDS OF
ENERGY SAVING LAMPS

19, St. Anne Street, Mellieha
Tel: 2152 1167



# B'apprezzament lis-Surmast Anthony Borg

## f'għeluq l-Għoxrin Anniversarju bħala Surmast Direttur

Kien eżattament għoxrin sena ilu, f'Settembru ta' l-1997, li s-Surmast Anthony Borg ħa d-direzzjoni mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial. Dan wara li fl-1988 kien ġie maħtur bħala Assistent Surmast Direttur tal-Banda Imperial u f'Settembru ta' sena wara dderieġa għall-ewwel darba l-Banda fil-pubbliku waqt il-programm annwali li l-Għaqda Mużikali Imperial ittella' fi żmien il-Festa. Minn dak iż-żmien, is-Surmast Borg qatt ma ħares lura. Baqa' attiv għal dawn is-snin kollha fit-tagħlim tal-mużika lill-aljievi tal-Għaqda Mużikali Imperial u rawwem f'ħafna tfal, żgħażagħ, adoloxxenti u adulti l-imħabba għall-mużika u għat-tagħlim serju tagħha.

Taħt il-bakketta tiegħu l-Banda Imperial kompliet tissaħħaħ u għaddiet minn żviluppi kbar. Kien prinċipalment b'inizjattiva tiegħu illi fl-1998 ġie mwaqqaf il-Kor Imperial biex jieħu sehem waqt attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial.

Huwa kien strumentali biex il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu diversi programmi ta' livell għoli, kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Ewlenin fosthom huma ż-żewġ żjarat ġewwa l-Ġermanja fl-1999 u fl-2004, iż-żewġ mawriet kulturali ġewwa l-Italja fl-2007 u fl-2015, u l-programm mużikali fil-bitħa tal-Palazz Presidenzjali ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-erbgħin sena ta' Malta Repubblika. Id-dedikazzjoni, l-impenn sħiħ, is-serjetà u l-professjonalità li dejjem wera s-Surmast Borg huma ta' eżempju tajjeb għal kull min huwa nvolut fil-qasam mużikali.

Il-President, il-Kumitat, il-bandisti u l-membri tal-Kor jingħaqdu biex b'leħen wieħed jirringrazzjaw lis-Surmast Borg għall-ħidma fejjieda tiegħu tul dan iż-żmien kollu u jawgurawlu ħafna iktar snin ta' xogħol b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Ad Multos Annos Maestro!



# It always seems impossible until it's done

*Pippa Roberts*

Steve Fenech has been involved in wheelchair dancing for 16 years. Whilst the last two years have seen Steve looking for a permanent dance partner, he has been active in promoting the advantages of wheelchair dance to both children and adults in schools and clubs around Malta.



The biennial Maltese Open to the World Championships is one of the biggest wheelchair dance competitions in the world and Steve is an integral part of the organization. Despite his disability he manages to meet and greet many of the International competitors, adjudicators and officials; organize transport as well as attending many of the meetings needed to organize the event. Pippa, Steve and Graziella, who recently joined the association as a committee member, make a formidable team.

For the 2016 Dance Spectacular Steve was partnered by Amanda Amira, who was determined that he would compete in the event, although she could not be his partner permanently. Their hard work was rewarded as they were placed 2nd in the Latin American Combi Class 2 Championships. For anyone who has not been to the Malta Dance Spectacular, you have missed something which is becoming "a not to be missed event". In the past there have been motorbikes and judges dancing in leather, zombies, coffins, cowboys and many other special dances by the officials. Many of the dancers return to Malta every two years to participate in this special event and already ten countries have confirmed they will be participating in the 2018 Spectacular and see what the fantastic opening theme will be.




Patience is a virtue they say, and Steve now has a new partner, Liza who is also from Mellieħa. Together with their trainer Pippa Roberts they are working to once again place Malta on the dance map. Their first competition was at the German Open, one of the largest competitions in the world where wheelchair dance is featured as an invitation competition. As Steve & Liza both reside in Mellieha, they are looking for a hall in Mellieħa so they may practice more easily.

Should anyone be able to help with regard to the practice space or make a donation please visit our website for details: www.maltawda.com or contact us on our facebook page: Malta Open Dance Spectacular 2018 or Malta Wheelchair DanceSport Association.

Just remember Steve says "ANYONE CAN DANCE"


YOUR
PROFESSIONAL
DRY CLEANING
PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean.
All you have to do is call or email us and we will offer a
free of charge collection and delivery.
SWAN
SWAN
LAUNDRY DRY CLEANING
Call 2248 2200
Email: dryclean@swanlaundry.com.mt
www.swan.com.mt
Dry Cleaning of suits, dresses, trousers, coats, curtains & merino blankets • Wet washing of shirts, quilts, carpets & blankets


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
SAVANNA
Bajda
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
DRUID
Ħamra
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com



Les Jardins restaurant

Open Daily for
Buffet Breakfast & Dinner

Sunday Buffet Lunch
available from October

T: 00356 2289 2000
E: events@maritim.com.mt

Open Everyday for
Lunch & Dinner

AL PONTE
PIZZERIA • RESTAURANT

T: 00356 2289 2745
F: alponterestaurant
E: info@alponterestaurant.com
URL: www.alponterestaurant.com






120 BAR

Open Daily

Showing
Major Sporting Events
Live

T: 00356 2289 2000
F: 120bar
E: events@maritim.com.mt

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

Group Bookings and Parties accepted

George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021
T: 00356 2289 2000 - F: maritim.malta - E: info@maritim.com.mt
URL: www.maritim.com.mt


Steffie's
Hair Studio
122, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: 2152 5100
Mob: 9986 1283
Tuesday Closed
bain de terre
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR


J & G
Discount
Discount Detergent Shop
Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948
Opening Hours
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00
Free
Delivery


J.ATTARD
SKIP HIRE & HIGH UP SERVICES
LARGE & MINI SKIPS +356 99460397
FREE SCRAP METAL COLLECTION +356 99820454



# Il-Każini tal-Banda

*Onorevoli Evarist Bartolo*
Ministru

L-istorja tal-każini tal-banda f'pajjiżna għandha l-għeruq tagħha mill-medju evu, meta l-mużiċisti ta' dak iż-żmien kienu jimxu wara l-purċissjoni tal-festa.

Il-banda kienet dejjem il-fibra tal-komunità - fl-antik meta l-baned kienu għadhom jibdew in-nies tar-raħal kienu jingħaqdu, flimkien ma' oħrajn tan-negozju, biex jgħaqqdu biżżejjed flus biex jixtru l-istrumenti mużikali. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-banda kienet ikona fl-irħula Maltin u Għawdxin: dak il-post fejn in-nies tar-raħal jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw.

Fl-erbgħinijiet numru kbir ta' każini tal-banda ġew iffurmati u kienet il-fondazzjoni tal-qasam kif nafuh illum. Però, ir-ruħ tal-każini u tat-tradizzjonijet m'humiex biss l-istorja, iżda n-nies u t-tiġdid tagħhom. Mingħajr tiġdid, dawn jispiċċaw. Xi kultant inħoss li d-dinja moderna u t-teknoloġija, minflok ġabuna iktar viċin, żiedu d-distanza bejnietna. Iżda l-festa dejjem iġġib sens ta' komunità fl-irħula tagħna. Iġġib magħha affarijiet importanti bħal għaqda, għajnuna lil xulxin fil-lat organizzattiv u ċelebrazzjoni. Hija parti mit-tradizzjoni Maltija li, minkejja t-tibdil tas-soċjetà tagħna, xorta waħda baqgħet waħda relevanti.

Il-każini tal-banda naħseb li jmorru oltre minn sempliċi daqq tal-mużika. Qabel xejn jipprovdu art fertili biex jissaħħaħ it-talent mużikali ta' ħafna żgħażagħ. It-tagħlim li jiġi offrut huwa wieħed importanti għax jattira lejh żgħażagħ li kieku forsi ma kinux jinteressaw ruħhom fil-mużika. Il-każini tal-banda huma parti essenzjali tal-komunità tagħna u jmorru lil hinn mill-mużika.

Il-każini tal-banda, bl-istorja kbira tagħhom, għal ħafna huma ċ-ċentru tar-raħal. Għal ħafna wkoll huma t-tieni familja.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

DAILY FRESH IS BEST

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa

# Il-Mellieħa - bejn dari u llum

*Kitba ta' Philip Borg*

Kull sena jistedinni ħabibi Joe Bartolo, biex nikteb xi ħaġa għall-ktieb tal-Banda Imperial fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja. Nofsi Mellieħi, imma nistqarr li dan ir-raħal pittoresk inżuru l-iktar għall-festa titulari. Minbarra li nġedded memorji tat-tfulija, meta mal-ġenituri Ġużeppi u Salvina, man-nanna Ġużeppa u maz-zijiet Gerit u Karmnu u l-kuġini, konna niġu ngawdu l-festa. Fl-istess waqt kull sena nara l-Mellieħa tkompli tinbidel u tikber - inqas raba u natura, u iktar sulari u konkrit.



Sabiħ il-progress u mhux la kemm twaqqfu, imma l-iżvilupp m'għandux jidfen kull bixra naturali li kellha l-Mellieħa ta' dari. Fl-istess waqt napprezza x-xogħol siewi li jwettaq il-Kunsill Lokali mmexxi minn ħabibi s-Sindku John Buttigieg u xogħol ieħor volontarju li jagħmlu nies ġenerużi, bħall-ħabib ta' tfuliti Toni Valletta u oħrajn. Xtaqt naqsam magħkom dak li jgħaddi minn moħħi kull sena.

Tul iż-żmien jinbidel kollox,
flok dal-bini kien hawn għalqa
kif nafuha fit-tfulija,
flok dal-blokk kien hawn mogħdija.

Ma nafx sew hux aħjar issa,
kumdità u suq ħa mmorru,
jew hux meta l-ġmiel kien benna,
l-arja safja kienet ġenna.

Illum li kbirt, dawn il-memorji jidhru eqreb, qishom il-bieraħ. U niġi bejn ħaltejn kienx aħjar il-bieraħ. Għax frattant il-kumdità jħobbha kulħadd u l-għaġġla tal-ħajja ġabitna nfittxu l-għażż tal-eħfef u l-iqsar. Darrietna nagħżlu d-dħaħen tal-vannijiet komdi, flok il-fwieħa ta' roqgħa sagħtar. Qisu l-griebeġ fis-sulari miksijin u mlewnin huma isbaħ mis-sejjiegħ ileqq bin-nidà niedja li kien idawwar ħabel raba. Għax sid l-għalqa miet u wliedu ppreferew l-eluf mill-blokki tal-konkrit, minn xi xkertejn ful jew patata. Aħjar il-qsim bejn l-aħwa - meta jiftehmu - jgħoddu l-eluf, milli jaqsmu daharhom jaħartu u jbejtu l-patata. Kont il-bank, ifuħ iktar mill-imgħażqa jew zappuna.

Il-valuri u l-ħiliet, it-talenti u d-drawwiet li waslu tul is-snin sa żmienna, huma l-identità tagħna - dak li aħna. Imma rridu nifhmu wkoll illi kieku fl-imgħoddi l-antenati tagħna kejlu bix-xiber ta' xi wħud illum, la għandna knejjes, la skejjel, la ħwienet u anqas djar u sptarijiet! Din hi l-ġlieda dejjiema bejn illum u l-bieraħ, bejn ġmiel u ħtieġa, bejn nostalġija u progress, bejn konservazzjoni u żvilupp.

Meta tikber, dan kollu tista' taħsbu u, bla ma taf, tieqaf u taħseb, tqabbel u tiżen. Imma jaqbillek li taħsbu fis-skiet għax taf issib il-gdiedem jekk tlissnu tgħajjat u jgħidulek 'kemm sirt qanżħa dejjem teqred'. Jew moħħok magħluq u baħnan. Is-suq isuq u l-flus saru l-aqwa valur.

Saħansitra kif nitkellmu nbidel maż-żmien. Id-djalett sar l-imgħawweġ u l-pulit sar dritt. U jekk tkun ġenwin, m'intix pulit. Jekk xi ħadd minn raħal ieħor ġie joqgħod ħdejk, il-ġar il-ġdid jikkundizzjonak kif titkellem. Mill-bieb 'il ġewwa tibqa' Mellieħi ġenwin, mill-bieb 'il barra tinża' l-ġenwinità biex togħġob lill-ġar li qajla jaf kemm hu kbir il-wirt tal-Melliħin. Raġuni, jew aħjar, skuża oħra biex il-Mellieħa tissokta tinbidel maż-żmien... jew agħar, tinża' għerja mir-ruħ tagħha għax tistħi minn nisilha.

Ħasra l-ġar sajjem minn kollox
irid jibdel kulma sab
u jimponi l-gosti tiegħu
biex kulm'għandna nagħmluh trab.

Merħba bik jekk ġejt tgħix fostna,
agħraf ftit dan il-wirt tagħna
sewwa sew dan hu li aħna
jekk ġejt fostna, aċċettana.

Fil-Mellieħa hemm wirt ta' snajja', parti mill-kultura ta' poplu, li fih seħer u preġju kbir. L-arti u l-istorja mhumiex esklussivament miġburin fil-ħitan żonqrin tal-Knisja Arċipretali. Hawn bixriet oħra ta' kultura fl-istess familji tagħna mxerrdin madwar raħal qadim li llum kiber fid-daqs ta' ċentru kummerċjali u turistiku. Ikun għajb li fit-tkabbir demografiku jew residenzjali jintradmu u jintilfu tant tifkiriet li jixhdu l-ġenju ta' dari.



Saħansitra l-ilsien li bih tkellmu dejjem niesna tul is-snin, bl-aċċent u t-tonalità tagħhom – dak ukoll huwa biċċa ħajja mill-wirt Mellieħi. Hawn ukoll jidħol il-kunċett li ħadd m'għandu l-jedd jimponi fuqna... jaqsam magħna iva, imma mhux narmu dak li kien tagħna dejjem biex nogħġbuh.

L-istess jista' jingħad għall-festa meta l-antarjoli u l-armar irħamat b'tant ħila, il-ħsejjes tal-murtali - għad li l-qies u r-rażan huma dejjem sbieħ, jew id-daqq ferrieħ tal-qniepen u l-briju tal-marċ idejqu lill-ġar sajjem minn kull ħjiel ta' drawwiet ta' kif dejjem iċċelebraw il-Melliħin mas-snin. Kemm tiddarras meta l-ġar igerger u jmaqdar u jinsa li jistma lil min laqgħu biex jgħix biswitu. Tkun fil-ponta ta' lsienek tgħidlu "aħna konna hawn qablek u hawn kienu missirijietna sekli sħaħ biex ħallewlna dawn id-drawwiet!" U jekk ma jifhimx biżżejjed titħajjar tfakkru fil-qawl li min jikriha jrid joqgħod għaliha!

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Mellieħa kienet il-Mellieħa diġà kbira u magħrufa meta rħula oħra tal-lum kienu għadhom biss meded ta' raba u xagħri. Kultant nitħasseb li jkun hawn min jippretendi li jista' jgħallem 'l ommu tbennen! Għalhekk nemmen li huwa tajjeb nitħalltu u nikbru flimkien, iżda t-tkabbir ta' raħal ma jfissirx il-mewt tal-omm biex l-ulied u l-mistednin jiżfnu fuq qabarha!

Jaqbel sew li nagħrfu ġmielna
fil-Mellieħa b'wirt sabiħ,
biex tkabbir, bidla jew żieda
fil-ġejjien jagħnuha b'ġieħ!

Kemm hu sew li f'jiem il-festa
naqsmu lkoll ħsiebna flimkien,
qlubna jgħajtu ħsus ta' għożża
għall-Mellieħa tul iż-żmien!

Nittama li dawn il-ħsibijiet jiswew biex ngħożżu l-wirt tal-imgħoddi u ma nħalluhx jindifen mill-preżent. Ġenerazzjoni li tarmi l-wirt ta' min għex qabilha ma tkunx denja ta' nisilha! Mhux ġust tinħeba biex togħġob lil min iżurek...

Il-festa t-tajba lill-Melliħin kollha!

***26.vi.2017***



# EUROMED LIMITED

264, Main Street, Mellieħa MLH 2317

Atlas Group

Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited

Insurance for Motor - Home - Travel - Boat - Health - Businesses

Free Road Assistance for all Private Comprehensive Vehicles and reduced membership fees for all other motor policies.

Contact Euromed today on:
2152 1025/6 to benefit from special discounts.

Euromed Limited in enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 by enrolment number C 11199, to act as a Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited, which are authorized under the Act and regulated by the Malta Financial Services Authority. Atlas Healthcare Insurance Agency Limited act as agents for AXA PPP Healthcare Limited. The policies are underwritten by the companies concerned.

# DAINTY

CLOTHING & FOOTWEAR

**Tel 21523538**

We accept
one 4 all
gift vouchers

TIMEZONE

SCOTCH & SODA



# Joe's Barber Shop

Gents Hairstylist

6, Triq In-Ninfa Calypso
Mellieħa. Malta
MLH 1916

**Tel: 79701593 / 21521136**

Opening Hours
Mon-Wed-Fri: 5.00pm to 7.00pm
Sat: 9.00am to 12.30pm

# ta' titta confectionery

152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa

Mob: 98127903





# L-Għaqda Mużikali Imperial – Għaqda Kulturalment Ħajja

*Onorevoli Clayton Bartolo*
*Membru Parlamentari*

Għaqda mużikali ħajja tkun għaddejja bil-ħidma tagħha matul is-sena kollha u mhux biss fil-ġimgħa tal-festa. Il-ħidma tvarja minn tagħlim tal-istudenti tal-mużika, għal laqgħat proċedurali u anke l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet mużikali. U l-Għaqda Mużikali Imperial mhix eċċezzjoni, hekk kif wieħed jara din l-Għaqda ħajja għaddejja b'diversi attivitajiet matul is-sena kollha. Saħansitra attivitajiet li jmorru lil hinn mill-isfera kulturali normali li nassoċċjaw għaqda mużikali magħha, u ta' dan wieħed għandu jifraħ lill-Għaqda għax qed tagħraf tkabbar l-għarfien kulturali fid-diversi forom tagħha.

Matul dawn is-snin li għaddew, kemm domt inservi fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, dejjem żammejt kuntatt mill-qrib mal-Kumitat tal-Għaqda. Kuntatt li sarraf sabiex din l-Għaqda kienet waħda mill-protagonisti ewlenin fil-qasam kulturali matul is-snin li għaddew. Qasam kulturali li kull ma jmur dejjem jiffjorixxi, u l-Għaqda Mużikali Imperial għarfet taħdem b'mod u manjiera sabiex tkabbar il-preżenza tagħha fil-lokalità u fl-istess waqt tieħu sehem f'diversi attivitajiet kulturali saħansitra fuq livell nazzjonali.

Wara l-elezzjoni ġenerali ta' Ġunju 2017, il-poplu tat-tnax-il distrett għoġbu jeleġġini sabiex nirrappreżentah fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż – il-Parlament. Dan ifisser li waqt li matul is-snin li għaddew il-ħidma tiegħi kienet iffukata fuq il-Mellieħa biss, minn issa 'l quddiem ħarsti tmur fuq id-distrett kollu. Madankollu, kif jistgħu jixhdu anke diversi membri tal-Għaqda stess, l-Għaqda Mużikali Imperial flimkien ma' diversi għaqdiet oħra Melleħin għandhom post speċjali għalija. Is-snin kollha ta' ħidma flimkien ma jintesew qatt, u dan ifisser li l-Għaqdiet kollha Melleħin se jkomplu jsibu l-appoġġ tiegħi sabiex ikomplu jaħdmu u jimxu 'l quddiem.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom b'risq il-Mellieħa matul is-snin li għaddew, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta' dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta' djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma mprezzabbli b'risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi tkompli tavvanza 'l quddiem u tkompli tistabilixxi ruħha bħala forza fil-qasam kulturali.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Marija Bambina!

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt



# "life is filled with endless hope" (Lilha Gitty Akita)

*Brian Roberts*

**"We pledge ourselves to liberate all our people from the continuing bondage of poverty deprivation, suffering gender and other discrimination"**

**– Nelson Mandela**

This year Kath and I visited South Africa as part of our extended trip from Australia. I was really excited as I had heard so many stories of how this country, which had suffered so much under apartheid, had managed to put so much suffering behind it and move forward.

My illusion was immediately shattered when we arrived in Durban. The local people were quick to tell us about the true state of the country. The dreams of Nelson Mandela were long gone to be replaced by ever growing corruption, cronyism and an invisible apartheid system ever bit as bad as that which had taken place under the old regime. The infrastructure of the country is crumbling; debt is spiralling out of control. Crime is uncontrollable. Ordinary people have to have armed guards to take their children to school. Houses are ringed with electric fences and CCTV cameras just to stop thieves. It was the same story in Cape Town and is reflected across the whole country. In Durban two of our fellow travellers were robbed and injured on a busy street whilst members of the public stood back and watched. The Police were called but no one came.

We were reliably informed the president has over 400 charges of corruption levelled against him with members of his family and compatriots to follow.

The wildlife in the games reserves is being decimated by poachers. The Rangers told us that there was very little funding to stop them and one told us with a tear in his eye.

"In a few years the only big cats and rhinos you will see will be in zoos outside Africa. We cannot protect them."

We saw at first hand beautiful white rhinos which had been sedated by poachers and their horns sawn off.

Townships such as those in Johannesburg are no go areas for the Police and while crime and deprivation continues, the "greedy" continue to make themselves rich.

It is a very sad story for such a beautiful country.

Our next country to visit was neighbouring Namibia, a country which had been part of South Africa before gaining its independence in 1990.

After our experience of South Africa we expected conditions in this developing country to be similar but as we entered Walvis Bay it was clear that this was different. The docks were thriving and dry docks full with large ships for repair. We had pre booked a tour to the Mondessa Township. Concerns were raised about safety and security but we were assured that it was safe and we would be welcomed by the locals.

On our journey to Mondessa approximately 100km from Walvis Bay we could see that there was a growing industrial base evolving, good roads and new houses being built. Our guide was quick to point out that since independence, apartheid had been all but eradicated and that all local tribes and other members of the community had come to live together.

There is a general misconception that apartheid was levelled whites against blacks but this was not the case. Under the "Population Registration Act" of 1950 all South Africans are classified by "Race"

1. Bantu Black Africans 2. Coloured (mixed race) 3. Whites 4. Asians which included Indians, Pakistanis and Chinese.

It was in the government's interests to keep all the black tribes apart so they could not prove to be a combined force against the ruling minority. Segregation and inequality even in basic needs such housing, education and health was introduced. A tribe which was in "favour" with the government would get better housing. Hence tribes were in a continuing warfare state which suited the government.

In Namibia the 1950 Act has been repealed and the country is going forward. When we talk about housing, those being built are only basic, one bedroom or two bedrooms with very basic amenities but after living in corrugated or cardboard structures this is a massive step forward. Most have shared toilets between as least four families but to them it is a luxury.



On our arrival at Mondessa Township the scale of the task ahead was obvious. On this dusty landscape over 25000 “cardboard” houses were home for 500000 people. No basic sanitation or amenities. No social security, so everyone has to scratch a living but it was clear the Government is making progress. New roads are being constructed; a thriving community centre provides help and advice on everyday subjects such as filling in job applications. A Kindergarten has opened to allow parents to travel daily for work in the nearby towns. At the community centre it was obvious from those involved that at least the people had hope for future generations. A programme from the local choir contained nothing but songs of happiness and hope.



We visited the local Primary school where we met very excited young children they shouted “The white people are here” and mobbed us as we entered the school grounds. The welcome we received from staff and children was overwhelming. They were very happy well nourished little children. Every child is entitiled to free education and at least one meal a day.

We took gifts of basic education needs. Pens, paper, books. All the things we take for granted but for this school it is like gold dust. Even photo copy paper was very gratefully received. One of the teachers, a German lady who is on attachment for a year told us the school had a very optimistic feeling for the future and providing the Government stays stable the children should have a good future ahead. When the children start secondary school each child is given an identical uniform free of charge so there can be no discrimination.

No alcohol is served in the township after 14:00 and crime is very low. As one resident told me “look around you we have nothing to steal. We may be poor but we care about each other.” I am not so naive to believe that everything is perfect but there was a note of sincerity in his voice which made me believe that at least they were trying to create a better life for their families and future generations. I sincerely hope so.



Our time in Mondessa proved to be a great experience. I think we all left with a different perspective on life. I remember saying to myself “We think we are so clever in our so called developed society but we have so much to learn from these people.” Humility, pride, hope and respect for each other was abundantly clear.

We saw a group of at least 12 people sitting around a table sharing a meal outside a makeshift home. Our guide said “In the township we share everything. When you consider that a family of six has to live on 50 cents a day. If they get 1 euro from selling their meagre wares they will share their good fortune with others”

It is very clear that it will take many years for those hopes to be fulfilled if ever at all.

Yes the dreams of Nelson Mandela have long disapperead in South Africa but where there is hope just maybe in the future another great man such as he will emerge and provide hope for people who rightly deserve it.

So as you are enjoying our wonderful Festa please give just one second thought to all those people round the world whose lives are filled with endless hope.

# "Il-Verġni Marija kienet meħtieġa għal Alla fl-inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla"

*Mons. Mosè Debono*

Fil-kitba ta' San Louis-Marie Grignion De Montfort: **"IL-VERA DEVOZZJONI LIL MARIJA"**, fost il-ħafna tifsiriet tal-"Vera Devozzjoni lil Marija", insibu li: "**Marija kienet meħtieġa għal Alla fl-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla". L-"Inkarnazzjoni".** Din il-kelma ma tinstabx fil-Bibbja bħala "kelma", iżda bħala "fatt"—l-ikbar għemil ta' Alla l-Missier għas-salvazzjoni tal-bnedmin—il-Miġja ta' Ibnu fid-dinja, meta ħa n-natura tagħna l-bnedmin, Hu li kien minn dejjem fi ħdan il-Missier, u wriena min hu Alla fil-kobor u l-ħniena tiegħu lejna l-bnedmin.

San Louis-Marie De Montfort, fl-ewwel artiklu tal-ktieb, jgħarrafna li: "**Kien biss permezz ta' Marija li Alla l-Missier tana lil Ibnu l-Waħdieni lid-dinja kollha".** Dak kollu li xtaqu, b'ħerqa kbira l-Patrijarki tat-Testment il-Qadim, biex jaraw is-Salvatur imwiegħed lilhom minn Alla, u t-talb tal-Profeti u tal-Qaddisin ukoll tat-Testment il-Qadim, matul erbat elef sena, madankollu, kienet biss l-Imqaddsa Verġni Marija li stħaqqilHa li ssib grazzja quddiem Alla (Luqa 1,30), bil-qawwa tat-talb tagħHa u bil-kobor tal-virtujiet tagħHa. Santu Wistin jgħid: "Id-dinja ma kienx jistħoqqilha li tirċievi direttament lill-Iben ta' Alla minn idejn il-Missier. Il-Missier ta lil Ibnu lil Marija, sabiex id-dinja (il-popli kollha tad-dinja), jirċevuH permezz ta' Marija".

L-Iben ta' Alla sar Bniedem biex isalvana: iżda kien f'Marija u biHa, li Alla l-Ispirtu s-Santu fforma lil Kristu f'Marija, imma dan sar wara li l-Ispirtu s-Santu talab l-approvazzjoni tagħha (tal-Madonna), permezz ta' wieħed mill-ogħla ministri tat-Tron ta' Alla—l-Arkanġlu Gabrijel.

**17.** Alla l-Missier ta l-qawwa lil Marija biex issir Omm, u f'dak kollu—għalkemm kreatura maħluqa — kien meħtieġ biex issir Omm, mhux biss ta' Binha Ġesù, imma wkoll tal-Membri tal-Ġisem Mistiku, jiġifieri tal-Knisja li kellu jwaqqaf dak l-istess Binha Ġesù. Din l-Għaqda, li tissejjaħ "Mistika", għax għandha sehem mill-misteri ta' Kristu, permezz tas-Sagramenti—"il-Misteri Qaddisa"—u fi Kristu, fil-Misteru tat-Trinità Qaddisa, Alla jsejħilna lkoll għal din l-Għaqda intima miegħu.

**18.** Alla l-Iben, niżel fil-ġuf verġinali ta' Marija bħala Adam il-Ġdid, fil-ġenna ta' din id-dinja, biex jieħu gost hemm (fid-dinja), u biex fil-moħbi, jagħmel għeġubiet tal-grazzja.

Alla, li sar Bniedem (Ġesù), sab il-libertà tiegħu billi jara Lilu nnifsu magħluq fil-ġuf tagħHa (ta' Marija). Huwa (Ġesù), għamel li l-qawwa Tiegħu ta' Alla, tiddi b'qawwa kbira billi jħalli Lilu Nnifsu mġarr minn Xbejba umli. Ġesù sab il-glorja Tiegħu u l-glorja tal-Missier, billi jaħbi l-għeġubijiet tiegħu mill-ħolqien kollu, hawn fid-dinja, filwaqt li wrihom biss, lill-Verġni Marija. Huwa faħħar l-indipendenza u l-kobor Tiegħu billi ħalla Lilu Nnifsu jiddependi minn dik il-Verġni ħelwa, fit-Tnissil tiegħu f'ġufHa, fit-Twelid Tiegħu, fil-Preżentazzjoni fit-Tempju, fil-ħajja moħbija tat-tletin sena f'Nażaret, u anke waqt il-Mewt Tiegħu fuq il-Kalvarju, fejn kienet Hi (Marija) preżenti, sabiex Hi, flimkien Miegħu (ma' Binha), jagħmlu l-istess sagrifiċċju wieħed, u offrut lill-Missier Etern, bil-kunsens tagħHa, l-istess bħalma Iżakk tal-qedem, kien offrut bil-kunsens ta' misssieru Abraham, skont ir-rieda ta' Alla. Kienet Hi, il-Madonna li rabbietu (lil Ġesù), għenitu u nkuraġġietu, u wasslitu saż-żmien stabbilit, għas-Sagrifiċċju tas-Salib, u fuq kollox, offrietu lil Alla għalina.

Oh! X'affarijiet tal-għaġeb u li ma jitfissrux f'dak li għandu x'jaqsam mad-dipendenza (li toqgħod taħt l-awtorità ta' Alla) ta' Alla, li l-Ispirtu s-Santu, ma jistax ikun li ma jkunx magħruf fil-Vanġelu—għalkemm Hu stess (l-Ispirtu s-Santu), ħbielna kważi l-affarijiet kollha tal-għaġeb, li l-Għerf ta' Alla magħmul Bniedem (Ġesù), ġarrab fil-ħajja moħbija Tiegħu—bħallikieku Hu (l-Ispirtu s-Santu), ried jgħinna nifhmu, almenu, bir-rivelazzjoni tiegħu (b'dak li kellu jiġri iktar tard), fuq il-glorja bla qies Tiegħu (tal-Ispirtu s-Santu).

Ġesù Kristu ta tifħir lil Alla l-Missier, bil-bosta aktar, billi qagħad għar-rieda ta' Ommu Marija, matul dawk it-tletin sena fil-ħajja f'Nażaret, milli kieku kkonverta n-nies kollha tad-dinja bil-mirakli kbar u tal-għaġeb li għamel. Oh! Kieku kemm konna iktar infaħħru lil Alla u nogħġbuH ħafna iktar, kieku aħna noqogħdu għar-rieda ta' Marija, bħalma għamel Ġesù għar-rieda ta' Ommu, li Hu l-uniku eżempju għalina!

**19.** Kieku aħna neżaminaw iktar fil-fond il-ħajja tal-Imqaddes Mulej tagħna Ġesù, malajr nindunaw li kienet ir-rieda tiegħu li jibda l-mirakli tiegħu b'Marija. Huwa qaddes lil San Ġwann (il-Battista) fil-ġuf ta' ommu Eliżabetta, imma dan ġara permezz tal-kliem ta' Marija. Bilkemm kienet għadha kif spiċċat titkellem li San Ġwann kien imqaddes; u dan kien l-ewwel miraklu tiegħu (minn Ġesù) tal-grazzja.

Fit-Tieġ ta' Kana, Ġesù biddel l-ilma f'inbid, imma dan il-miraklu sar wara li Ommu Marija talbitu, b'umiltà, biex jagħmel xi ħaġa; u dan kien l-ewwel miraklu minn Ġesù. Ġesù beda u kompla jagħmel il-mirakli permezz ta' Ommu Marija, u għadu jkomplihom, u jibqa' jagħmel hekk, permezz tagħHa, sal-aħħar tad-dinja.

**20.** Alla l-Ispirtu s-Santu, li ma nissel lil ħadd f'Alla—jiġifieri li ma pproduċiex persuna oħra divina—issa qiegħed jagħti l-frott tal-qawwa Tiegħu ta' Alla, permezz ta' Marija, li lilHa (lil Marija), issa, għamilHa l-Għarusa Tiegħu. Kien permezz tagħha, u biHa, li, l-Ispirtu s-Santu, għamel l-Aqwa Kapolavur—jiġifieri li Ġesù Alla, sar Bniedem, u l-Ispirtu s-Santu, se jibqa' kuljum inissel, sal-aħħar tad-dinja, lil dawk li huma ppredestinati (dawk li huma magħżulin minn qabel), u lill-Membri tal-Ġisem (il-Knisja ta' Kristu), li tagħHa Hu r-Ras. Din hi r-raġuni l-għala Hu—l-Ispirtu s-Santu—iktar kemm ifittex lil Marija—il-Maħbuba u qatt mifruda minnu (mill-Ispirtu s-Santu), permezzz tagħHa, l-Ispirtu s-Santu jsir dejjem iktar attiv u b'saħħtu, filli jnissel lil Ġesù Kristu fir-ruħ tal-bniedem, u r-ruħ tal-bniedem f'Ġesù Kristu.

**Meta aħna jirnexxielna nifhmu mqar xi ftit mill-missjoni li Alla fada f'idejn il-Verġni Mqaddsa Marija, f'dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni ta' ruħna, aħna dejjem aktar napprezzaw l-imħabba ta' Alla lejna lkoll, billi tana lill-istess Ommu biex tkun Ommna wkoll.**

**Jekk, wara dan l-għarfien fuq l-Imqaddsa Verġni Marija, li qrajna mill-għerf u l-qdusija ta' San Louis-Marie Grignion De Montfort, inżommuh u nipprattikawh tul ħajjitna kollha, inkunu verament iċċelebrajna, kif jixraq, il-Festa tal-Bambina—il-Vitorja.**


# MANUEL'S GARAGE

Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888


CHI
Products
Schwarzkopf
Professional HairCare for you.
HAIR SENSATIONS
BY LEANNE
SALON - 39, Triq In– Nahal , Mellieha
T – 2152 9292 , 9985 7010

SAMMY BUTTIGIEG
( CIKKIES )
FRESH FRUIT, VEGETABLES & EGGS SUPPLIER,
TO HOTELS, CATERERS & VENDORS
Cikkies Garage , Triq Gnien Ingraw, Mellieha
Mob: 79520615 Tel: 21523497 , 21520615

drifter
CAB SERVICE & CAR HIRE
t: 2152 3535



ROY THAI
SPECIALIST
Massage & Beauty Centre
MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY
34, Francis Zahra Street, Mellieha
M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist




SERIE A TIM
NEW SERIE A FAN ZONE
- Live Commentary
- Showing Multiple Games
Simultaneosly on our TV's and
Big Screen.
- Bar / Restaurant areas
- Great Food and Genuine Drinks
- Fully Airconditioned
REFLECTIONS
Sports Pub & Grill
Cross Square, Mellieha.
21523756 / 79536969
www.reflectionsmalta.com


Superline Feeds & Garden Centre
Your local petshop
St. Joseph Street
Mellieħa
21523060 / 79262549


FOR HIRE 99844678
ISUZU
Tower Ladder
Services
Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678


MARIO GAUCI
Fruit & Vegetable Seller
10, South Street,
Mellieħa
Daily vendor selling
at St. Paul's Bay and
Mellieħa
Mob: 9945 5717
ISUZU
DAJ-701

# Stejjer Minn Irdum il-Qawwi

Jeffrey Sammut
B.Ed (Hons) History & E.M.Y.

L-irdumijiet minn dejjem saħħru lill-bniedem - il-blat maqtugħ li xi darba kien parti mix-xifer, dak il-ħatab u xarbekk li jixxeblek mal-ġebel, l-ilma ġieri ħiereġ igelgel minn taħt xi sies. Fuq kollox is-sbuħija tal-post, dak is-silenzju li ma ssibu mkien ieħor, dik il-veduta tal-baħar u tad-daħliet qalb il-blat, li jwassluk taħseb li tinsab fil-ġenna tal-art.

Sa ftit snin ilu, ċerti Melleħin kienu midħla sew tal-irdumijiet. Kien hemm bdiewa li kellhom biċċiet ta' raba' u mniedaq qalb is-sisien. Kważi f'kull ħarq kont issib tina jew bajtra daqs dinja, bl-għeruq ixxamplati fit-tirgħa u l-frisk ta' taħt il-blat. Kull fejn kien hemm nitfa tafal jew bajjâd (ħamrija bajda ffurmata minn blat imfarrak) imkennija minn xi blata kont issib siġra tal-frott. Fejn ma kienx hemm irdoss kienu jivvintaw kif itellgħu ħajt tas-sejjieħ. Anke ċraret (għelieqi) mdaqqsa kien hemm. Hemm trid tara t-tbatija biex itella' l-prodott minn hemm isfel!

Huwa diffiċli li titla' idek f'idek aħseb u ara mgħobbi b'xi xkora patata u x'ħin tasal fuq taf li għad baqagħlek xi tliet xkejjer oħra jistennewk hemm isfel. Saħansitra darba niżżlu l-bagħal l-irdum biex jiffrankaw xi ftit mit-tagħbija. Ir-raba' ta' rdum, speċjalment fejn inixxi xi ftit ilma, kapaċi jipproduċi prodotti tajbin.

Melleħin oħrajn kont issibhom iduru għal xi fenek jew xi gallina qalb dak it-tifrik u tħarbit. Oħrajn kienu jaqbdu l-passaġġi mserrpa li jterrqu 'l isfel u jintefgħu fuq xi skoll jistadu għall-kaħli jew ifewħu għall-merina.

Dan kollu wassal biex ċerti skolli, blat u nħawi fl-irdum jingħataw ismijiet. Dawn l-ismijiet mhux se ssibhom ġo mappa. Qegħdin merfugħin ġo moħħ is-sajjied, kaċċatur u bidwi. Għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra allura wħud minnhom ġejjin minn żminijiet antiki. Xi kultant l-istess ismijiet ivarjaw minn persuna għal oħra. Dawn l-ismijiet kif ukoll il-ġrajjiet li seħħew fl-irdumijiet huma wkoll parti mill-istorja u l-kultura tagħna l-Melleħin.

### Ġużepp Vella l-Bunker



Ġużepp Vella l-Bunker

Ġużepp qatta' parti kbira minn ħajtu f'Irdum il-Qawwi, jistad għall-kaħli, jikkaċċja l-gamiem u l-fniek u fuq kollox jaħdem ir-raba'. **Il-Latnija**, dik il-ħofra enormi fuq ix-xifer tal-Qawwi, kienet tinħadem minnu u minn uliedu. Is-siġra tat-tin li kien hemm f'din il-ħofra kienet tlaħħaq sax-xagħra ta' fuq. L-għajnqabar kien iħaddar matul is-sajf. Kienet magħluqa b'xatba u l-minżel ta' ġo fiha miżmum sew.

Fi żmien il-gwerra, Ġużepp xorta kien iħabrek lejn l-irdum. Minn hemm b'xi mod kien jaqla' x'jiekol għall-familja – jew bi frott l-art jew bis-sajd jew billi jiġbor l-injam u fdalijiet oħra li kienu jidħlu **l-Għar l-Abjad**. Ta' min isemmi li l-**Għar l-Abjad** hemm daħla li fiha jinġemgħu kull tip ta' affarijiet li jaslu f'wiċċ il-baħar.

Niftakar meta kont mmur ma' missieri fl-inħawi għall-merina, kont nibqa' mbellaħ bil-kwantità kbira ta' travi tal-injam, laned, plastik, ħbula u kull xorta ta' mbarazz ieħor li kien jinġabar hemm. L-**Għar l-Abjad** kien ħafna akbar milli hu llum. Imma darba waħda, Ġużepp Gauci ċ-Ċimċem, li kien qiegħed rieqed Wied Musa, ħass l-art titheżżeż u ħoss ta' damdim.

Kienet sfrondat biċċa mix-xifer u l-għar tilef parti kbira mis-saqaf. Fil-Gwerra, l-imnieżel spiċċaw magħluqin bil-*barbed wire* u rixtelli. Fil-fatt, Joseph Caruana **ta' Paswella**, f'Awwissu tal-1941, irrapporta kif mar biex jinżel fir-raba' tiegħu f'irdum u ma setax għax impjegati tar-Royal Engineers għalqu l-passaġġ. B'hekk ma setax jaħdem ir-raba'.



SUMMER EXTENDED HOURS
**DAILY** 7.30AM - 8PM
**SATURDAYS** 7AM - 8PM
**SUNDAYS** 8AM - 6PM

**MELLIEĦA OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 7PM
**SATURDAYS** 7AM - 7PM
**SUNDAYS** 8AM - 1PM

*Il-festa t-tajba!*

valyou
SUPERMARKETS

*your home for fresh*



**NAXXAR OPENING HOURS**
**DAILY** 8AM - 8PM
**FRIDAYS** 8AM - 9PM
**SATURDAYS** 8AM - 8PM
**SUNDAYS** 9AM - 5PM

/ValyouSupermarkets
valyou.com.mt


ASPEN
LIMITED
Fine Northern
Luxury
UPMARKET APARTMENTS IN MELLIEHA
Aspen Limited 47, Triq l-Gherien,Mellieha, Malta
Tel: 2152 2761
www.aspen.com.mt


HERBIES
JEWELLERY LTD.
MELLIEHA
www.herbiesmalta.com

### Jaqa' ajruplan Ġermaniż quddiem għajnejhom



Ġużepp Vella s-Slembi

Darba minnhom, Ġużepp il-Bunker u Ġużepp Vella s-Slembi, li kienu qishom ħobża u sikkina, marru jistadu għall-kaħli fuq **ta' Katarina**. Ħin minnhom semgħu ħoss ta' magni jżarżru u feġġ ajruplan Ġermaniż minn warajhom. B'għaġeb kbir għalihom, l-ajruplan baqa' jitbaxxa sakemm mess ma' wiċċ l-ilma u sar biċċiet ftit 'il barra minn fejn kienu.

Bħas-soltu, l-għada jew il-pitgħada, dawn it-tnejn marru sal-**Għar l-Abjad** jiġbru l-injam u hemm raw katavru f'wiċċ l-ilma. Resqu aktar fil-viċin. Setgħu jaraw li kien membru tal-ekwipaġġ tal-arjuplan li kienu raw jikkraxxja ftit qabel. Kien żagħżugħ, xagħru maqtugħ qasir, qisu għadu kif qatgħu. Ikkonfondew x'se jagħmlu. Allura ddeċidew li jsejħu lil xi suldati tal-K.O.M.R. li kienu f'*beachpost* fil-viċin. Dawn kif waslu keċċewhom 'l hemm. Ġużepp il-Bunker issuspetta li dawn għamlu hekk biex ikunu jistgħu jisirqu l-arloġġ li kellu f'idejh il-Ġermaniż!

Ftit wara, is-Slembi u l-Bunker sabu *tyre* ta' ajruplan max-xatt. Ġarrewh sal-kamra u għamel snin twal hemm sakemm spiċċa mitluq fir-raba'. It-*tyre* huwa ta' Junkers 88, aktarx li tal-istess ajruplan li dawn iż-żewġ sajjieda raw jaqa'. Imma min jaf, forsi daħal bil-kurrent minn ħafna aktar 'il barra. Dak iż-żmien, il-battalji fl-ajru kienu jkunu ħafna! Jista' jkun ukoll li t-*tyre* li ġabru u l-ajruplan li raw kienu parti mit-tifrik li daħal mal-mewġ fil-Bajja taċ-Ċirkewwa fl-24 ta' Marzu 1942.

### Landi tal-petrol

Għodwa waħda, dawn iż-żewġt iħbieb marru jittawwlu sal-**Għar l-Abjad** jaraw x'manna kien daħħal il-kurrent. U dakinhar daħkitilhom ix-xorti. Indunaw li max-xatt kien hemm ħafna laned. U xħin fetħu waħda sabu li kienu mimlija petrol rfinat tal-ajruplani! Fil-gwerra l-petrol kien qisu deheb! Imma kellhom problema – ma ridux li jarawhom is-suldati ħerġin mill-irdum bil-laned.

Allura ġiethom idea brillanti. Iddeċidew li jagħmlu din il-biċċa xogħol bil-lejl! Qatt ma għaddielhom minn moħħhom li s-suldati fid-dlam setgħu jaħsbuhom xi Ġermaniżi jew Taljani li niżlu biex jispijjaw jew jagħmlu xi sabutaġġ! Imma mid-dehra, l-għassa tas-suldati ma tantx kienet tajba għax ma ndunaw b'xejn, minkejja li dawn iż-żewġt iħbieb kellhom mixja sewwa bil-laned fuq spallithom fl-irdum. Imma x-xitan ma ħamilx! Waħda mil-laned li kien qed iġorr is-Slembi kellha xi toqba rqiqa u l-petrol beda jqattar ġo dahru! Sa filgħodu, dahru kien ġie ġerħa waħda, qisu xi ħadd ifflaġellah! Il-petrol qaxxar kull fejn mess mal-ġilda. Sa snin wara, meta lil Ġużepp is-Slembi kienu jsemmulu kemm kien mar tajjeb ma' dak il-petrol li akkwista, mill-ewwel kien jibgħathom isaqqu l-ħass tal-Marsa!



It-tyre tal-ajruplan Ju88 li sabu s-Slembi u l-Bunker fil-bajja taċ-Ċirkewwa

Ġużepp il-Bunker ħalla dan il-wied tad-dmugħ fil-post li l-aktar kien iħobb, fuq Irdum il-Qawwi, fir-raba' tiegħu, erba' passi bogħod mil-**Latnija**.

### Għall-fniek Irdum il-Qawwi

Ċali l-Aħmar qatta' żogħżitu Rdum il-Qawwi. Ta' erbatax-il sena kien ġa jdur għall-fniek. Aktarx kienu jkunu erbat'iħbieb dejjem flimkien: Ċali, Dwardu Sammut tat-Tabbu, Fredu Grima r-Ritz u ħuħ Ċikku Grima, il-Bju, għalkemm ġieli kienu jkunu aktar. Kellhom gorboġ **il-Gallarija** fejn kull nhar ta' Ħadd kienu jsajru u jqattgħu ġurnata għall-kwiet. Darba kellhom iwittu biċċa bil-konkos fejn il-kamra u missieri Dwardu niżżel xkora siment fuq spalltu mill-**Minżel l-Abjad** sal-**Gallarija**! Kemm tbatija għal ftit kumdità!

### Il-kaċċa tal-fenek

Il-fenek annimal kurjuż imma fl-istess ħin grixti u intelliġenti. Għalhekk trid klieb tajbin għalih. Il-fenek kapaċi jilbet ġo ħatba u ma jitħarrikx avolja tkun erba' passi bogħod minnu. Il-klieb tal-fenek l-ewwel isibu s-sinjal u mbagħad jekk jaqilgħu l-fenek jibqgħu jiġru u jinbħu warajh sakemm dan idabbar rasu ġo xi tobqa jew bejta. Meta l-kelb jaqla' l-fenek u jitlaq jiġri u jinbaħ warajh, din tissejjaħ kurriera.

Mill-kurriera, il-kaċċaturi jindunaw jekk il-klieb humiex jiġru wara fenek jew inkella kinux sabu xi qattus jew ġurdien għaliex l-għajta tal-klieb tinbidel skont wara xhiex ikunu qed jiġru. Jekk il-kelb tal-

fenek ikun veru tajjeb, kapaċi jsib il-fenek fuq saqajh, jiġifieri jimxi fuq is-sinjal jew riħa tal-fenek u jibqa' sejjer sa ma jasal fejn ikun daħal fil-bejta mingħajr il-kelb ma jkun lanqas biss lemaħ il-fenek.



*Għall-fniek fuq Irdum il-Qawwi fis-snin 70: Dwardu Sammut tat-Tabbu, Frans Borg tal-Bloqq, Karmnu Galea ta' Psiepes (dakinhar kien il-kok!) Fredu Grima r-Ritz, Ċali Cutajar l-Aħmar u Ċikku Grima l-Bju.*

Imbagħad il-kaċċatur joħroġ in-nemes mill-garżella, jagħmillu sarima u jitilqu fil-bejta. In-nemes ikollu kullar b'ġonġol biex sidu jkun jaf fejn wasal. In-nemes jidħol fil-ħruq ifittex il-fenek sakemm isibu u dan jitgerrex u joħroġ minn fejn ikun daħal u hemm isib il-kaċċatur jistennih bis-senter. Mhux la kemm tolqtu għax il-fenek ħafif u jiġri ġiri tax-xjaten! Ġieli mit-tiksira jew bejta ħarġu anke erbat'ifniek.

Imma mhux dejjem kollox jimxi ħarir. Xi drabi l-fenek ma jkunx irid joħroġ, avolja n-nemes imur fuqu. Jintrass fil-bejta u jibqa' hemm. Xi kultant ikollu l-kobor fejn jiġri taħt l-art u joqgħod jilgħab noli man-nemes hemm ġew. B'hekk il-fenek jondra jiġifieri jibqa' ġewwa u ma joħroġx. Meta jiġri hekk, in-nemes jondra miegħu.

Hemm aktar raġunijiet għax in-nemes jondra. Jekk il-fenek jintrass ġol-bejta, in-nemes jibqa' fuqu. Nemes jista' jneħħi s-sarima, jirnexxielu jaqbad il-fenek u imbagħad ma jkollux għaġġla biex joħroġ. In-nemes jaf jinżel ġo dagħbien wara l-fenek u mbagħad ma jkunx jista' jitla' lura. Fi żmien it-tin, in-nemes ikun ibiddel allura għandu ħabta jidħol ġot-tiksira jew bejta u jintefa' jorqod. Xi drabi l-kaċċatur ikun qed jara n-nemes rieqed ftit 'il ġewwa fit-tiksira u ma jkunx jista' jilħqu! In-nemes rieqed għall-frisk u l-kaċċatur fix-xemx barra jistenna! Ġieli nemes għamel tlitt ijiem jew aktar ġewwa! Kienu jibqgħu għassa miegħu lejl u nhar sakemm fl-aħħar jisimgħu l-ġonġol iċempel fil-qrib li juri li n-nemes sab it-triq għal barra! F'ċerti każi n-nemes baqa' qatt ma ħareġ!

Inkella kienu joqogħdu bil-mixirfa. Bil-mixirfa trid timtedd fuq ix-xifer jew fuq blata, b'rasek kemm kemm tidher, tistenna li jaqbeż (joħroġ) xi fenek u tqum bla ħsejjes u tispara għalih. Qabel kienu jmorru anke bil-lejl mad-dawl tal-qamar (illum illegali). Kienu jorbtu maktur jew biċċa drapp bajda mal-kanna biex ikunu jistgħu jsibu l-mira f'dak id-dlam.



*Dwardu Sammut tat-Tabbu l-irdum b'qabda fniek.*

Xi drabi kienu jagħlqu biċċa b'ħajt tax-xibka. Ix-xibka tinżamm wieqfa bil-qasab biex il-fenek ma jkunx jista' jgħaddi lura lejn il-bejta. Xi kultant, il-fenek kien xorta jagħti s-salt biex jgħaddi u jispiċċa mkebbeb fiha. Ix-xibka kienet tieħu l-ħin biex titwaqqaf, speċjalment jekk ma tkunx naddaft sewwa l-post fejn se tagħmilha u tibda teħel fl-ispraġ, xarbekk u ħatab. Din setgħet tkun twila ħafna, biċċiet ta' xibka magħquda flimkien biex tagħlaq meded twal. Ġieli damu mis-siegħa sa xi l-ħamsa ta' filgħodu biex għalqu biċċa biha. Importanti li tkun lesta qabel ma jibda jbexbex.

### Lil Ċali ħasbuh fenek!

Darba minnhom Ċali u tnejn minn sħabu marru l-Qawwi bil-mixirfa. Ċali u ieħor niżlu mill-**Minżel l-Abjad** jixxerrfu rdum isfel fuq il-blat filwaqt li l-kaċċatur l-ieħor baqa' fuq jixxerref minn fuq ix-xifer. Ċali jiftakar li kien qabad xi tnejn dakinhar u kien ġa dalam sew x'ħin tela' fuq. Peress li kien dawl ta' qamar fettillu jitla' fuq blata u jittawwal minn fuq ix-xifer għal isfel forsi jara xi fenek ieħor. Imma nduna li sieħbu kien għadu mimdud fuq ix-xifer fil-viċin, allura biex ma jtellfux beda nieżel minn fuq il-blata meta f'daqqa waħda sema' ħoss qawwi u ħass ħruq kbir ma' ġismu! Sieħbu kien spara għalih! Li ġara kien żball. Ħabibu minn taħt il-għajn kien rah tiela' fuq il-blata u ħasbu fenek. Fid-




*Mappa A – Ismijiet f'Irdum il-Qawwi - Informazzjoni minn Ġużepp Vella tal-Bunker, Fredu Grima r-Ritz, Neville Grima tar-Ritz u Joe Camilleri tal-Baqrambun.*

dlam, id-dellijiet faċilment jidħku bik u jġiegħluk tara l-affarijiet differenti fl-għamla u fid-daqs. Ċali għad baqagħlu ċ-ċomb ġo dahru, idejh u rasu sal-ġurnata tal-lum.

### Meta l-fniek ħasbu li l-festa tar-raħal saret f'Irdum il-Qawwi!

Sena minnhom kien hemm partita fniek taħt il-blat tal-**Gallarija!** Il-problema kienet li kien diffiċli tnemmishom minħabba l-kobor tal-post. Il-**Gallarija** fiha blat enormi, kull waħda fiha daqs dar jew akbar, aħseb u ara x'dagħbien hemm moħbi taħtha! Allura ġiethom idea! Żeppu Mangion il-Kapxi ġab partita gassijiet u sufarelli u dawruhom dawra tond mal-blat tal-**Gallarija**. U f'xi s-sagħtejn ta' filgħodu xegħluhom! U hemm trid tara l-kuluri u tisma' t-twerżiq f'nofs ta' lejl! Il-fniek twerwru! Indunaw li lejn il-**Gallarija** m'hemmx ħobż. Iddeċidew li jsibu bejtiet u tiksiriet oħra fejn jidħlu dak il-lejl.

Allura l-pjan tagħhom kien irnexxa. Fejn daħlu l-fniek, in-nemes seta' jnaffarhom. Kif sebaħ bdew jikkaċċjaw. Imma l-problema kienet din. Il-fniek tant kemm kienu beżgħu li ddecidew li ma joħorġux minn fejn daħlu. In-nemes beda kull darba jondra fil-bejta. Bejn in-nemes u t-twerżiq u d-dwal tal-waħx ta' dak il-lejl, il-fniek ippreferew in-nemes. Kulma qabdu kienu tnejn. U l-idea li twerwer il-fniek bil-gassijiet tal-festa intesiet maż-żmien! Imma għall-inqas Irdum il-Qawwi għal darba ra x'kien jiġri fil-festa tar-raħal!

### Waqgħet blata fuqu

Darba waħda telqu n-nemes it-**Tirx** u dan ondra – ma ħariġx. Deherilhom li semgħu l-ġonġol allura bdew jaqilgħu l-mazkan u laqx minn taħt blata kbira biex isibuh. Fetħu toqba kbira imma ta' xejn. Kellhom jagħmlu l-għassa miegħu – tnejn imorru d-dar u t-tnejn l-oħra joqogħdu fejn il-bejta fejn telqu n-nemes. Dwardu tat-Tabbu u Ċikku l-Bju raqdu fejn il-blata, għassa man-nemes.

L-għada filgħodu, Ċali l-Aħmar u Fredu r-Ritz waslu l-irdum biex jibdlu lil Dwardu u Ċikku. Dwardu kien ġa dabbar rasu għax ried imur jonsob. Wara li qalu kelmtejn, Ċikku qabad il-passaġġ 'l fuq waqt li Fredu u Ċali ntefgħu bilqegħda jistennew forsi jisimgħu l-ġonġol tan-nemes li juri li fl-aħħar kien iddeċieda li joħroġ. Fredu mar iqabbad sigarett u waqagħlu l-pakkett fit-toqba li kienu ħaffru mal-blata. Il-blata kien fiha xi metru u nofs tul u wiesgħa ġmielha.

Fredu baxxa u daħħal idu ħalli jilħaq is-sigaretti. Iżda b'minkbu laqat ġebla li kienet qed tirfed lill-blata u din għelbet għal fuqu u qabditu taħtha. Ma setax jiċċaqlaq. Ma għaffġitux għal kollox għax



*Fredu r-Ritz juri l-blata li waqgħet fuqu.*

issaqfet ftit ma' blata oħra. Ċali beda jgħajjat lil Ċikku li kien għadu tiela' lejn il-minżel u b'xi mod it-tnejn flimkien irnexxielhom jerfgħu kemxejn il-blata enormi biex ikun biżżejjed li Fredu jitkaxkar 'il barra. Ċaqalquha għax kienet kemm kemm bilanċjata ma' ġebla oħra. Fredu ma gralu xejn ħlief għal xi seba' punti f'rasu, tbenġil, grif u qatgħa kbira. Ħaduh fejn it-tabib Cefai li ried idaħħal il-pulizija fin-nofs għax beda jaħseb li Fredu qala' xi xebgħa ponn sewwa mingħand xi ħadd! Sewwa jgħidu li s-sigaretti mhux tajbin għas-saħħa! It-tajba hi li ġimgħa wara, l-erbgħa li huma marru jerġgħu jippruvaw iċaqalqu l-blata ħalli jaraw kemm kienet tqila u ma setgħux. Kienet strieħet fuq il-post u baqgħet hekk sal-lum.

### Aħjar għasfur f'idejk…

Kien il-Ħadd meta kienu deħlin il-Gallarija biex joqogħdu jsajru hemm. Ta' min jgħid li wieħed kien isajjar u l-oħrajn iduru għall-fniek. Kok skont min imissu għalkemm ġieli ħadu lil xi ħadd magħhom apposta biex isajjar. Hekk kif niżlu mill-**Minżel l-Abjad** feġġet teftifa gamiem. Allura telqu kulma kellhom f'idejhom mal-art u qabdu s-snieter. Imma l-gamiem induna x'ġej għalih u dawwar denbu! Baqgħu b'xiber imnieħer. Bdew jiġbru l-ġwielaq u bxiekel ħa jkomplu fi triqthom. U hawn indunaw li l-flixkun mdaqqas tal-inbid kien sar biċċiet xħin telqu kollox mal-art! Dakinhar kellhom jaqtgħu l-għatx bl-ilma!

### Xegħlulu xemgħa!

Darba Ċikku u Fredu bakkru biex imorru jaqtgħu t-tin minn irdum ħalli wara jqassmuh fuq xi ħajt. Kif kienu neżlin, f'dak id-dlam, il-klieb għamlu kurriera wara fenek u dan daħal ġo bejta. Nemes kellhom u anke biċċa xibka imma l-bejta kellha tliet daħliet! Bix-xibka għalqu l-passaġġ minn fejn seta' jgħaddi l-fenek imma servithom biss għal żewġ daħliet. Beżgħu li l-fenek joħorġilhom mit-tielet daħla allura fettlilhom li jagħmlulu xemgħa tixgħel fit-toqba biex jekk il-fenek jipprova jgħaddi minn hemm jibża' u jdur lura. Telqu n-nemes u Fredu mar fejn it-tielet toqba jħares lejn ix-xemgħa tnemnem fil-bejta. F'daqqa waħda x-xemgħa ħadet il-ħajja u sparat 'il barra bħall-miġnuna mit-toqba! Kien il-fenek li baqa' għaddej bix-xemgħa b'kollox u dabbar rasu. Ċikku u Fredu kellhom iżarmaw kollox u jmorru jibdew jaqtgħu xi tina filwaqt li jgergru kif il-fniek ma kien baqgħalhom rispett lejn ħadd![1]



*Ċali Cutajar l-Aħmar*

### Fil-Vitorja jmorru għall-fniek

Fil-Mellieħa kien hawn postijiet u rdumijiet li kienu jkunu riservati għall-kaċċa, jiġifieri sidhom biss seta' jidħol. Alla ħares kont tipprova tersaq 'l hemm għax is-sid kien ikun irid jieklok. Allura dawn il-postijiet ipprojbiti dejjem kienu jkunu fuq moħħ Ċali u wħud minn sħabu. Biex ikunu jistgħu jidħlu f'xi post riservat u ma jinduna ħadd bihom, kienu jistennew il-festa tar-raħal, moħħhom mistrieħ li s-sid kien fil-pjazza jisma' l-banda u jixrob il-birra filwaqt li huma kienu jkunu qed jagħmlu festa mill-fniek! Dan juri kemm kienu verament dilettanti tal-fniek!

L-aktar darba li Ċali u sħabu qabdu fniek kien mill-**Wied tal-Marġa**, f'Irdum il-Qawwi. Għalqu l-wied bix-xibka u filgħodu x'ħin bexbex bdew iduru. Qabdu tmintax-il wieħed.

### Il-fniek jimordu

Fis-snin tmenin il-fniek slavaġ ħadu daqqa ta' ħarta. Daħlet il-marda tal-*myxomatosis*. Aktarx li ġiet imdaħħla apposta fil-gżejjer Maltin peress li l-ammont kbir ta' fniek li kien hawn kienu qed jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba'. L-ewwel li daħlet kien f'Għawdex. Fil-Mellieħa l-ewwel li nstabu fniek morda kien il-Griebeġ, fil-ponta ta' Għajn Żejtuna imma mbagħad il-marda tferrxet ma' kullimkien. Is-sintomi tal-marda kienu għajnejn u widnejn minfuħin u mimlija qxur, filwaqt li l-fenek ikun bla saħħa.[2] Minn dak iż-żmien il-fniek baqgħu sejrin lura. Għamlu żmien ħabtu ser jirkupraw u saħansitra ġew snin tajba meta fniek reġa' kien hawn sew. Bdew isiru reżistenti għall-marda. Imma riċentament daħal mard ġdid li reġa' għamel ħerba minnhom. Ma jistgħux jieħdu r-ruħ, minkejja li l-fenek faċilment joktor.[3]

### Seħer Irdum il-Qawwi

Irdum il-Qawwi għadu wieħed mill-ftit postijiet mhux mittiefsa fil-gżejjer Maltin. Ftit li xejn inbidel fih miż-żmien li seħħew dawn l-istejjer. Mhux tant frekwentat min-nies minħabba li hu mwarrab u minħabba d-diffikultà biex timxi fih speċjalment jekk ma tkunx taf sew minn fejn għandek tgħaddi. Ħafna drabi post jitlef is-sbuħija naturali tiegħu meta jsir aċċessibli għall-pubbliku. Imbagħad jibdew il-karozzi, barbikjus, pikniks, kampijiet, mużika! U daqshekk natura u ambjent. Billi Rdum il-Qawwi ma tantx imorru nies s'issa għadhom isaltnu l-kwiet u l-indafa. Jalla jibqa' hekk għal ħafna snin oħra.

Grazzi lil **Frans Vella** tal-Bunker, lil **Ċali Cutajar** l-Aħmar, **Fredu Grima** r-Ritz, **Neville Grima** tar-Ritz, **Sharon Grima** u **Joe Camilleri** tal-Baqrambun li mingħajrhom l-artiklu ma kienx ikun possibbli.

**Riferenzi**

1. Intervista ma' Fredu Grima r-Ritz
2. Intervista ma' Frans Vella l-Bunker
3. Police Occurrences no. 1090 31/8/41. Grazzi lill-istaff tal-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat
4. Grazzi lil Ezechiel Busuttil u Robert Farrugia għall-għajnuna fl-identifikazzjoni tat-*tyre*
5. Ops 'B' Log 24th March 1942 – 07:54 Torri l-Aħmar (sic) report a/c washed up in Paradise Bay (most N.W bay of Malta). Salvage Officer informed through Luqa Signals Officer - grazzi lil Anthony Rogers li għaddhieli l-informazzjoni

[6] Intervista ma' Frans Vella l-Bunker u Pawlu Vella tat-Taċċu
[7] Intervista ma' Ċali Cutajar l-Aħmar
[8] Intervista ma' Neville Grima tar-Ritz
[9] Intervista ma' Ċali Cutajar l-Aħmar
[10] Intervista ma' Ċali Cutajar l-Aħmar u Fredu Grima r-Ritz
[11] Intervista ma' Anthony Sammut tat-Tabbu
[12] Intervista ma' Fredu Grima r-Ritz
[13] Il-Passa, Vol 1, Jannar 1984 pġ. 16
[14] Intervista ma' Neville Grima tar-Ritz

# ID-DROGA TEQIRDEK...
## Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!


ALKOVA

SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**






*Mappa B– Ismijiet f'Irdum il-Qawwi - Informazzjoni minn Ġużepp Vella tal-Bunker, Fredu Grima r-Ritz, Neville Grima tar-Ritz u Joe Camilleri tal-Baqrambun.*




*Mappa Ċ – Ismijiet f'Irdum il-Qawwi - Informazzjoni minn Ġużepp Vella tal-Bunker, Fredu Grima r-Ritz, Neville Grima tar-Ritz u Joe Camilleri tal-Baqrambun.*



# L-isbaħ Ħolma

*Maria Grima*

L-isbaħ ħolma li qatt kelli
Żgur minn moħħi ma tmur qatt,
Tant ħassejtni wisq ferħana
Irrakkontajtha 'l kulħadd!

Ħlomt li qiegħda fis-Santwarju
Fuq is-siġġu quddiem nett,
Lejn ix-xbieha tal-Madonna
Inħares, fi skiet perfett.

F'daqqa rajt lill-Bambin ċkejken
Jitħarrek f'ħoġor ommu,
B'dak il-wiċċ ċkejken u ħlejju
Bi tbissima fuq fommu!

Lill-Madonna jien rajtha
Taqbadlu ċ-ċkejknin idejh,
Tgħinu jinżel minn ħoġorha
Fuq l-artal imidd riġlejh.

Minn hemm fuq bil-mod Hu niżel
U beda miexi lejja,
Ħarist lejh biex nara sewwa
Jekk hux sa jiġi ħdejja.

Għax ma' ġenbi jiena kelli
Tlett nies oħra mixħutin,
Bilqiegħda, jgħidu r-Ružarju
F'devozzjoni miġburin.

Hekk kif Hu quddiemi wasal
Lili nnifsi jien staqsejt,
Jekk huwiex sa jiġi għandi
Ferħ kbir, f'dak il-waqt ħassejt.

Ħarsa ħelwa lili tani
F'ħoġri tela' bla dewmien,
Dak ix-xagħar sabiħ mellistlu
Għannaqtu, bla telf ta' żmien!

Minn ġo ħoġri reġa' niżel
Għal darb'oħra ħares lejja,
Dawk għajnejh saħħru lil qalbi
Dmugħ ta' ferħ feġġ f'għajnejja!

Din il-ħolma qatt ma ninsa
Għalkemm żgur ma tixraqlix,
Għaliex jiena bniedma dgħajfa
Ħlief midimba jien m'inix.

Din il-ħolma spiss tfakkarni
Biex jien nipprova nkun qrib,
Ta' Ġesù u ta' Marija
Sabiex fihom kenn insib.

U nitlob lill-Madonna
Biex dejjem tkun l-Omm tiegħi,
U biex Ġesù fl-Ostja Mqaddsa
Sal-aħħar jibqa' miegħi!






# tosca

Pizza, pasta, grills & much more!

**www.ilovetosca.com**

Tosca ...a Taste of Italy in Mellieha

*Daily Specialities available including Fresh Fish*

facebook.com/toscapizzapastagrill

Gorg Borg Olivier Street, Mellieha  t +356 2280 1927  e info@ilovetosca.com

**OPEN DAILY 1800HRS ONWARDS**

# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2016



L-Onorevoli Clayton Bartolo jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Minstru Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Deborah Schembri tippreżenta donazzjoni.



Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Barbara u Borg.



Is-Sur Charles Caruana jippreżenta donazzjoni f'isem il-Familja Caruana biex saru sett ta' purtieri ġewwa l-Każin.



Is-Sur Jason Grech jippreżenta mużika f'isem is-Sur Anthony Frendo u l-familja, emigranti mill-Kanada.



Is-Sinjura Maryanne Cuschieri tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Cuschieri, Caruana u Vella.



Is-Sur Louis Dimech jippreżenta donazzjoni għan-nom tas-Sur Joseph u s-Sinjura Doris Dimech, emigranti mill-Awstralja.



Is-Sur Jamie Anthony Cini jippreżenta donazzjoni f'isem is-Sur John Pisani u l-familja, emigranti mill-Awstralja.



Is-Sur Norbert Vella jippreżenta donazzjoni f'isem is-Sinjuri Sam u Tessie Vella, Vince u Rita Borg, u Charles u Pia Grech, emigranti mill-Awstralja.



Is-Sur Damian Vella jippreżenta mużika f'isem il-Familja Vella.

# Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'

# Marija Bambina

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

### L-Erbgħa 23 t'Awwissu 2017

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**8.30p.m.** "*Pasta Night Maltija*" ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### Il-Ġimgħa 25 t'Awwissu 2017

**8.00p.m.** *Barbecue* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali jkun Joe Demicoli.

### It-Tlieta 29 t'Awwissu 2017

**6.30p.m.** Il-Banda Imperial tieħu sehem flimkien mal-Banda La Vittoria u l-korijiet tal-Parroċċa waqt pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Bambina li jibda minn quddiem Ġnien il-Kenn Soċjali fi Triq N. Caruana Dingli u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**7.30p.m.** Is-Soċjetà tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Kunċert tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### L-Erbgħa 30 t'Awwissu 2017

**7.30p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ħamis 31 t'Awwissu 2017

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### Is-Sibt 2 ta' Settembru 2017

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### Il-Ħadd 3 ta' Settembru 2017

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

## It-Tnejn 4 ta' Settembru 2017

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tlieta 5 ta' Settembru 2017

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq N. Caruana Dingli u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2017

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq V. Ciappara u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħamis 7 ta' Settembru 2017

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**10.45p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Il-Ġimgħa 8 ta' Settembru 2017

**5.45p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## Is-Sibt 9 ta' Settembru 2017

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-Hop On Hop Off mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-snin ta' qabel.



# Marċi Brijużi 2017-2019

Din is-sena, l-Għaqda Mużikali Imperial irrekordjat CD b'sett ġdid ta' marċi brijużi. Dawn il-marċi se jkunu qed jindaqqu għall-ewwel darba mill-Banda Imperial matul il-ġranet tal-festa tal-Vitorja 2017.

Kopji ta' dawn is-CDs jinsabu għall-bejgħ mill-Każin Imperial.

| | | |
|---|---|---|
| 01 | Samuel | A. Borg |
| 02 | Lorraine | P. Schembri |
| 03 | Menai Bridge Fair (Ffair Borth) | G. Thomas |
| 04 | National Day | J. Mamo |
| 05 | Logan | A. Farrugia |
| 06 | Glory | J. N. Sammut |
| 07 | Triple Knockout | R. Fenech |
| 08 | Aurora | V. Vella |
| 09 | B.A.N.Z. | D. Darmanin |
| 10 | Il-Boċċu | D. Caruana |
| 11 | Ampelio | J. Abela |
| 12 | Ta' l-Iljun | J. Mamo / J. Mamo |
| 13 | Lill-Banda Imperial | K. Xerri / A. Sammut |



# Activities Organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of Our Lady of Victories, Patron Saint of Mellieħa

**Wednesday 23rd August 2017**

**6.30p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee of the Imperial Band Club.

**8.30p.m.** A "*Maltese Pasta Night*" will be held at the club. Festive entertainment will be organised by the Club's Youths Section.

**Friday 25th August 2017**

**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guest will be Joe Demicoli.

**Tuesday 29th August 2017**

**6.30p.m.** The Imperial Band together with the La Vittoria Band and the Parish choirs will take part during a pilgrimage with the statue of Our Lady leaves from Ġnien il-Kenn Soċjali in N. Caruana Dingli Street to the Mellieħa Parish Square.

**7.30p.m.** The Imperial Band participates in a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to civic societies.

**8.00p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

**Wednesday 30th August 2017**

**7.30p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

**Thursday 31st August 2017**

**8.00p.m.** Annual Get Together for Emigrants at the Imperial Band Club.

**Saturday 2nd September 2017**

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

**Sunday 3rd Sj49eptember 2017**

**8.00p.m.** A reception will be held at the Imperial Band Club for the committees, band and choir members, together with their guests.

**Monday 4th September 2017**

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to the Mellieħa Parish Square.

**Tuesday 5th September 2017**

**8.30p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, from N. Caruana Dingli Street to the Mellieħa Parish Square.

**Wednesday 6th September 2017**

**8.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to the Mellieħa Parish Square.

**Thursday 7th September 2017**

**7.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to the Mellieħa Parish Square.

**10.45p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the Club's Band Stand, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

**Friday 8th September 2017**

**5.45p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to the Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the Club's Band Stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

**Saturday 9th September 2017**

**5.00p.m.** An outing will be organised by the Ladies Committee on the Hop On Hop Off Buses to round off the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.





# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.













Belleview
BISTRO CAFÉ PIZZERIA

FANCY A QUIET EVENING WITH FAMILY AND FRIENDS?

COME TRY OUR PIZZA, PASTA AND GRILLS AT OUR AL' FRESCO TERRACE.

**#newbelleview**

OPENING HOURS:
MON TO FRI AND SUN
07:00 - 22:00
SAT
07:00 - 23:00
T: 21525555

TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

*Tel: 2152 3432*
*Mob: 9945 1519*
*99451514*

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin kollha l-Festa t-Tajba

**DINGLI BUTCHER**

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in**
**Maltese & European Fresh Meat,**
**Marinated Meats and Poultry,**
**Fresh made Kebabs,**
**Home Made Sausages & Burgers,**
**Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

*Free Delivery*

CLIFFORD MOTORING SCHOOL

**Mobile: 9947 8908**
**Driving Tests in Malta & Gozo**




Angela Theuma

*54, Dun Franġisk Sciberras Street,*
*Mellieħa, Malta*

*angelatheuma@gmail.com*
*(+356) 99881467 / 27432763*


Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com


Chinese
Cuisine
OPEN FOR DINNER
from Tuesday to Sunday
from 19:00hrs onwards
DYNASTY
CHINESE RESTAURANT
Come and try our famous 'Duck with Pancakes'
and other 'Oriental Specialities'.
We also cater for Functions, BBQ's, Weddings and more.
ENJOY THE SPECTACULAR VIEW OF GHADIRA BAY.
Ample parking available.
Mellieha Holiday Centre (Danish Village), Ghadira.
t 2157 3980, 2157 2460, 2289 3000 e greatdane@mhc.com.mt
Mellieha Holiday Centre


BEST
Print CO.LTD
OFFSET AND DIGITAL PRINTERS
create
design
print
Żurrieq Road,
Qrendi QRD 1814
T: 2168 0789 / 2164 9012
M: 9949 9084 / 9925 9084
E: bestprint@go.net.mt



# Nifirħu bil-festa tagħna li dejjem tnissel ferħ fostna l-Melliħin

*Christopher Bartolo*
*Sagristan*

Meta wieħed isemmi l-kelma "festa" ikun qiegħed jifhem ukoll kemm din tkun tfisser impenn, ħsieb, responsabbiltà, xogħol, sagrifiċċji u tolleranza. Sa minn żmien il-qedem, il-ġranet tal-festi, b'mod speċjali dawk titulari, dejjem kienu jiem li jkunu mistennija minn kulħadd. Però l-festi ma jsirux waħedhom imma jkunu organizzati b'ħafna xogħol u ħidma minn ħafna nies u li s-sagrifiċċji ma jonqsux. Dan jgħodd għall-festi kollha li jsiru f'ġieħ il-Mulej Ġesù, ad unur l-Omm tagħna Marija kif ukoll f'ġieħ il-qaddisin Martri u Verġni li jkunu għexu ħajja eżemplari f'din id-dinja.

Il-knejjes kollha f'kull belt u raħal f'Malta u Għawdex huma kollha ddedikati lil xi qaddis jew qaddisa u għalhekk dawn kollha jiċċelebraw il-festa tal-patrun jew patruna. Il-festi jikkonsistu fl-attivitajiet li jsiru fil-knisja u anke dawk li jsiru barra. Naturalment, il-qofol ta' kull festa huma l-funzjonijiet li jsiru fil-knejjes sbieħ tagħna, wirt missirijietna li għandna ngħożżuhom u nieħdu ħsiebhom b'imħabba kbira. Il-festi Maltin huma wkoll marbutin ma' tradizzjonijiet antiki li writtnihom mingħand dawk ta' qabilna wkoll.

## Festa reliġjuża u liturġika

Il-festa li niċċelebraw fil-Mellieħa tfakkarna fit-twelid tal-Verġni Ommna Marija u omm Sidna Ġesù Kristu. Sa minn disat ijiem qabel, il-knisja tibda tippreparana għal din il-festa biex nitħejjew sewwa għaliha. Dan iż-żmien jissejjaħ in-novena u kull ġurnata ta' dawn id-disat ijiem, il-knisja tiddedikah lil xi kategorija ta' nies, fosthom il-familji, l-anzjani u l-morda, iż-żgħażagħ, it-tfal, il-membri tal-għaqdiet reliġjużi, il-kleru u r-reliġjużi, membri tal-għaqdiet ċiviċi, l-emigranti u l-benefatturi.

Il-qofol tal-festa jintlaħaq lejlet u nhar il-festa. Lejlet il-festa ssir it-Translazzjoni tar-relikwa tal-Madonna u l-Għasar Solenni. Imbagħad nhar il-festa fil-għodu, il-qniepen sbieħ tal-knisja jdoqqu moti bħala stedina għall-quddiesa solenni kkonċelebrata mill-Arċipriet tagħna l-Kan. Dun Joe Caruana flimkien mal-kleru tal-parroċċa. Waqt din il-quddiesa, jintiseġ il-paniġierku minn xi saċerdot li jkun ġie mistieden sabiex jagħmel xi riflessjonijiet fuq il-ħajja tal-Madonna sa minn qabel it-twelid tagħha. Fil-għaxija jerġa' jsir l-Għasar Solenni u immedjatament wara toħroġ il-purċissjoni fejn il-qofol tagħha jintlaħaq meta l-istatwa tal-Bambina tasal fil-pjazza maestuża tagħna. Id-daqq u l-kant waqt il-funzjonijiet ta' lejlet u nhar il-festa fil-knisja jsiru mill-Kor u Orkestra Marija Bambina. Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina huwa mument mill-aktar qawwi għall-komunità tagħna għaliex kemm mal-ħruġ tal-vara kif ukoll qabel id-dħul tagħha lura fil-knisja, kulħadd jibda jċapċap u jingħaqad fit-talb lil Ommna Marija sabiex tidħol għalina f'kull ħaġa li jkollna bżonn u biex iżżomm il-ħarsa tagħha fuqna l-Melliħin. Għall-grazzja t'Alla, ħafna nies għadhom jipparteċipaw kemm fil-funzjonijiet fil-knisja kif ukoll fil-purċissjoni.

## Festa soċjali

Matul il-ġranet tal-festa jkunu organizzati wkoll attivitajiet soċjali jew kif konna nsibuhom fl-antik il-festi ta' barra. Dawn l-attivitajiet isiru fit-toroq, fil-pjazza u anke fil-każini li għandna fir-raħal tagħna. L-iktar attivitajiet popolari li jsiru huma dawk li jkunu organizzati bis-sehem taż-żewġ każini tal-baned tagħna, il-Banda La Vittoria u l-Banda Imperial li jagħtu sehem kbir billi jferrħu lill-komunità tagħna bil-marċi brijużi mat-toroq u anke fil-pjazza tar-raħal. Matul l-aħħar snin, iż-żewġ baned u anke l-Kor u Orkestra Marija Bambina bdew itellgħu programm mużikali fl-okkażjoni tal-festa tal-Bambina wkoll.

Aspett ieħor importanti matul il-ġranet tal-festa huwa l-logħob tan-nar. L-ispettakli sbieħ tan-nar tal-ajru ta' lejlet u nhar il-festa jkomplu jsebbħu l-atmosfera ferreħija li tkun qegħda tirrenja fir-raħal tagħna. Anke n-nar tal-art (jew kif inhu magħruf iċ-

ċiġġifogu) ta' lejlet il-festa jkun ferm mistenni minn dawk preżenti fil-pjazza. Ħafna nies minn barra l-Mellieħa jiġu jżuruna sabiex huma wkoll igawdu dan l-ispettaklu tan-nar tal-ajru u tal-art.

Sa xi snin ilu, anke fiż-żmien li jien kont diġà sagristan tal-knisja arċipretali tal-Mellieħa, nhar lejlet il-festa kont tisma' u tara xi għannejja jgħannu għana Malti u kienu jdumu sas-sigħat bikrin ta' nhar il-festa. Dan l-għana kien jiġbed ħafna nies, fosthom ħafna Għawdxin, li mbagħad kienu jibqgħu għall-quddiesa tal-4.00 ta' filgħodu u nista' ngħid li l-knisja kienet tkun ippakkjata bin-nies. B'xorti ħażina, din it-tradizzjoni f'dawn l-aħħar snin naqset ħafna.

### Festa tant għażiża u għall-qalb il-Melliħin

Sa minn żmien ilu, il-festa tagħna kellha popolarità kbira mal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Apparti li l-festa tal-Vitorja dejjem kienet festa pubblika, il-Mellieħa huwa raħal sabiħ u għandu pjazza kbira u maestuża. Barra minn hekk, in-nies japprezzaw li l-festa ssir fil-kwiet, b'dinjità u rispett lejn xulxin.

Minkejja li l-Vitorja hija waħda mill-aħħar festi tal-istaġun, ħafna nies xorta jattendu għaliha. L-attendenza fil-Mellieħa dejjem tkun tajba, anke għall-fatt li l-Mellieħa huwa post turistiku u t-turiżmu fil-bidu ta' Settembru jkun għadu fl-aqwa tiegħu.

Din is-sena, għalina l-Melliħin hija festa speċjali għaliex din is-sena l-istatwa ħelwa tal-Bambina, li tant ħadmu u stinkaw missirijietna sabiex jakkwistawha, għaddiet minn proċess ta' restawr. Dan ir-restawr fuq il-vara sar fuq ix-xewqa tal-Arċipriet flimkien mal-kleru, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, l-għaqdiet Melliħin u anke l-komunità Melliħija kollha. Id-deċiżjoni li jsir ir-restawr ittieħdet is-sena l-oħra wara l-festa u, malli tħabbar, dan il-proġett ġie milqugħ b'ħafna entużjażmu. Il-fondi kollha biex seta' jsir ir-restawr inġabru kollha mill-benefatturi tal-parroċċa. Xieraq li ngħidu prosit lill-Arċipriet Kan. Dun Joe Caruana, lill-kleru u lill-komunità Melliħija kollha tal-kooperazzjoni li wrew f'din il-biċċa xogħol delikata. Prosit ukoll lir-restawraturi li għamlu x-xogħol b'mod professjonali u b'ħafna reqqa u li ġie apprezzat minn eluf ta' nies li ġew jaraw din l-istatwa meqjuma fil-knisja tagħna.

### Ringrazzjament Personali

Minn ċkuniti minn dejjem kont imrobbi mill-ġenituri tiegħi sabiex napprezza u nuri rikonoxximent ta' dak kollu li jsir fil-lokalità tagħna. U naturalment anke dak kollu li jsir fil-knisja tagħna. Għall-grazzja t'Alla jien dejjem apprezzajt il-ħidma u x-xogħol ta' ħaddieħor u hekk għamlu eluf ta' nies li matul is-snin li ilni nagħti s-servizz tiegħi bħala sagristan.

Għalhekk nixtieq nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lill-President, is-Segretarju u l-membri kollha tal-kumitat tal-Banda Imperial. Nixtieq ngħid li mill-ewwel ġurnata li ġejt maħtur sagristan fl-1976, il-presidenti u l-membri taż-żewġ soċjetajiet tal-banda flimkien ma' ħafna soċjetajiet oħrajn kienu ġew il-knisja sabiex jawgurawli u jwegħduni s-sapport u l-għajnuna tagħhom fil-ħidma tiegħi. Dan il-patt ta' għajnuna, rispett u ħbiberija minn din is-soċjetà mużikali baqa' jinżamm u dejjem jiġi rreċiprokat.

Nagħlaq billi nħeġġeġ lill-irġiel, nisa u żgħażagħ sabiex jibdew jinteressaw rwieħom sabiex jibdew jagħtu kontribut bit-talenti u l-ħiliet tagħhom sabiex fil-futur nibqgħu nsibu nies iddedikati sabiex jibqgħu jiġu organizzati l-attivitajiet kollha li hemm bżonn biex jibqa' jkollna festa sabiħa reliġjuża u Maltija kif inhi llum.

Il-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina.

MARK TALIANA
GARDENER
For professional gardening, maintenance & landscaping
Mob: 7783 0983



# Attivitajiet matul il-Festa tal-Vitorja 2016

















# Sammy Bartolo u New Cuorey - Is-Suċċessi

## "CD Album ġdid"

Joe S. Grech

Naħseb li ħafna minna niftakru f'dawk id-diski sbieħ Maltin li kienu nħarġu mill-grupp Malti New Cuorey u l-kantant tagħhom Sammy Bartolo fil-bidu tas-snin 70. Is-suċċess tal-popolarità ta' dawn id-diski għadu jinħass fostna sal-lum, u naħseb li għad jibqa' għaż-żmien li ġej.

Għalkemm il-grupp m'għadux jiffunzjona, il-membri tiegħu għadhom attivi fil-mużika sal-lum, għajr il-mibki kantant Sammy Bartolo, li mar jiltaqa' mal-Ħallieq, propju għoxrin sena ilu, fit-22 ta' Novembru 1997.

Kos kemm jgħaddi ż-żmien... Meta tħares lura, issib li din l-esperjenza għandha ħamsa u erbgħin sena! Hu ta' sodisfazzjon għalija, li Sammy u jien konna l-pedamenti ta' dan is-suċċess.

Żmien li konna għadna żagħżagħ, u għalina l-mużika kienet tiġi qabel kull ħaġa oħra. Is-suċċess li għamilna biex sirna popolari kien propju bejn l-1972 u l-1978. Konna ħriġna 8 kanzunetti fuq erbgħa diski *vinyl*, għax dak ż-żmien is-CDs ma kienux jeżistu.

Is-sena li għaddiet, bl-għajnuna kbira li sibt mill-familja tiegħi, ipproduċejt CD album ġdid bl-isem "New Cuorey l-Antiki". Użajt ir-*recordings* oriġinali ta' meta ħriġnihom l-ewwel darba fis-sebgħinijiet. Dawn ġew *remastered* mill-ġdid, jiġifieri rranġajna b'dedikazzjoni u b'reqqa l-ħoss biex jinstemgħu tajjeb fuq l-apparat modern tal-lum.

Fuq dan is-CD "New Cuorey l-Antiki" insibu:

1. Vietnam
2. The Girl I Had
3. Il-Bajja tal-Mellieħa
4. Bħal daż-Żmien Konna Flimkien
5. L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel
6. Riviera Blu
7. Id-Dgħajsa tal-Latini
8. Baby Where Are You Tonight

Min hu intiż u jħobb il-mużika, se japprezza l-interpretazzjoni tal-vuċi eċċezzjonali tal-mibki Sammy Bartolo, kif ukoll l-istrumenti tal-mużiċisti, mużika li ġiet irrekordjata *live*, minn artisti ġenwini, li poġġew il-kanzunetta Maltija qabel kull interess personali. Permezz ta' dan l-album se nkomplu ngħożżu l-ħoss oriġinali u t-tifkira tal-grupp New Cuorey, u l-kantant tagħhom il-mibki Sammy Bartolo, meta kienu fl-aqwa tagħhom.

New Cuorey, 1972 kienu:
Sammy Bartolo: Kantant
Joe S. Grech: Kitarra u Bass (Kompożitur)
Joe Bartolo: drums
Paul Abela (Mro): Orgni u Pjanu (Kompożitur)

CD ieħor li jien kont ħriġt fl-2010, bl-isem "Joe S Grech - New Cuorey Instrumentals" jinkludi 17-il diska strumentali tan-New Cuorey, li jien interpretajt fuq il-kitarra. Dan l-album intlaqa' tajjeb ħafna, u minbarra li fih interpretazzjonijiet rilassanti, qed jintuża wkoll għal skopijiet edukattivi.

Din is-sena, peress li jaħbat l-għoxrin sena anniversarju mill-mewt ta' Sammy, huwa bix-xieraq li qiegħed nerġa' nippubblika s-CD Album li kien tant għal qalb Sammy u li konna ħriġna ftit xhur qabel Sammy ħalliena fl-1997, bl-isem "Sammy Bartolo -New Cuorey - il-Bajja tal-Mellieħa". Qed ngħid li ħa nerġa' nippublika, għaliex il-kopji li konna ħriġna fl-1997 kienu nbiegħu kollha.

Dan is-CD ġdid ħa jinkludi l-istess 16-il kanzunetta, u magħhom qed inżid *bonus track* 'ġdida', bl-isem "Tislima lil Sammy Bartolo". Kont ktibt din id-diska fuq kliem ta' Alfred C. Sant, meta Sammy kien ħalliena. Ġiet interpretata minn diversi kantanti Melleħin, fosthom it-tfal ta' Sammy, fil-*musical* "Imħabba fuq il-Għolja", li sar il-Mellieħa fl-2010.

L-*albums* oriġinali ta' Sammy Bartolo u New Cuorey li wieħed jista' jsib jixtri bħalissa huma:

Joe S. Grech New Cuorey Instrumentals (2010)
New Cuorey l-Antiki (2016)
Sammy Bartolo u New Cuorey - Is-Suċċessi (2017)
Album Gdid.

Min jixtieq jixtri kopja oriġinali ta' dawn l-*albums* jista' jikkuntattja lil Joe S. Grech fuq:
Mobile - 9983 8477 jew b'*email* fuq newcuorey@gmail.com.

# Mill-Melħ u l-Għasel Ismi

*Kliem: Anthony Fenech*

*Mużika: Joe S Grech*

Mill-melħ u l-għasel inti twelidt
Minn raħal ċkejken int illum kbirt
Uliedek għarfu kull gieħ jagħtuk
Minn żmien l-imgħoddi sa dak tal-lum.

Kaħlani l-baħar imdawwar miegħek
Donnu bħal jifraħ bil-ġmiel minn tiegħek
L-Appostlu lqajt fis-snin bikrin
Int tiegħu ħaddant l-ogħla twemmin.

Aħna wliedek Melleħin
B'ta' ġrajjietek bik kburin
Ta' kull sena tkun tifkira
Meta nagħmlu festa kbira
Dik tar-rebħa fuq l-għedewwa
U t-Twelid t'Ommna Marija.

Ġieħek għollejt ġrajjietek ktibt
Illum mad-dinja magħrufa sirt
Saru jafuk sal-barranin
Kull min iżurek jagħtik tifħir.

Għax dik ix-xbieha ta' ġewwa l-għar
Għadha msemmija minn meta ġrat
Ġiet impenġija minn id San Luqa
Bosta devoti jiġu jqimuha.



Nella's™
by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335

JIMCAM
ENTERPRISES LIMITED

*Agents and Distributors of:*

sikkens
AUTOMOTIVE PAINTS

Meguiar's
SURFACE CARE

Colad Abrasives, Masking Tapes & Materials,
Hamach Sanding & Polishing Tools,
Anest Iwata Spray Guns & Paint curing Systems,
Garage Equipment, Car Polishes &
Boat Care Products

*Also available*
Care Hire • 24 Hour Taxi Service
Accommodation in Villas & Apartments
with or without pool

Office: 12, Triq l-Għoljiet, Mellieħa MLH 2013
Tel: 7952 0330, 2152 2579
Fax: 2152 0330 Email: sales@jimcam.com.mt




**Beachaven Lido**
**Discotheque**

*Xemxija Hill, St. Paul's Bay, Malta – Tel: 21 573682*

Star of India
Indian Restaurant
Xemxija Hill, Xemxija – Malta
Tel: 21 573682

GUANG ZHOU
Chinese Restaurant
Xemxija Hill,
St. Paul's Bay – Malta
Tel: 21 585141

# Il-Mellieħa – Mitt Sena Ilu 1917

Jimmy Muscat

Ma nafx jekk dawk li għalqu l-100 sena jiftakrux dak li se nikteb f'dan l-artiklu qasir ibbażat fuq dokument li jinsab fl-arkivju tal-Parroċċa tal-Mellieħa u li jitkellem dwar l-ispejjeż li kienu jitħallsu matul is-sena mill-kappillan ta' dak iż-żmien għaż-żamma taż-żewġ knejjes, jiġifieri s-Santwarju u l-Knisja Parrokkjali, li sa dakinhar kienet għadha mingħajr il-kampnari kif nafuha llum. Naturalment dawn kienu jitħallsu mill-ġabriet, għotjiet tal-pellegrini, introjtu ieħor li kellu s-Santwarju kif ukoll mill-*exvoto* offruti lill-Madonna.

Din il-ġabra ta' ħafna ħlasijiet żgħar hija interessanti għax tagħtina stampa u ħjiel tajjeb tal-ħajja fil-knejjes dak iż-żmien, kif ukoll dwar iż-żamma tagħhom biex ikunu post xieraq għall-fidili. Dawn l-ispejjeż juruna wkoll il-valur tal-flus kif kien mitt sena ilu u meta wieħed jipprova jqabbilhom ma' tal-lum irid l-ewwelnet jieħu stampa kemmxejn wiesgħa u mhux jara oġġett wieħed biss. Irid jara l-ispiża u jqabbilha mal-paga ta' dak iż-żmien u ma' ħlasijiet oħra ħalli hekk ikollu mudell aktar ċar u fidil ta' dak li kien daqstant żmien ilu. Ix-xogħol fil-ġebel, fl-injam, it-tiżjin għall-festa, trasport, novena, paniġierki, xemgħa, oqbra u diversi spejjeż oħra jibnulna storja żgħira fuq dak li għaddew minnu missirijietna ta' mitt sena ilu.

L-ispejjeż qegħdin imniżżlin bil-flus Ingliżi li kienu jintużaw dak iż-żmien, jiġifieri l-Liri, ix-Xelini u s-Soldi. Infakkru ftit li Lira kienet tissarraf f'20 Xelin waqt li Xelin kien fih 12-il Sold. Allura Lira, li kienet munita tad-deheb, kien fiha 240 Sold. Waqt l-għadd tal-flus kull 12-il Sold kien itella' Xelin fuq il-kolonna tax-Xelini u kull 20 Xelin kien itella' Lira fuq il-kolonna tal-Liri. Kienet għadha tidher ukoll is-Sitħabbiet, ½, jiġifieri nofs Sold. Din l-imbierka Sitħabbiet damet tintuża sas-snin 60 tas-seklu 20 u naħseb li l-aħħar li nqatgħet kien mill-knejjes, għax biha kont tieħu siġġu minn dawk tas-sagħda għall-quddiesa. F'dan l-artiklu dawn il-ħlasijiet jidhru hekk: 2.5.0 jiġifieri 2 Liri, 5 xelini u 0 Soldi.



### Spejjeż għall-Festa tat-Titular 1917

Ħa nibdew bi ftit ħlasijiet li l-Kappillan, li dak iż-żmien kien ir-Rev. Carlo Cortis, ħareġ għall-festa titulari tat-8 ta' Settembru ta' dik is-sena. Infakkru hawn ukoll li dak iż-żmien il-festa kienet iddum tlett ijiem biss, lejlet lejlet il-festa, lejlet il-festa u mbagħad nharha fit-8 ta' Settembru.

Dik is-sena l-Kappillan Cortis ħallas 0.4.4 lill-pulizija għall-permessi meħtieġa, 2.5.0 għall-armar u bandieri, 1.5.0 oħra għat-tiżjin u żarmar tagħhom mit-toroq wara l-festa u 5.13.0 għat-trasport u affarijiet oħra konnessi ma' ħaddiema mqabbda apposta. Għal dik li hi mużika ħallas 13.0.0, lill-kantant Giuseppe Duca tah 0.17.6, għall-mużiċisti ħallas 0.5.0 extra u lill-filarmonika/banda lokali ħallas 8.0.0. Lill-bandisti stranjieri miġjuba biex jgħinu dawk tal-lokal ħallas 3.0.0 oħra. Barra minn hekk ħallas ukoll 0.15.3 għal bibita/xarba għall-bandisti kif ukoll 1.10.0 għall-vetturi għat-trasport tagħhom stess. Il-Kappillan kellu wkoll diversi spejjeż ġol-knisja, fosthom xemgħa (da stearina) li għaliha ħallas 0.11.0, għan-Novena u Paneġierku ħareġ 2.10.0 waqt li għall-quddiesa kantata ħareġ 0.2.6. Fuq dawn kollha ħareġ ukoll 1.7.5 bħala spejjeż.

Hawn jidher li kienu jinġabu nies apposta minn barra l-Mellieħa biex jarmaw u jżarmaw it-toroq għall-festa titulari. Jidher ukoll li l-ogħla spiża, ta' 13-il Lira, kienet dik tal-mużika ta' ġol-knisja waqt li l-banda lokali, u hawnhekk qiegħed jirreferi għall-Banda La Vittoria li kienet għadha unika fil-Mellieħa.

**Spejjeż oħra 1917**



Naturalment dawk kienu biss uħud mill-ispejjeż maħruġa għall-festa iżda mbagħad matul is-sena l-Kappillan kien iħallas ukoll għal kull ħtieġa oħra li kienet tinqala'. Hekk insibu li lill-kurrier Francesco Sciberras, *tal-Ġiusa*, għall-ġarr ta' 67 xorok għall-oqbra, bil-prezz ta' 6 soldi u nofs kull wieħed, inkluża l-ispiża tat-trasport, il-Kappillan tah 1.16.3½ waqt li lil Giuseppe Sciberras *tal-Puċ* għat-trasport tax- xemgħa tah 0.2.0.

Jidher ukoll li f'xi żmien dik is-sena kien qiegħed isir xogħol ta' tisbieħ fis-Santwarju u għalhekk Cortis ħallas lil Michele Muscat *ta' Bembu* 0.3.9 ta' żewġ kolonni tal-ġebel maħdumin minnu stess għas-Santwarju u 0.1.6 ta' pedestall tal-ġebel għal taħt l-istatwa tal-Madonna ta' taħt il-loġoġ. Lil Salvatore Vella *ta' Rosina* l-kappillan tah 0.4.0 ta' jumejn xogħol ta' restawr fuq l-oqbra. Ftit wara Cortis kellu diversi ħlasijiet, lil Giovanni Vella *Gianbomblu* tah 0.15.6 għat-tibjid tal-bitħa u tal-loġoġ tas-Santwarju u xi xogħol fil-knisja l-ġdida, lil Salvatore Vella tah 0.13.0, lil Michele Muscat 0.7.0 u lil Antonio Debono *tal-Paipai* 0.12.3½, kollha ta' xogħol fiċ-ċimiterju/sepolcreto?



Għal dak li hu njam, il-Kappillan Cortis ħallas 0.4.3 ta' xi xogħol lill-mastrudaxxa Antonio Agius minn San Pawl il-Baħar waqt li lill-mastrudaxxa Paolo Mifsud tah 1.10.8, u aktar tard 0.4.10 oħra, għal xogħol fl-injam fil-gallerija tal-orgni u fil-postijiet għall-kantanti/cantori.

Għal aċċessorji mixtrija għax-xogħol u restawr tad-damask tal-knisja Cortis ħallas 0.10.11 lil Dun Francesco waqt li ħareġ ukoll 13.0.0 bħala spejjeż li saru għar-restawr u nduratura tal-istatwa tal-Bambina. Dawn tal-aħħar ġew meħuda mid-depożitu magħmul minn Gio Maria Borg, *il-Pantu*, mill-Mellieħa. Kien hemm ukoll spejjeż oħra ta' 2.19.6 magħmula għar-restawr/irranġar ta' kamra fil-knisja.

Insemmu hawnhekk dik l-istatwa tal-Madonna ta' taħt il-loġoġ. Dik tinsab fil-loġġa tan-nofs, li hi ftit usa mill-oħrajn, għax oriġinarjament kien hemm ħames loġoġ. Waħda minnhom ġiet imneħħija u addattata biex flokha ġie mibni l-kampnar. F'dik il-loġġa tan-nofs kien hemm iċ-ċimiterju ta' dawk it-trabi li kienu jmutu bla ma jkunu rċevew is-sagrament tal-magħmudija u allura kienu jindifnu hemmhekk. Taħt dik l-art tal-lava li hemm illum għad baqa' l-oqbra żgħar mirduma. Dik l-istatwa tal-Madonna tpoġġiet hemmhekk ħares fuq dawk l-oqbra ta' tant innoċenti. Fl-antik kienet statwa tal-injam mogħtija lis-Santwarju fl-1618 mill-Kavallier Guttenburg iżda mbagħad tneħħiet u llum tinsab f'post żgur fis-Santwarju.

Ix-xorok imsemmija kienu għall-oqbra li kien hemm fis-Santwarju. Qabel sar l-irħam madwar l-1949, l-art tas-Santwarju kienet kollha oqbra, għax hemmhekk kien isir id-dfin li mbagħad inqata' fl-1936. Kull xorok kien jiswa inqas minn sitt soldi u llum trid madwar ewro biex tixtrih. Naraw ukoll li jumejn xogħol kienu jitħallsu b'4 xelini, żgur li qabża kbira meta tqabbilhom ma' tal-lum.

**Aktar spejjeż magħmula fl-1917**

Kif wieħed jista' jara, il-knejjes bħad-djar, dejjem iridu, dejjem issib xi ħaġa x'tagħmel fihom u x'tirranġa. Barra minn hekk kellek ukoll l-ispejjeż marbuta mat-tmexxija taż-żewġ knejjes. Inkomplu naraw xi spejjeż oħra mħallsa mill-kappillan matul l-istess sena 1917.

Lill-Padre Paolo Bezzina M.C., tah 0.4.0 ta' erba' kwadri żgħar għall-kolletta kif kienu ġew ordnati mill-Isqof u lill-Kurja Veskovili 0.15.0 għal drittijiet kurjali fuq ir-rapport dwar is-self, *mutuo*, "Gatt-Said". Magħhom ħallas ukoll 1.8.10 għar-reskritt Pontifiċju, taxxa, aguzia, kif ukoll 0.18.0 lin-Nutar Calleia Schembri relatati mal-imsemmi self tal-5 ta' Frar 1917.

Cortis ħallas ukoll 0.13.4 lin-negozjant L Balbi ta' 16-il lampa żgħar jew globi tal-ħġieġ aħmar għall-użu ta' kuljum fis-Santwarju, 0.0.6 lil Anna Muscat, mill-Mellieħa, għal drapp/stoffa għax-xemgħat żgħar, lil Don Francesco Debono mill-

Mellieħa tah 3.13.6 biex iħallas lis-sorijiet tal-istitut Cini għal velu omeral, żewġ stoli u tendine għat-tabernaklu, kif ukoll irranġar ta' ornamenti sagri, żewġ koperti tal-pissidi u erba' boroż. Lil Carmelo Galea, iben Filippo mill-Belt Valletta, ħallsu 1.5.6 għal drapp aħmar ta' kejl ta' 12-il qasba u 7/8 u lil Giuseppe Micallef, minn Strada San Paolo Valletta, tah 0.5.0 għal franġa safra u 1.4.0 ta' żewġ kwadri kbar indurati biex fihom jitqiegħdu u jiġu konservati dehbijiet u *exvoto*. Barra dawn Cortis ħareġ 0.10.0 għal mant, (*second hand*), għall-Madonna tal-Pietà fis-Santwarju.

Cortis ħa ħsieb ukoll ħallas 1.15.0 lil Carmelo Galea, imsemmi diġà fuq, għal damask għall-Knisja l-ġdida u 0.17.0 lin-Nutar Francesco G. Schembri ta' nofs l-ispejjeż u drittijiet tiegħu ta' att ta' tranżazzjoni bejn il-Kappillan Prokuratur tal-knisja tal-Mellieħa u l-ex Kappillan il-Monsinjur Kanonku Francesco Magri dwar il-kreditu ta' dan tal-aħħar mal-knisja msemmija skont l-Att ippubblikat fis-6 ta' Novembru 1917. In konnessjoni mal-istess kreditu tħallsu 0.6.0 għall-vettura mill-Mosta nhar il-21 ta' Novembru 1917 u 0.4.6. lill-Kurja Veskovili ta' nofs l-ispejjeż tal-kopja tal-kuntratt imsemmi fuq.

Lil Francesco Coleiro minn Valletta, induratur tal-velu u ta' oġġetti oħra mixtrija minnu għall-istatwa tal-*Vittoria* tah 0.8.0 u mbagħad 0.4.8 ta' aktar spejjeż magħmula waqt l-induratura tal-istess statwa. Il-Kappillan kellu spiża oħra ta' 2.10.0 meta ħallas lil Vittorio Scerri, dekoratur/pittur min-Naxxar talli ħasel, naddaf u rtokka s-saqaf bl-Isqfijiet impenġija fis-Santwarju, il-ħames kwadri kbar tal-artali tas-Santwarju, kif ukoll diversi kwadri storiċi fis-sagristija tas-Santwarju. Dawn kienu jinkludu wkoll spejjeż ta' vjaġġar u ta' fejn kien joqgħod. Tħallsu wkoll 0.2.6 lin-negozjant Lorenzo Cutaiar minn Valletta għal tila bix-xema' madwar l-istatwa tal-*Vittoria* u 0.5.0 lil Emmanuel Anastasi & Sons ta' grampunetti tar-ram u oġġetti oħra.

Żewġ ħlasijiet oħra li jitfgħu aktar dawl fuq l-istorja tal-knisja fil-Mellieħa saru l-ewwel wieħed ta' 0.9.6 lis-sagristan, tal-pitrolju li xtara għaż-żewġ knejjes, u l-ieħor ta' 1.18.7½ lil-Lukandiera Carmela Debono tal-kafè u oġġetti oħra servuti lill-qassisin li kienu jiġu jiċċelebraw fis-Santwarju u fil-festa tal-Knisja, għal pranzijiet, ikliet ta' filgħaxija u alloġġ lill-qassisin u patrijiet li kienu jiġu waqt il-festi solenni ta' matul is-sena fil-knisja. Dawn kienu jinkludu wkoll spejjeż simili għall-kantanti u mużiċisti li kienu jinġabu fl-okkażjoni tal-Festa tat-8 ta' Settembru.

Insemmu hawn li Padre Paolo Bezzina kien dak li kiteb it-talba tal-Madonna tal-Mellieħa "O Verġni Mbierka li ġewwa l-Għar Imqaddes tal-Mellieħa...". Hu kien iservi fil-Mellieħa stess. Il-Kappillan Francesco Magri kien ħalla ġidu kollu għall-bini tal-knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. Naraw ukoll li kien sar xi forma ta' tindif jew restawr fis-saqaf tas-Santwarju fejn hemm l-isqfijiet impenġija. Id-drawwa li jinġabu saċerdoti fil-jiem tal-festa tal-Vitorja baqgħet magħna nistgħu ngħidu sas-snin sittin tas-seklu 20 u dawn kienu jagħmlu ħafna ġid għax kien isir ħafna qrar. Kienu jagħtu dik ix-xeħta ta' festa meta tara daqstant qassisin fuq l-artal fil-knisja parrokkjali.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***


## The Veggie Truck

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*





# Time to Reflect

Professor Stephen Calleya

On the occasion of the celebration of our Festa it is important that we reflect upon the many blessings that we have in Mellieħa and throughout Malta and thank Our Bambina for watching over us and safeguarding us against the multitude of security challenges that our Mediterranean is experiencing. This is especially the case when one considers that the Mediterranean we live in is going through a tremendous moment of insecurity and instability.

The ever increasing list of security challenges includes ongoing conflicts such as those in Syria, Libya and between Israel and Palestine, terrorism, illegal migration, organised crime, energy security and climate change. During this time of turbulence and transition across the Euro-Mediterranean region, where humanitarian suffering is being witnessed on an unprecedented scale in modern times, it is essential that the European Union and all international actors with a capacity to influence regional relations in the Mediterranean seek to foster more cooperative relations and steer clear of clashes within countries and between them.

The time has come to propose and champion a holistic security agenda that is necessary to attract a collective Mediterranean approach to security risks and threats where diplomacy is given a priority. The absence of robust and assertive diplomatic initiatives that are supported by credible political and economic resources has resulted in the Mediterranean becoming a geo-strategic fault line between a prosperous Europe towards the north and an impoverished North Africa and Middle East towards the south. The arc of instability that has emerged in the Mediterranean since 2011 demands a strategic rethink that addresses the immediate and long term causes of such instability.

Today the Mediterranean is the least integrated region in the world. In order for a functioning Euro-Mediterranean region to emerge, all of the countries in the basin must perceive and believe that they share a common strategic future. Such essential characteristics remain absent or too weak to be able to build a coherent regional arrangement. Without such a regional security forum it will remain almost impossible to advance security measures that can mitigate in an effective manner the numerous sources of insecurity in our midst, which range from outright conflict, to smuggling of drugs and fuel to trafficking of human beings and environmental degradation.

The emergence of a ring of failed states across the Mediterranean as is already the case in Syria, Libya and Yemen and the escalation of dormant conflicts in the Middle East or North Africa will further severely undermine the stability we so often take for granted here in Malta. An increase in the proliferation of weapons which is necessary to sustain conflicts and the continuation of humanitarian catastrophes such as those in Syria and those experienced daily by migrants being trafficked across the Mediterranean will eventually undermine stability everywhere in the Mediterranean and impinge upon the political and economic outlook of every country.

Thus our Festa is a good time to reflect upon and celebrate the peace and prosperity that we have in our country in the Mediterranean. Yet it is also a time to reflect on the suffering that so many others in our Mediterranean are experiencing and to champion policy actions that will start addressing their plight.

# Il-Mellieħa fl-Imgħoddi

Mario Fenech

Biex inqanqal aktar nostalġija dwar kif kien ir-Raħal tal-Mellieħa fl-imgħoddu ser nkompli fejn ħallejt fl-artiklu tiegħi tas-sena li għaddiet li deher fil-programm tal-festa tal-Każin tal-Banda Imperial. Għażilt xi ritratti mill-kollezzjoni tiegħi biex jidhru f'dan l-artiklu ta' din is-sena.

Fl-ewwel żewġ ritratti tidher il-famuża Tunnara li llum tista tgħid li ġiet imdawra bil-bini li tela' madwarha matul dawn l-aħħar snin bħalma kien jiġi mdawwar it-tonn bix-xibka biex jinqabad mis-sajjieda li kienu jinġabru mill-Mellieħa u l-madwar għal dan it-tip ta' qbid tal-ħut.

Fortunatament din il-binja llum ġiet mibdula f'Mużew ferm interessanti tal-folklor u tas-sengħa tas-sajd, grazzi għal numru ta' voluntieri li ħadu ħsieb jagħmlu dan ix-xogħol li jzommu dan il-post kif xieraq u miftuħ għall-pubbliku.





Żewġ ritratti oħrajn jeħduna lejn l-inħawi fejn hemm it-Torri ta' Selmun. F'ritratt minnhom tidher it-triq bil-ħajt tas-sejjiegħ fuq naħa waħda, bit-Torri wieqaf qabel ma' nbena dak li hemm illum madwaru.





Fir-ritratt l-ieħor jidher dan l-istess Torri ta' Selmun aktar mill-qrib. Interessanti wieħed jinnota li dan ir-ritratt kien ġie miġbud waqt li l-bdiewa tal-inħawi kienu qiegħdin jidirsu l-qamħ li kien għadu kemm ġie miġbur mill-għelieqi tal-madwar. Dan ix-xogħol jidher qiegħed isir minn dawn iż-żewġ bdiewa permezz ta' żewġ bgħula kbar.





# Mellieħa

*Jos. F. Cachia*

Mellieħa, art tax-xagħri,
Bis-sagħtar imfewħin,
Li mal-ħarrub, ta' dari,
Taw għasel, tassew bnin.

Mellieħa, art ir-raba',
Imsoqqija fil-widien,
Li tat uċuh bix-xaba'
Min jaf kemm ilu żmien?

Mellieħa, art il-baħar,
Bil-bajjiet imrammlin,
Bihom jien niftaħar,
Ma' bosta barranin.

Pajjiżi, ibqa' sbejjaħ,
La timteliex konkrit!
Għax it-turist li ssejjaħ,
Mhux hekk jarak irid!

Farmer's Fresh



Green Grocer

Fresh Fruit & Vegetables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm

Free Deliveries

MG ELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

SELF DRIVE CARS AND CAB SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net

# Inżel mill-ostja

Paul P. Borg

*"Il-KMANDAMENT NUMRU ĦDAX – ħobb lill-ħolqien" rumanz li ktibt imsejjes fuq ġrajja ta' żagħżugħ Malti li semmejt Mosè. Il-ktieb fih illustrazzjonijiet tal-artist Frank Schembri. Ir-rumanz hu bbażat fuq problemi ambjentali li l-ħolqien kellu jġarrab matul is-snin mgħoddija l-aktar minħabba l-ħsara li l-bniedem wettaq kull fejn lemaħ biċċa xagħra. Mosè hu żagħżugħ Malti konvint li Alla qabbdu jieħu ħsieb l-ambjent meta waqt sfilata tal-Karnival qallu biex ixandar kmandament ġdid – ħobb lill-ħolqien! - bħala żjieda mal-ewwel Għaxra. Mosè litteralment joqtol għall-ambjent, iħossu qiegħed jitlef saħansitra r-raġuni meta madwaru hemm tant ħsara. Irid ikun moħħ marid biex jiddefendi lill-ħolqien f'Malta. Fl-imgħoddi wettaqna ħafna ħsara.*

*Il-protagonist jinsab inkwetat għax fost il-kmandamenti m'hemmx wieħed espliċitu biex il-bniedem ma jeqridx l-ambjent waqt li hemm fuq kollox, la tisraqx, la toqtolx, la tiżnix, la tidgħix... u la teqridx lill-ħolqien ma jsib imniżżel imkien. Mosè jibda jqis lilu nnifsu bħal dak is-suldat li biex jiddefendi lil art twelidu jkollu tabilfors joqtol. Mosè jindaħal hu stess, ikunu xi jkunu l-konsegwenzi. Biex jiddefendi lill-ambjent Mosè jkollu bla ma jrid juża metodi vjolenti li mhux dejjem jaqbel magħhom hu stess.*

*Din li ġejja hi silta minn din il-kitba.*

Maħsud.

Għajnejh miftuħin beraħ fid-dlam ta' kamartu.

F'daqqa waħda.

Mosè stenbaħ ma jafx għaliex. Ma jafx sewwasew hux imqajjem jew għadux rieqed. Jaf biss li maħsud. Għajnejh miftuħin beraħ fid-dalma quddiemu.

Wara ftit waqtiet, sakemm intebaħ li kien imqajjem, ħares lejn l-arloġġ ħiemed fuq il-komodina ħdejn rasu. Taħwid ta' dehriet ġejjin u sejrin, imdaħħlin f'xulxin... t'appartamenti mimlijin swied il-qalb, ristorant qalb il-blat tal-Mistra, raġel jinqaleb ma' bintu mbikkija fuq sodda, waqt li xi ħadd mal-art kollu ħmieġ.

Kienu s-sagħtejn ta' filgħodu. Min il-qaħba qajjimni hekk kmieni?

Imbagħad fil-bogħod jisma' ħsejjes strambi. Krib. Biki. Imbagħad ħemda mill-ġdid. U mill-ġdid biki. Mosè qam iserraħ fuq dirgħajh. Kien sema' sewwa? Kien biki fil-bogħod li kien qiegħed jisma'? Xi ħaġa kien ġara lil xi ħadd. Il-ħsejjes ma kienux ġejjin mid-dar tiegħu, imma xi ħadd barra. Xi ħaġa kien ġara lil xi ġirien. Il-biki kien jinstama' sewwa minn fejn rasu issa, wara l-ħajt ta' kamartu. Bil-lejl kull nifs jinstama'. Kull karba tinħass.

X'kien inqala'?

Intebaħ ukoll li kien għarqan xraba mikdud bil-ħolm li kien għaddej ma jaqta' xejn.

Ma' ġenbhom, xi ftit djar lil hemm kienu joqogħdu Pietru u Karmena. Pietru kien ħabib tiegħu tat-tfulija. Ilu jafu snin twal lil Pietru. Trabbew flimkien. Pietru kien kwiet, jaħdem daqs bagħal, dejjem rasu baxxuta jqiegħed il-madum. Jagħġen il-konkos u jqiegħed maduma ħdejn maduma, issa ta' ħajt, issa ta' firxa kuruturi u kmamar ta' flettijiet u swali. U martu dejjem issajjar, u taħsel il-ħwejjeġ u tnaddaf, għax għandhom tliet ġuvintur f'min jaħsbu.

Binhom il-kbir kien Simon. Simon kien qabad triq xejn ma kienet għal qalb missieru. Jidħol u joħroġ meta jfettillu. Jilgħab il-karti, ipejjep, jiġri bla kwiet, kultant iġibuh id-dar sturdut u barra minn sensih bl-ispirti u bil-pirmli li kien jibla'. Simon kien sab xitan ibegħlu l-pirmli.

Aktar biki.

Imbagħad dawl ġej u sejjer lil hemm mill-purtelli tat-tieqa ta' kamartu. Id-dawl bil-lejl jidħol imqar mill-aktar xaqq fin, u jissawwar f'dellijiet daqshiex fuq il-ħitan mudlama. Mosè jqum u jmur jittawwal mill-gallarija.

Dawl ikħal. Jixgħel u jitfi.

Mosè ttawwal u jara karozza tal-pulizija wara l-bieb. Pietru fil-bieb jitkellem ma' pulizija. Pietru deher inkwetat, deher dieħel u jerġa' joħroġ mill-ġdid, jidher ma jafx fejn sa jaqbad jagħti rasu. Iżomm idejh ma' rasu. Kienet tidher pulizija mara. Dan x'inqala' dal-lejl mela, biex ikollhom jiġu

l-pulizija għand Pietru? Dan x'riedu dal-ħin? Dan x'inqala'?

Mosè ma kinitx biċċa tiegħu, u daħal 'il ġewwa. Imma f'daqqa waħda l-biki żdied, kien hemm twerżiqa mkarkra, għajjat, aktar biki. Qalb Mosè għamlet tikk. Il-pulizija bil-lejl. Il-biki. Mosè ma tilifx żmien, libes malajr u niżel isfel. Qrib id-dar ta' Pietru kien hemm xi nies oħrajn diġà.

"X'ġara?" staqsa Mosè.

Kulħadd imbikkem, maħsud u ċċassat.

"Irrid naroh, irrid naroh!" kienet qed tixher Karmena. "Ħuduni ħdejh, irrid naroh!"

"Iwa x'ġara?"

"Sabu lil Simon," qal xi ħadd minn taħt l-ilsien.

Pietru jidher qalbu maqsuma, xagħru mħabbel, il-paġama mlibbsa mgħawweġ. "Sabulna lil ibni mejjet..." Kien qiegħed jgħid. "Qiegħed l-isptar mimli pirmli... Ara x'kellu jiġrielna lilna!"

Kien hemm l-aħwa jibku, mixħutin fuq sider ommhom, il-pulizija mifxulin fil-ġenb. Wieħed missubien għadu bil-qalziet ta' taħt biss, jaqbeż, isabbat idejh mal-ħajt, jgħajjat maħnuq. Xi ħadd mill-ġirien jipprova jikkalmah. Jagħmel li jista'.

"Ħuduni ħdejh, irrid naroh! Ħuduni ħdejh, irrid naroh!"

"Aħjar iġġibu tabib," kien qiegħed jgħid xi ħadd. Xi nisa kienu madwar Karmena, tixgħer, tibki, tgħajjat.

Mosè ma jiflaħx jara dan kollu. Qalbu magħsura li bniedem jafu kellu jintemm hekk, maqtul bil-pirmli. Mosè ħa nifs fil-fond, intilef imħasseb qalb id-dlam madwaru, jara kollox mill-bogħod. U bla ma jaf sewwa x'qiegħed jiġri ħass għajnejh jitberrqu, ħodor ħodor, jitqabbżu lil hemm minn toqbiethom. Xi ħaġa kien ġara lil Simon. *Ħobb lill-ħolqien*. Teqridx lill-ħolqien. *Ħobb lill-ħolqien*. Kliem li ma jkunx jista' jżomm iżarżar fih.

"L-isptar inwassalkom jien stess…" offra s-surġent.

Imbagħad Mosè resaq lejn Pietru, għafsu miegħu kif seta'.

"X'ġaroli, Musè!" karab l-imsejken, jibki bħal tifel żgħir.

Mosè ħaddnu miegħu sewwa. Serraħlu rasu fi ħdanu, u bla ma ried ftakar fi snin twal ilu waqtiet ta' ferħ u ta' tfulija, jiġru wara xulxin fl-għelieqi u fit-toroq jimbuttaw ċirku, hu u Pietru, b'ebda ħsieb itaqqlilhom ħajjithom. Kienet dinja hekk sabiħa dakinhar, meta t-toroq mgħawġin u mimlija ħofor kienu għadhom jidhru hekk dritti u bla ħotob...

"Kont ngħidlu lil dak m'għandekx xi tridu," kien qiegħed jgħid Pietru waqt li kien jolfoq bħal tarbija, wiċċu mgħawweġ, xufftejh imdendlin kollha bżieq, ħaddejh imxarrbin għasra bid-dmugħ nieżel wied. "Kont ngħidlu, ħallih, ħallih lil dak! Tmurx ħdejh aktar! Ħallih! Issa mur ġibu lura!"

"Tibżox Piet," ikkunslah Mosè. "Alla għandu jdejh twol!"

Ftit wara waslu xi qraba, kulħadd jibki. Min sejjer l-isptar, min ġej mill-isptar. Wasal ukoll it-tabib. Mosè ra li ma kienx aktar loku hemm. U mar 'il ġewwa, imħasseb. Muġugħ. *Ħobb lill-ħolqien*. Imma kien imgħaddab sewwa. Kien jaf Pietru għal min kien qiegħed jgħid. Kienu jgħidulu s-sur Johnny. Is-sur Johnny. Bniedem għadu kif qaleb l-erbgħin. Xi ħadd li stagħna sewwa bin-negozju, imma min jaf kemm ibagħbas minn taħt-il taħt. Kien jarah sikwit il-każin Mosè, jindiehes issa ma' dak u issa mal-ieħor, iħallas issa lil dawn, issa lil dawk. Baħbuħ tabilħaqq. Qalbu tajba. Imdawwar dejjem bil-ħbieb, jixorbu u jpejpu u jieklu. Bniedem dejjem liebes eleganti, dejjem bil-mowbajl imwaħħal ma' widintu, imexxi n-negozju, issa jissellef, issa jislef, bwietu mimlijin bil-flejjes li ħadd ma jaf sewwasew mnejn jiġu, imexxi n-negozju, jixtri u jbiegħ. U xi mkien kien hemm il-pirmli, u kien hemm titqibiet jiswew il-flejjes kbar, kien hemm qratas bi trab abjad. Kien ikollu nies miegħu li jbeżżgħu li kien kapaċi jiftiehem magħhom b'tegħmiża ħafifa.

Imma kif ħadd ma jinduna, ħaseb Mosè. Ħobb lill-ħolqien. Imma kif ħadd ma jwaqqfu, ħadd ma jiftaħlu għajnejh lil dok l-imbierek ta' sur Johnny? Kif ħadd ma jurih il-biki li għemilu qiegħed iħalli warajh? Kif ħadd ma jkellmu bil-kelma t-tajba? Kif jista' jkun li s-soċjetà tibqa' sejra hekk? Kif iħalluk tmur tuqtol fil-gwerra, u jordnawlek tuqtol lill-għadu, tisparolu, ixxoqqu b'sikkina, u ma jħallukx teħles lis-soċjetà minn għadu li qiegħed ġo nufsha? Kif ma jħallukx issib lil dol-bniedem u tiftaħlu rosu ktieb b'daqqa ta' zappuna? Kif ħaqq dok il-bagħal tħallih juqtol bla ma tpattihielu, ġustizzja ċlaqq plumm? Ħobb lill-ħolqien. Kif ma jħallukx tuqtol lil min jista' juqtlok lew juqtollok lil uliedek kiesaħ u biered? Għaliex? Kif jista' jkun? Din x'soċjetà mnejka hi, ħaseb Mosè? Għaliex l-għadu ta' barra tmur tisparolu u lill-għadu ta' ġewwa tħallih, tissappurtih u tħallih jgħix qisu mhu jseħħ xejn?

Mosè qagħad jippassiġġa minn kamra għal oħra. Ħassu jisbel. Ħassu jimtela għadab li ma setax irażżan. Iċ-ċinga fih qabżet bla ma ntebaħ u bla ma ried. U la tfaqqagħlu l-buttuna Mosè jsir bniedem ieħor. Isir xi ħaddieħor li qatt ħadd ma jobsor. Mosè ma kienx jibqa' aktar Mosè. Mosè kien issa mitluf minn sensieh. *Ħobb lill-ħolqien*. *Ħobb lill-ħolqien*. Kalm. Ħiemed. Tbissima tal-biża' fuq xufftejh. Ħarsa ta' xitan fuq għajnejh ħodor. Geddumu mfaqqam 'il barra. Ħuġbejh imtellgħa 'l fuq f'sura mxajtna. Mosè ma kienx Mosè. U kien jaf hu stess li dak li kellu jagħmel kien sa jkollu jwettqu, irid u ma jridx.

Is-sur Johnny kien sa jkollu jħallas ta' għemilu.

Daqshekk, sur Johnny.

Waslitlek.

Mosè kien jaf biss li siegħet dal-kankru tas-soċjetà kienet issa waslet. Dak kulma kien jaf Mosè. Xejn aktar. Kien wasal il-waqt li dan il-bniedem jieħu li ħaqqu. Ġaladarba s-sistemi soċjali ma kinux irnexxielhom iwarrbuh, kien hemm ġustizzja aqwa li ma kinitx taf taqra, u ma kinitx taf tikteb, u ma kinitx studjat liġijiet, u lanqas kienet taf il-kmandamenti t'Alla imma li kienet taf tħoss, u taf tweġġa', u taf timxi biss fuq l-istint. L-istint. Tħallix lil min itemmlek ħajtek. Oqtlu qabel joqtlok.

Sinna għal sinna. Għajn għal għajn.

Ħażin, ħaseb Mosè. Dan mhux Alla tal-maħfra. Dan Alla tal-ġustizzja ċlaqq plumm. Kien mitluf u mħawwad wisq biex jirraġuna mod ieħor Mosè.

Kien issa sab ruħu jrażżan l-għadab tiegħu u jqassmu fuq jiem sħaħ ta' thewdin u preparazzjoni. Sa ftit qabel Mosè kien żgur li la jasal biex ikollu qawwa jiġġieled waħda waħda lil ħażin seta' kien miġnun. Imma issa li sar jaf jippjana bil-kalma kollha, kiesaħ u biered u mhux aktar bil-qilla tad-demm li jitlagħlu għal rasu, bil-fors li kien miġnun perfett. Ma kienx hemm spjega oħra għal dak li kien qiegħed jiġrilu.

Mhux xebgħa għall-mewt lill-klieb marbutin fi xkura taw dal-bgħewla, ħaseb Mosè. Ma kissrulhemx roshem b'biċċa ħadida? Kienu min kienu, huma qattiela u jkollhom iħallsu. *Ħobb lill-ħolqien. Ħobb lill-ħolqien. La teqredx il-ħolqien!* Kienu nies qattiela, setgħa li tnawwar lis-soċjetà, tisirqilha l-ftit soldi li jkollha billi tnaqqihomlha saħansitra bis-saħħa tal-banek ħallelin u kriminali u sangisugi jerdgħu s-saħħa ta' soċjetà baħnana. Setgħa ta' nies makakki u mexxejja li jerdgħu d-demm ta' kulħadd. Wieħed minnhom kien dan Johnny u npattihielu, ħaqq dik il-qaħba, inpattihielu għax niek ħajja hekk kiesaħ u biered. U rrid inkun qawwi aktar mill-aktar għadu qawwi, salvaġġ aktar minnu, inbeżżgħu, innaqqilu saħħtu, innaqqilu ħajtu, nerdagħlu saħħtu u demmu u nħallih jaroni nniku minn wiċċ id-dinja bla ma nħallih jagħmel xej' biex iraġġa killox lura. Inpattihielu, inpattihielu. Alla tal-Ħlos. Alla tal-Vindetta jkunu miegħi. Alla tal-ġustizzja ċlaqq plumm! Ħlos lil min isawwat lill-innuċenti. Ħlos lil min isawwat lil min hu dgħajjef.

Mosè ma setax jagħlaq għajn m'għajn, u malli sebaħ, libes u ħareġ bla ma qal kelma lil ħadd. Beda miexi lil hemm u lil hawn, jgħaddi bħas-soltu mgħaddas f'dinja bejnu u bejn ruħu kollu diskussjonijiet u taħbiliet bla ma jaf fejn sejjer. Waqtiet ikun bla jaf għaddej mill-istess toroq darba darbtejn. Ħin minnhom waqaf fejn knisja u fettillu jidħol.

Hawn qiegħed sewwa sew ħdejn Alla, f'daru, qal waħdu. Skanta kif qatt qabel ma kienet ġiet f'rasu dil-biċċa. U kien għalxejn jipprova jiftakar meta kien l-aħħar li daħal fi knisja, għax ma setax. Sentejn? Tlieta?

Min jaf kemm.

Kien hemm il-kappillan fuq l-altar, iqaddes lil nofs tużżana mxerrdin lil hemm u lil hawn. U Mosè waħħal ħarstu fuq iċ-ċelebrant f'nofs l-altar, liebes l-ilbies tal-Lhud tal-qedem, tgeżwiriet li llum ma jagħmlu ebda sens ħlief li jsostnu s-sens ta' kontinwità u tradizzjoni tal-Knisja, qal bejnu u bejn ruħu Mosè. Bħall-kotba tas-sħarijiet u tal-ħrejjef ta' dal-poplu Lhudi li fettillu jwaħħalha f'rasu li hu l-magħżul bażużlu t'Alla stess. Bħallikieku kkapparraw lil Alla. Mosè ħassu mċekken, ma jiswa xejn, meta ħarstu waqgħet fuq il-Bniedem-Alla mdendel faċċata u ralu għal darb'oħra ġismu kollu daqqiet, laħmu mtertaq bi tbatija divina. U ftakar fil-kliem qadim, *mit-tbatija noħroġ l-imħabba. Inbiddel il-vjolenza fi mħabba. Jien biss nista' nagħmel dan, għax jien hu Alla.*

Din kienet ġrajja ilha ġejja eluf ta' snin, ftakar Mosè. Il-Knisja kellha bżonnha din il-kontinwità, bħalma l-pajjiż jeħtieġ il-kontinwità ħalli jsostni l-identità tiegħu. Il-mossi tal-qassis, l-idejn miftuħin, in-nies jagħtu fuq sidirhom, kienu kollha ċerimonji u mossi meħtieġin biex is-sinjur Alla jifhem il-qawwa tat-talb tal-bniedem. Ċelebrazzjoni ta' maħfra li tressaq l-imħabba.

Mosè ċċassa lejn id-dalma lil hemm u lil hawn. Il-kurċifiss enormi, it-tbatija li dak l-imsejken msammar nissel fih kull meta kien iħares lejh. U jara madwaru n-nies jittewbu u n-nies jitolbu, iwiegħbu l-mowbajls, itektku l-mowbajls flok bil-kuruna qadima tar-rużarju, u n-nies iħarsu lil hemm u lil hawn. Kien hemm il-kappillan jistedinhom issa jqumu, issa jpoġġu, issa jwieġbu. Imma x'kellu x'jagħmbih hu dan id-dramm makabru li jispiċċa bid-demm imxerred u l-laħam maqtul u mqatta' għalxejn? M'intix tara, Mosè, mhux xorta kien hemm dak il-bagħal ta' Johnny joqtol iż-żgħażagħ u ħadd ma jwaqqfu? Mhux xorta laqqas l-istess Bniedem-Alla ma jwaqqfu?

Mosè ħass qalbu titqal, dwejjaq kbar ġo fih.

X'riedha hu din il-kummiedja ta' talb dalgħodu?

Jara lil dak u lill-ieħor iħarsu lil hemm u lil hawn. Xi ħadd iħalli l-mowbajl idoqq bla ma jiċċaqlaq, taparsi mhux tiegħu qiegħed idoqq. Imbagħad waħda mara tbaxxi, tiftaħ il-basket, iċ-ċempila tikber, u twieġeb.

"Issa nċempillek," leħen il-mara maħnuq imma mgħajjat sewwa xorta waħda u jismagħha kulħadd. Imma d-diskursata tkompli u tkompli, taparsi b'leħen baxx, waqt li l-qassis ukoll ikompli u

jkompli u jkompli.

Ftit wara Mosè jara l-ostja fil-għoli. L-elevazzjoni solenni. Il-waqt meta Alla jidħol fix-xbihat tal-ostja u l-imbid.

Għaliex jistaħba fix-xbihat il-Bniedem-Alla? Għaliex jinbidel fi xbihat? Għaliex ma jinżilx u jmur isib hu lil dan Johnny li qered il-ħolqien? *Ħobb lill-ħolqien! Ħobb lill-ħolqien!*

Mosè jferfer rasu, imbellah. Xi drabi jkollu bħal ferrovija ta' dehriet quddiemu, jibda minn tfulitu jonqox il-basal ma' Toni, tgerfix ta' dehriet, l-għalqa kollha bittiegħ, it-tarbija mqattgħa fid-dixx tal-istejnless stil u l-ħoss tal-flaxxing tal-loki, hu jibki quddiem is-sindku, il-kelba mgħarrqa fil-ġiebja, il-vann kollu nar... imma xi ħadd ġo fih ma jistax jaċċetta lil dik il-mara tibqa' titkellem waqt l-elevazzjoni u ħadd ma jwaqqafha. Lanqas Alla stess. Lanqas Alla stess, imqar inebbaħha! Imqar iwisssiha.

Mosè daqshekk ħasibha.

Geddumu tfaqqam, idejh intrabtu wara dahru, ħuġbejh tħabblulu, rasu ġġebbdet sewwa 'l barra. Quddiemu kien hemm dramm serju għaddej, traġedja tal-biża' tal-Bniedem-Alla kollha demm imxerred fuq il-palk tal-knisja. Kif daqs dawn nies u ħadd ma jwaqqaf lill-kappillan biex ifakkru sewwa b'dak li kien ġara dal-lejl? Kif mara serja bħal dik ma taqbadx u taqta' l-mowbajl? Din quddiesa li tfakkar fis-sagrifiċċju tal-bniedem li tbiċċer għal wiċċna, jew kummiedja tradizzjonali? Din talba? Dan sagrifiċċju jew kummiedja? Din ċelebrazzjoni friska, jew drawwa? Kulħadd jara sewwa madwaru imma ħadd, ħadd, laqqas il-kappillan m'hu jifhem sewwa dak li kellu jsir.

Mosè resaq lejn dik il-mara, ħatfilha l-mowbajl bla ma mqar lissen kelma waħda. Il-ħarsa ta' kulħadd fuqu. Il-kappillan jieqaf għal waqtiet qosra mit-tgedwid tiegħu. Kulħadd b'ħarstu fuq Mosè. Il-mara ċċassata. Maħsuda.

Mosè jsabbat it-telefown mal-art, ikissru f'biċċiet itiru lil hemm u lil hawn, jaqbeż fuqu. Jehrżu sewwa biċċa biċċa taħt riġlejh.

Dan teatru tal-assurd jew ċelebrazzjoni tal-ħajja?

Qabda xjaten ta' mistoqsijiet bdew għaddejjin jiġru minn moħħ Mosè. L-imsejken qabditu rogħda qawwija, ma jafx x'jaqbad jaħseb. Mifxul sewwa. Dan dramm traġiku u solenni jew ċelebrazzjoni taparsi drammatika kollha żebgħa ħamra bħad-demm u kollha swat taparsi u bla sens?

Għaliex dan Alla ma jinżilx minn fuq l-altar, jaqbeż mill-ostja u jmur jiggranfa lil dak il-bagħal li jqassam id-droga biex jinqered il-ħolqien?

"Għaliex ja Bniedem-Alla?" jgħajjat f'nofs il-korsija.

Għaliex iħalli lin-nies jemmnu li dan hu biss dramm u taparsi reċta? Dan taparsi ċelebrazzjoni drammatika jew il-ġrajja drammatika nnifsiha?

Għaliex ma tinbidelx f'realtà dil-ġrajja? Għaliex dal-Bniedem-Alla ma jinżilx mill-ostja u jiġri 'l barra jbiddel lil kull min kien bħal dak il-bagħal ta' Johnny fi statwa tal-melħ?

"Kummiedja," jgħajjat man-nies madwaru. "Pulċinelli killha kemm intom!"

In-nies tal-knisja ħarsu lejh, il-mara tat-telefown mal-art tiġbor biċċa biċċa fdalijet mgħaffġin. Leħnu fond u jwassal. Il-kappillan kompla l-quddiesa, ħarstu lejn dal-bniedem. Mosè jdur lejn Alla waqt l-elevazzjoni. Deher jitħasseb għal ftit ħin. Mosè ffissa ħarstu lejn l-ostja, resaq pass pass eqreb lejn l-altar, tela' ż-żewġ tarġiet li kien hemm mal-presbiterju u sab ruħu sewwa sew fejn il-kappillan.

"Mur f'postok, ibni," qal il-kappillan b'leħen serju.

Ħarstu fuq Mosè, imma mill-ewwel ħass demmu jiksaħ malli ralu għajnejh ħodor ħodor imqabbżin 'il barra. Il-kappillan ressaq lejh sewwa l-ostja u l-kalċi, maħsud, imbażża', dan demm Kristu, dan ġisem Kristu, dan demm Alla, dan ġisem Alla!

Min jista' jissogra jkasbar ġisem u demm l-istess Alla?

Mosè kellu ħarstu mwaħħla fuq l-ostja, tirtgħod f'id is-saċerdot. Mosè qabad l-ostja minn id il-kappillan, ħares lejha sewwa.

"Jekk inti Alla," qal maħnuq kemm kemm jinstama', "ejja waqqaf lil dol-erbgħa bgħewla tad-druga! Simon miet, qatluh lil dok il-puvru tifel. Imma tħallihemx jibqgħew juqtlu aktar issa tofx! Ejja u kellimhem waħda inti lil dol-bdobad ħalli jitgħallmu. Kif tħalli lil dok il-mingħewl inik tifel fl-aqwa tiegħew? Kif ma tieħux ħsieb il-ħulqien tiegħek stess, ja Alla? Qed tismgħoni lew mintix hemm? Imma jekk qiegħed fl-ustja, tubqox fl-ustja, inżel aqbadlu waħda gerġieh! Islithumlu minn ma' għunqu! Imma tħallihx inik aktar lill-ħulqien! Mhux sawwa hekk, mhu sawwa xej'!"

Imbagħad dar lejn il-kappillan, tah l-ostja lura f'idu.

"Dellejl qatlu lil Simon ta' Pietru," qallu bil-kwiet. "Feqqgħewlu d-druga fil-vina... puvru tifel... kien għudu ħalib ummu fi snienu!"

Il-kappillan skanta, inħasad.

Mosè kien qalbu maqsuma, għajnejh ħodor issa kollha dmugħ.

Qatt ma tela' hekk qrib il-qassis waqt l-elevazzjoni, għax meta kien abbati kien jasal biss sal-ewwel tarġiet tal-altar. Baqa' jħares lejn il-kappillan u dak li kellu f'idejh. Din kummiedja, staqsa lilu nnifsu?

Hu stess, Mosè stess, kien parti minn kummiedja? Don teatrin taporsi ġisem Kristu, lew don ġisem

Kristu vieru? Don laħmu, lew taporsi? Din reċta ta' vieru, lew ġrajja ta' vieru?

Don qassis liebes bħal tal-karnivol?

Don maskarot ieħor?

"Lew ent maskarot ukell?" staqsa lill-kappillan fuq l-altar.

Baqa' jħares lejn il-kappillan li issa kellu ħarsa mbażżgħa.

"Don Alla tal-karnivol tabilħaqq hiex vieru, dun?" staqsieh. "Don bħal dok li kellimni fil-karnivol? Don sulton tal-karnivol b'rosu tal-kartapesta titbandal u tixxejjer lil hemm u lil hawn killha kuluri bħal dakinhor fi Triq ir-Repubblika? Lew Alla vieru li ma jridx jiġi u jiżbrana lil dok il-bagħal tad-druga?"

Il-kappillan taptaplu fuq dahru lil Mosè.

"Min qallek fuq Simon?" staqsa b'leħen baxx. U bla ma stenna tweġiba baqa' għaddej bit-talb tas-soltu ta' waqt il-quddiesa.

Mosè ma wieġeb xejn. Il-mistoqsijiet fih kienu għadhom għaddejjin.

"Lew don fatot?" staqsa. "Lew il-ħores? Don spirtu ma jidherx fuq l-altor? Imma Simon ġew il-pulizija stess qolulna li miet bid-druga..."

Imbagħad Mosè niżel lura lejn postu. Il-knisja kollha ssummata fuqu. Sal-vari u l-istatwi, il-bnedmin impinġijin fil-pitturi ċċassaw lejh, ma jistgħux jibqgħu jieħdu n-nifs tal-arti meta jaraw dawn ix-xeni li kien qiegħed jgħix Mosè waqt li jfittex sewwa liema kienet ir-realtà tal-eżistenza umana u Nisranija.

Din quddiesa, kien qiegħed jistaqsi Mosè?

Jew kummiedja li kiteb Kristu?

Liema kienet l-isbaħ ta' Kristu jew dik ta' Ċiekuv!

Liema kienet tfittex ir-realtà Kristu jew Ċekov?

Mosè ħareġ mill-knisja, moħħu fis-sur Johnny.

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."**
- Papa Ljun XIII



# X'memorji

*Doris Mifsud*

Sena wara l-oħra u ż-żmien għaddej. Reġgħet waslet il-festa tagħna u kulħadd jagħmel mill-aħjar biex ikollna festa sabiħa u kif jixraq lil Marija Bambina.

Meta avviċinani membru fil-kumitat tal-Każin Imperial biex nikteb artiklu għal fuq il-ktieb, li l-każin joħroġ kull sena fil-festa tal-Vitorija, mill-ewwel ġieni l-ħsieb biex nikteb xi ħaġa dwar memorji tas-snin li għaddew, speċjalment drawwiet dwar l-ikel - drawwiet li xi ftit minnhom spiċċaw u oħrajn għadhom magħna.

Minn mindu kont għadni tifla, kont ninteressa ruħi fit-tisjir. Ommi kienet għallmitni ħafna, speċjalment kif nagħmel l-għaġina. Kienet għallmitni ħafna dwar kif nagħġen l-għaġina tal-pizza billi din tixbaħ ħafna l-għaġina tal-ħobż. Ommi kienet taf ħafna dwar l-għaġina bil-ħmira, billi għamlet snin twal tagħmel il-ħobż fil-forn tal-ġenituri tagħha, in-nanniet tiegħi. Hawn irrid ngħid li s-sena l-oħra rnexxieli nirrestawra l-forn u reġa' ġie fl-istat oriġinali tiegħu. Xejn ma niddejjaq ngħid li tant ġie għal qalbi li nħossni verament kuntenta li għamilt dan il-pass. Kienet tkun ħasra kbira kieku minflok irrestawrajtu, kissirtlu l-madum oriġinali tiegħu li hemm mal-ħajt kif ukoll madwar l-injiebi (plural ta' lenbi). Dan il-madum kien inġieb minn Sqallija fl-1873 u huwa magħmul mill-fuħħar u mhux siment. Kieku biex tkisser ma ddumx imma biex tirrestawra jeħodlok ħafna ħin u spejjeż kbar. Imma nirringrazzja 'l Alla issa lest u l-ħolma tiegħi, u li kellha oħti Josephine, saret realtà.





Naturalment la semmejt il-forn, jiġi f'moħħok l-ikel. Dan ma jfissirx li l-ikel kollu jidħol fil-forn, imma aħna l-Maltin inħobbuh ħafna l-ikel misjur fil-forn. Żmien ilu meta kont ħafna iżgħar, l-ikel ta' matul il-gimgħa kien prinċipalment jikkonsisti f'xi platt minestra, xi brodu tal-laħam, froġa, kawlata, xi platt għagin biz-zalza, qargħabagħli mimli fil-brodu, patata moqlija, xi kustilja tal-majjal moqlija bit-tewma, zalzett Malti, u mazzit moqli. Nhar ta' Ġimgħa ma konniex nieklu laħam allura konna nieklu xi ħaxix mgħolli u tonn taż-żejt, vopi moqlija biz-zalza tal-kappar, aljotta, jew xi ikel ieħor bla laħam. Wara xi platt minestra konna nieħdu xi biċċa ħobż bil-ġobon jew biż-żebbuġ. Kif innotajtu dan l-ikel ma kienx ikun misjur fil-forn, imma fuq xi spiritiera. Dan għaliex fil-maġġoranza tad-djar ma kellniex *cookers*.

Nhar ta' Ħadd u fil-festi speċjalment fl-irħula, il-maġġoranza tan-nies, kienu jsajru xi ħaġa speċjali u jeħduha fil-forn fejn is-soltu jsir il-ħobż. Fil-Mellieħa kien hawn diversi fran fejn matul il-ġimgħa kien isir il-ħobż u nhar ta' Ħadd u l-festi, il-furnar

kien juża l-forn tiegħu biex isajjar l-ikel tan-nies. In-nies kienu jagħmlu xi dixx imqarrun jew ross, patata bil-laħam jew b' xi serduq u kienu jieħdu d-dixx jew turtiera għand il-furnar biex isajjarulhom fil-forn tiegħu. Ġieli kien ikun hemm xi dixxijiet jew turtieri bħal xulxin. Allura biex in-nies ikunu jafu liema dixx hu tagħhom kien ikollhom numru fuq biċċa ħadida. Tal-forn kien ipoġġi numru fuq id-dixx u ħadida oħra bl-istess numru kienet tingħata lil sid id-dixx, biex b'hekk ħadd ma jibdel id-dixx tiegħu ma' dak ta' ħaddiehor. Għal kull dixx konna nħallsu xi tlett soldi lill-furnar.

Fil-festa tal-Vitorja, il-furnar kien ikollu ħafna x'jagħmel billi kważi l-Melleħin kollha kienu jsajru xi ħaġa speċjali fil-forn. Jien niftakar sew lil ommi tagħmel dixx imqarrun fil-forn u xi serduq mal-patata l-forn. Is-serduq kien ikun minn tagħna għax dak iż-żmien kważi kull familja kien ikollha t-tiġieġ f'xi stalla fid-dar. Min ma kienx ikollu xi serduq minn tiegħu, kien jixtri wieħed ħaj, imbagħad joqtluh u jnittfuh huma. Ma niftakarx li tal-laħam kien ikollu tiġieġ bħalma jkollu tal-laham illum. Fil-ħanut tal-laħam kont issib ċanga, majjal, zalzett, mazzit u xi gidi jew ħaruf.

Wara l-ikla ta' nofsinhar, fil-Vitorja xi *trifle* ma jonqosx. Ommi kienet tixtri l-*Pane di Spagna* forma ta' *fingers* jew rettangolari. Kienet tagħmel saffi tal-*Pane di Spagna* u krema *custard* bi tliet kuluri: safra, roża u taċ-ċikkulata. Kienet tpoġġi xi frott tal-bott ukoll.

Fil-ġranet tal-festa kulħadd kien jiċċelebra mal-familja u l-ħbieb. Il-każini tal-banda kienu jkunu ffullati bin-nisa, irġiel u tfal - kulħadd jixrob u jiekol is-*sandwiches*.

Ħdejn tal-qubbajt kont tara kjù ta' nies biex jixtru xi biċċa qubbajt skont il-gosti tagħhom – jew mill-iebes jew mill-artab.

Sfortunatament, ċerti drawwiet qegħdin jintesew u ftit ftit għad imutu għal kollox.

Nappella lill-ġenituri u n-nanniet tat-tfal biex jirrakkontawlhom dwar il-Vitorja kif jiftakruha huma. B'hekk id-drawwiet tar-raħal tagħna jibqgħu ħajjin u ma jintesew qatt.

Viva Marija Bambina.




Għal
kull xogħol
ta' kisi, żebgħa
u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




**IR-RAZZETT
FRUIT SHOP**

**BEST QUALITY
FRUIT AND
VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

# Lil Raħal Twelidi

*Anthony Fenech*

Dawn il-versi qiegħed niktiblek
biex infaħħar il-ġmiel tiegħek;
xejn u ħadd mhu se jifridni
minn li fiha sawwar miegħek!

Minn twelidi f'dak ġuf ommi,
jien Mellieħi w fik trabbejt;
demmi jbaqbaq, qalbi mħeġġa
b'dik l-imħabba kbira lejk!

Kull tifħir nibqa' nagħtik
bħala Malti b'demm Mellieħi,
ħafna nħosni kburi bik…

U sal-aħħar nfs ta' ħajti,
jien, ma ħadd ma nibdlek qatt;
int, l-identità tiegħek tajtni!

**Nota mill-awtur:**
"Nappella lill-Melliħin kollha li jħobbu lil raħal twelidhom biex jgħozzu u japprezzaw il-kultura u s-sbuħija ta' raħal twelidhom "Il-Mellieħa".
B'hekk il-messaġġ tas-Sunett jagħmluh tagħhom."





# Il-Mellieħa fil-Bolol Maltin

David Bartolo
B.European Studies and History (Melit)

Il-Bolol ta' Malta jew aħjar il-filatelija Maltija, għandhom storja twila li tmur lura għas-sena 1860 fejn l-ewwel bolla kienet ħarġet fl-1 ta' Diċembru.

F'diversi ħarġiet ta' bolol li ħarġet il-Posta ta' Malta matul is-snin insibu diversi xeni ta' postijiet differenti tal-Gżejjer Maltin u diversi xeni wkoll inkonessjoni mal-istorja u l-kultura ta' pajjiżna.

Il-Mellieħa u l-inħawi tagħha kienu evidenti f'diversi settijiet ta' bolol minn dawn u ġieli anki kien hemm settijiet iddedikati għall-Mellieħa biss.

## Sena 1987

Fil-15 ta' April ta' din is-sena fis-sett tal-Europa 1987 li kien jikkonsisti f'żewġ bolli, insibu l-Knisja Parrokjali tal-Manikata ddedikata lil San Ġużepp, liema lokalità tagħmel parti mill-konfini tal-Mellieħa. Din il-bolla kellha valur ta' 35 ċenteżmi Maltin.




Id-disinjatur ta' dawn il-bolol kien il-Perit Richard England li kien anki l-arkitett tal-istess knisja li bdiet tinbena fl-1962 u kienet lesta fl-1974. Kienet iddikjarata bħala parroċċa fis-16 ta' Frar 1975[1].

## Sena 1991




Fid-9 ta' Diċembru tal-1991, il-Posta ta' Malta kienet ħarġet sett ta' 12-il bolla bit-tema: Il-Wirt Naturali u Artistiku tal-Gżejjer Maltin.

Waħda mill-bolol f'dan is-sett kienet xena mill-Bajja tal-Għadira b'enfasi fuq l-isports tal-*windsurfing* u tidher sew il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u l-madwar. Din il-bolla kellha valur ta' 10 ċenteżmi Maltin u d-disinn tagħha kien sar minn Frank Portelli.

## Sena 1993




Fl-20 ta' Novembru tal-1993 fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta, il-Posta Maltija kienet ħarġet sett ta' 4 bolol magħqudin flimkien b'valur ta' 5 ċenteżmi Maltin. Fuq dawn il-bolol, kien hemm l-istemmi tal-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex. Dawn il-bolol kienu ddisinjati minn Joseph Mizzi.

L-istemma tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tinsab fuq l-ewwel bolla. Ta' min jgħid li din l-istemma kienet inbidlet għal dik li għandna llum.






## Sena 1995

Din is-sena kienet iddedikata għas-sena tal-Konservazzjoni Naturali Ewropea u fis-26 ta' Lulju kien inħareġ sett biex jikkommemora dan. Dan is-sett ta' 3 bolol, li d-disinn tagħhom kien ta' Maurice Tanti Burlò, kien fih bolla ta' 5 ċenteżmi Maltin relatata mal-kampanja naturali Maltija u x-xenarju kien ħajt tas-sejjieħ u girna. Il-girna hija kunċett ta' ċertu tip ta' struttura rustika li tiddomina l-kampanja u l-inħawi rurali



fil-Mellieħa. B'kollox insibu 81 girna fl-inħawi tal-Mellieħa[2].

**Sena 1999**

Bolla minn sett ta' tnejn bit-tema tar-riservi naturali f'pajjiżna fl-okkażjoni tal-Europa 1999 kienet tikkonċerna r-Riserva Naturali tal-Għadira. Dan is-sett kien fuq id-disinn ta' Richard J. Caruana u kien inħareġ fis-6 ta' April 1999.

Din il-bolla ta' 16-il ċenteżmu Maltin kien fiha għasfur Monakella u fl-isfond tiegħu hemm is-Santwarju tal-Għasafar tal-Għadira. Din ir-riserva saret flok is-salini tal-melħ[3] u kien fl-1978 meta dan il-post ġie ddikjarat bħala santwarju tal-għasafar[4].




Fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma fis-Santwarju tal-Mellieħa, il-Posta ta' Malta, fis-6 ta' Ottubru 1999 kienet ħarġet sett ta' żewġ bolol biex tfakkar dan l-anniversarju. L-ewwel bolla ta' 6 ċenteżmi Maltin turi x-xbieha tal-Madonna u l-Bambin li kienet ġiet inkuranata fl-1899 u l-artal maġġuri tal-istess Santwarju. Il-bolla l-oħra ta' 35 ċenteżmu Maltin turi l-pittura *ex-voto* tal-Kavallier Fra Wolfang Guttenberg, liema pittura tinsab fis-Sagristija fl-istess Santwarju. Din kienet saret bħala wegħda meta fil-25 ta' April 1678, ħames xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann inqabdu f'maltempata qrib il-gżejjer ta' Taranto fl-Italja[5]. Id-disinjatur ta' dan is-sett kien Joseph Mizzi.







**Sena 2001**




Fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' żewġ bolol fl-4 ta' Mejju 2001. Waħda minn dawn turi l-figura tal-Papa u fl-isfond tidher l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, liema gżejjer huma parti mit-territorju tal-Mellieħa. L-istatwa hija xogħol l-iskulturi Sigismondo (1780-1853) u Salvatore Dimech (1805-1887) u saret fl-1845[6]. Din il-bolla kellha valur ta' 16-il ċenteżmu Maltin u d-disinn ta' dan is-sett kien ta' Joseph Mizzi.




**Sena 2006**

Il-Posta Maltija fid-29 ta' Settembru 2006, ħarġet sett ta' ħames bolol bit-tema Kastelli u Torrijiet f'Malta. Waħda minnhom li kellha valur ta' Lira Maltija, kellha fuqha ritratt tal-Palazz ta' Selmun. Dan il-post ma kienx maħsub għat-taqbid imma kien jintuża għall-mistrieħ. Dan il-palazz ma hemmx data eżatt meta nbena u l-arkitett tiegħu kien Duminku Cachia (1690-1761)[7]. Dawn il-bolol kienu ddisinjati minn Anouschka Grech.

**Sena 2011**

Biex tfakkar is-servizz tal-karozzi tal-linja tradizzjonali ta' Malta' li kien ħa jinbidel, il-Posta ta' Malta fit-2 ta' Lulju 2011, ħarġet sett ta' 20 bolla b'karozzi tal-linja differenti bil-kuluri tal-lokalitajiet li kienu jservu .Waħda minn dawn li kellha valur ta' €0.69 kienet dwar il-karozza tal-linja tal-Mellieħa. Dawn kienu ta' lewn abjad b'faxxa blu[8]. Il-karozza tidher fl-inħawi tal-Għadira bl-isfond tal-Knisja Arċipretrali tal-Mellieħa. Dan is-sett kien fuq id-disinn ta' Cedrick Galea Pirotta.

**Sena 2015**




Fid-29 ta' Lulju 2015, il-Posta Maltija fis-serje Malta Marittima ħarġet sett ta' tliet bolol iddedikat kollu għal pitturi *ex-voto* li jinsabu fis-Santwarju tal-Mellieħa.

Bolla ta' €0.51 turi l-wegħda li għamel il-Kaptan Giuseppe Giacomo u l-ekwipaġġ tiegħu tal-Brigantin Concezione waqt maltempata qawwija fit-28 ta' Diċembru 1835 ħdejn il-kosta ta' Lixandra fl-Egittu[9].



Bolla ta' €0.82 turi l-wegħda magħmula minn Giovanni Ellul li kien fuq il-Bark Matutina waqt maltempata qawwija bir-ragħad fis-17 ta' Jannar 1839 f'ħalq ix-xmara Mersey f'Liverpool, ir-Renju Unit[10].

L-aħħar bolla li kienet ta' €1.00, turi l-wegħda li kien għamel il-Kaptan Giuseppe Diacono u l-ekwipaġġ tiegħu fuq l-ixprunara S. Francesco di Paula meta fid-9 ta' Diċembru 1843 kien inkisrilhom it-tmun bejn il-gżejjer ta' Linosa u Lampedusa fl-Italja[11].

## Sena 2017

Fid-9 ta' Mejju 2017, fis-serje Europa 2017 bit-tema Kastelli, il-Posta Maltija ħarġet sett ta' żewġ bolol. Waħda minnhom li kienet ta' €0.59 turi t-Torri l-Aħmar mill-ajru. Il-Forti Sant'Agata jew kif inhu magħruf l-aktar bħala t-Torri l-Aħmar, inbena mill-Gran Mastru Lascaris fejn il-bini tiegħu beda fil-5 ta' Diċembru 1647 u kien lest fl-20 ta' Novembru 1648[12]. Dan is-sett kien iddisinjat minn Cedrick Galea Pirotta.




Fl-10 ta' Lulju 2017, il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' żewġ bolol bit-tema Euromed - Siġar fil-Mediterran. Waħda minnhom li kienet ta' €0.10 turi siġra *Tetraclinis Articulata* – is-siġra tal-għargħar li hija s-siġra nazzjonali ta' Malta u fl-isfond tagħha tidher il-Knisja Arċipetrali tal-Mellieħa. Id-disinn ta' dan is-sett kien ta' Richard J Caruana.




**Riferenzi**:

[1] Guillaumier, A (2002), p. 384
[2] Jaccarini, C. (2002), p. 173
[3] Sultana, J. (2003), p. 79
[4] Ibid, p. 82
[5] Muscat, J. (2009), p. 2
[6] Farrugia Randon, S. (2006), pp. 29-38
[7] Borg, P P. (1996), p. 27
[8] http://www.Mellieħa.com/geninfo/transport.htm
[9] Muscat, J. (2009), p. 60
[10] Ibid, p. 61
[11] Ibid, p. 65
[12] Debono, C. (2012), p. 59

**Bibliografija**:

Borg, P P. (1996), *Selmun A Story of Love*, Valletta, Union Print
Debono, C. (2012), *The Maltese Militia* (teżi mhux ippublikata), Università ta' Malta
Farrugia Randon, S. (2006), *Comino, Filfla and St Paul's Island*, San Ġwann, P.E.G.Ltd
Guillaumier, A. (2002), *Bliet u Rħula Maltin,* St Venera, Klabb Kotba Maltin
Jaccarini, C. (2002), *Il-giren u l-imġiebaħ* f'Catania J. (ed)., fil-*Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien,* Veritas Press
Muscat, J. (2009), *Ex Voto Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa - Malta,* Qrendi, Best Print

**Oħrajn**:

https://www.maltaphilately.com/en/products/liststampcatalogue?pagecode=cmg
http://www.Mellieħa.com

HB MOTORS

Vehicle Repairs & Services
Tel: 2152 0429
Mob: 9986 8092
20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa
Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha

# "Hawn hu l-Iljun!" ...f'għeluq is-sittin sena

Leli Vella
Sydney, Awstralja

Kienet is-sena 1957, eżattament sittin sena ilu, meta darba fost l-oħrajn iltqajna l-grupp tat-tejatrin bl-isem ta' *Shakespeare Memorial* u ddeċidejna li niġbru xi ħaġa tal-flus biex nixtru rigal u nippreżentawh lill-Każin Imperial. Peress li jien kont id-direttur f'dak il-mument, tawni l-kariga biex bil-flus li nġabru nixtri rigal. Dik il-ġurnata stess jien mort sal-Belt u rajt dan l-iljun. Tfajt għajnejja fuqu għax għoġobni ħafna u qtajtha li nixtrih. Kien is-sitta ta' Settembru. Ferħan ħa ntir kif kont, bqajt sejjer dritt fi Triq Sant'Anna minn fejn il-Banda Imperial kienet ser tibda l-marċ. Malli wasalt, sewwa sew kif il-Banda bdiet idoqq, jien bdejt ngħajjat "Hawn hu l-Iljun!" u minn hemm beda dan kollu.

Matul is-snin ħafna nies bdew jistaqsu xi tfisser din ta' "Hawn hu l-Iljun!". Jien dejjem irrispondejt li dak l-iljun għoġobni u ridt li kulħadd ikun jaf x'rigal tajna lill-Każin dik is-sena.

Minn hemm 'il quddiem l-għajta ta' "Hawn hu l-Iljun!" baqgħet tikber u żżid fil-popolarità. Saħansitra s-Surmast Ġanni Mamo snin wara kiteb innu marċ għall-Banda Imperial u semmieh "Ta' l-Iljun". Dan ġie ppreżentat lill-Banda Imperial u, kif jaf kulħadd, għadu popolari ħafna sal-lum u jindaqq f'kull opportunità li jkollha l-Banda Imperial.

Ħadt pjaċir naqsam magħkom din l-istorja qasira, speċjalment din is-sena meta din l-istorja ta' "Hawn hu l-Iljun!" tagħlaq sittin sena. Nispera li dawn il-kelmtejn għoġbu lilkom ukoll għax jitfgħu ftit dawl ta' kif bdiet l-għajta ta' "Hawn hu l-Iljun!".



# Frenċ tal-Għarb

Ralph Micallef



Frenċ tal-Għarb twieled fit-13 ta' Diċembru 1893 u miet fid-19 ta' Mejju 1967. Huwa kien devot kbir tal-Madonna. Din l-imħabba lejn il-Madonna beda juriha sa minn meta kien għadu żagħżugħ. Barra li kien jgħin lill-Arċipriet tar-raħal fil-ġbir għall-knisja u jieħu ħsieb iċ-ċimiterju tal-istess parroċċa – it-tnejn iddedikati lill-Madonna – din id-devozzjoni spikkat l-aktar lejn il-Madonna ta' Pinu.

Mal-età ta' 20 sena, huwa beda jorganizza pellegrinaġġi żgħar mir-raħal tal-Għarb u jeħodhom jitolbu fil-kappella ċkejkna Ta' Pinu. Meta, imbagħad, bdiet tinbena l-knisja, kien minn ta' quddiem biex jiġbor fondi ħalli jitħallsu l-ħaddiema, u jlaqqa' nies voluntiera biex iġorru l-ġebel mill-barriera għas-Santwarju. Huwa kien wieħed mill-ewwel membri tal-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa tal-Għarb u kien qrib ħafna ta' Mons. Ġużeppi Portelli, li kien rettur tas-Santwarju ta' Pinu.

Frenċ kien sempliċi bidwi, ta' karattru ferrieħi. Huwa minn dejjem kellu d-don li jgħin lil min ikun fil-bżonn. Meta laħaq l-età ta' 40 sena, il-Mulej ta lil Frenċ kariżmi oħra, bħal dik tal-fejqan, tal-qari tal-qalb u anki tat-tħabbir tal-ġejjieni lil ħafna minn dawk li kienu jmorru għandu. Kienu eluf u eluf ta' persuni Għawdxin u Maltin, u xi drabi anke barranin, li bbenefikaw mill-għajnuna tiegħu. Għadd kbir ta' morda rrikorrew għal għandu meta qatgħu qalbhom mill-fejqan u huwa fejjaqhom. Dan jixhduh tant nies li għadhom ħajjin u li huma, jew qrabathom, gawdew mill-għajnuna tiegħu.

Dan ix-xogħol kien jagħmlu mingħajr ebda interess personali wara li jirritorna mill-għalqa u ġieli dam kważi l-lejl kollu jara n-nies. Dawn kienu jfittxuh mhux biss għall-fejqan mill-mard, imma anki għall-problemi fil-familja, għall-qsim ta' wirt, għall-ħlas ta' bhejjem, għall-għażla tal-istat u kultant anki għal pariri spirtiwali. Il-mediċini tiegħu għall-mard kienu prinċipalment id-devozzjoni lejn il-Madonna, għad li xi drabi kien jagħmel massaġġi u jżid l-applikazzjoni ta' xi ħaxix mediċinali.

Frenċ miet bil-fama ta' qdusija fid-19 ta' Mejju 1967, u l-fdalijiet tiegħu llum jinsabu fis-Santwarju Ta' Pinu. Għalkemm huwa mejjet, il-poplu fil-bżonn xorta għadu jfittex l-għajnuna tiegħu u jaqla' grazzji speċjali mingħand il-Madonna bl-interċessjoni tiegħu, kif juru l-fjuri u x-xama' li jkun hemm kontinwament fuq il-qabar tiegħu.



Cross Street, Mellieha
Tel: 21571692 • Mob: 99223908
Email: starduststationary@gmail.com



# Għin, tistenniex grazzi

*Ġanni Camilleri*

Bidwi kellu mogħża w żiemel.
Darba ż-żiemel marad sew.
Ġablu fis vetenerarju
Għax magħdur kien dak tassew.

Inviżtah, tah mediċina
Biex jeħodha għal tlitt ijiem.
Jekk ma jfiqx, dak kellu jraqqdu,
Ma jbatix, imut fis-sliem.

Iżda l-mogħża semgħet kollox.
Ma xtaqitx lil dak imut.
U għalhekk kellmet liż-żiemel;
Ma reditx tarah batut.

"Ħabib tiegħi" qaltlu l-ħabiba,
'Kuraġġ, isa! Qum fuq tiegħek!
Jekk ma tqumx f'dawn it-tliet ġranet,
Se jraqqduk, ma nibqax miegħek."

Iżda ż-żiemel qata' qalbu.
Baqa' hemm fl-art ma jiflaħx.
Dik il-mogħża xtaqet tgħinu,
Ftit ħin ieħor ma tarahx.

U fit-tielet jum tennietlu:
"Ħalli ngħinek jien biex tqum.
Għax jekk le, jraqqduk għal dejjem,
Nimmisjak, ħabib, illum!

U kuraġġ għamel iż-żiemel.
Qam bil-mod dak fuq saqajh.
Beda jimxi, iżda jzappap.
Fl-aħħar mexa dak, minn rajh.

X'ħin il-bidwi lemħu jimxi,
Ma riedx jemmen dawk għajnejh.
"Dan miraklu, l-bhima mfejjaq!
Qed narah jien fuq saqajh!"

Ejjew mela nagħmlu festa
Għax iż-żiemel tiegħi qam.
Ejjew noqtlu l-mogħża w nieklu.
Marid, biss, tlett ijiem dam!

Kien bis-saħħa tal-ħabiba
Li ġab saħħtu dak inhar.
Ara x'ħadet issa l-mogħża!
Se jsajruha fuq in-nar.

Dak li jiġri spiss f'ħajjitna
Meta ngħinu lil xi ħadd!
Tal-pjaċir, nitħallsu qares,
Ma jkun dan jafulek qatt.

BILLY'S
CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES

113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016
www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com

# Meta ċediet l-Italja u l-flotta taljana ġiet internata f'Malta Settembru 1943

*Kitba ta' Charles Debono*

Wara li l-forzi tal-Assi fit-Tuneżija ċedew, il-pass li jmiss kien il-bidu tal-liberazzjoni tal-Ewropa okkupata mill-Ġermanja Nażista u l-Italja Faxxista. Bir-rebħiet tal-Alleati fil-Battalja ta' El Alamein fl-Eġittu u l-Battalja ta' Stalingrad f'Ottubru/ Novembru 1942 u Frar 1943 rispettivament, l-andament tal-gwerra ma baqax l-istess. Minn dan l-istadju 'l quddiem l-Alleati bdew ireġġgħu lill-Assi lura. Bl-ossessjoni ta' Adolf Hitler li l-forzi tal-Assi għandhom jirreżistu akkost ta' kollox, wassal biex eluf kbar ta' truppi tal-għadu spiccaw priġunieri tal-gwerra.



*Ritratt tal-battleships Roma u Italia (ex Littorio) meħud minn fuq il-Vittorio Veneto fid-9 ta' Settembru 1943. (Sors: Ufficio Storico della Marina).*



*Il-battleship Roma wara li ntlaqat, fi triqtu lejn Malta. (Sors: Heritage Malta – Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*



*Il-battleship Roma jisplodi wara li ntlaqat b'bomba telekomandata Fritz X. (Sors: Ufficio Storico della Marina).*

Il-pass li jmiss kien li jibdew l-invażjoni tal-Ewropa Fortizza (Kif kienet tissejjaħ il-ħakma Nażista/Faxxista tal-Ewropa). Il-Kmandanti Alleati ddeċidew li jinvadu Sqallija. Biex ifixklu lill-Assi bdiet tiġri l-aħbar li l-Alleati se jinvadu l-Greċja.

Dan seħħ wara li l-Ingliżi nedew Operazzjoni *Mincemeat* f'April 1943, li kienet tikkonsisti minn katavru bl-uniformi ta' Uffiċjal tar-*Royal Marines* jintefa' minn sottomarin Ingliż HMS Seraph, f'ibħra territorjali Spanjola.

Dan il-katavru kellu fuqu dokumenti u mapep li juru li l-vera invażjoni tal-Alleati kienet ser issir fil-

Greċja. Wara din l-evidenza 'falza' l-Assi saħħew d-difiża tal-Greċja u Sardinja.



Is-sottomarin Ingliż HMS Seraph.



Il-cruisers Duca degli Abruzzi (xellug) u l-Garibaldi fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. (Sors: Ufficio Storico della Marina).



Il-cruiser Luigi Cadorna ankrat f'San Pawl il-Baħar fit-12 ta' Settembru 1943. (Sors: Ufficio Storico della Marina).



Id-destroyer Orione f'San Pawl il-Baħar. (Sors: Ufficio Storico della Marina).

L-invażjoni Alleata ta' Sqallija bdiet fl-10 ta' Lulju 1943. L-Alleati ħasbu li se jsibu reżistenza qawwija mill-forzi tal-Assi, fejn dawn tal-aħħar ċedew fis-17 ta' Awwissu 1943. Fl-istess waqt l-Assi rnexxielhom jevakwaw eluf kbar ta' truppi. Waqt l-invażjoni ltaqa' l-Gran Kunsill tal-Faxxiżmu fl-24 ta' Lulju 1943, fejn id-dittatur Taljan Benito Mussolini ġie sfiduċjat, u l-għada ġie arrestat u fl-aħħar maqful *f'Campo Imperatore*. Ir-Re Vittorio Emmanuele III ħatar lill-Ġeneral Pietro Badoglio, biex imexxi gvern ġdid, li mmedjatament beda taħditiet mall-Alleati biex l-Italja ċċedi

Wara diversi taħdidiet, intlaħaq ftehim, u ġie ffirmat l-armistizju. Dan l-armistizju ġie ffirmat f'Cassibile, Sqallija fit-3 ta' Settembru 1943, fejn Walter Bedell Smith iffirma f'isem l-Alleati mentri Giuseppe Castellano ffirma f'isem l-Italja. L-armistizju kien approvat mir-Re tal-Italja Vittorio Emmanuele III u l-Prim Ministru Taljan Pietro Badoglio. Dan il-ftehim kien jgħid li l-Italja kellha ċċedi f'idejn l-Alleati. L-Armistizju ġie mxandar fit-8 ta' Settembru 1943.

L-Alleati riedu li l-Italja tikkopera fl-armistizju u mill-ewwel ordnaw li l-flotta navali Taljana titlaq mill-portijiet tagħha u ssalpa lejn Malta. L-għada, 9 ta' Settembru, l-Alleati nvadew l-Italja. Fl-istess ġurnata, tliet *battleships*, sitt *cruisers* u disa' *destroyers* telqu minn La Spezia fi triqithom lejn Malta. Għal ħabta tat-3.00pm, waqt li l-flotta kienet viċin Sqallija, ġiet attakkata minn ajruplani tal-attakk Ġermaniżi tat-tip Dornier Do217, li kienu armati b'bombi telekomandati tat-tip PC 1400 FX. Għall-ewwel it-Taljani ma rrealizzawx l-intenzjoni tal-Ġermaniżi, però meta l-Ġermaniżi waddbu diversi bombi, l-Ammirall Taljan Carlo Bergamini abbord il-*battleship Roma*, ordna biex l-flotta tiġi difenduta.



Żewġ battleships Taljani ankrati fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. (Sors: Heritage Malta – Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)

Ġara, iżda, li l-ordni ngħatat tard wisq għax għal ħabta tal-3.45pm, il-*battleship Roma* ntlaqtet fuq in-naħa tal-lemin u ħames minuti wara, bomba oħra splodiet fil-maħzen tal-balal. Il-*battleship* beda



*Ajruplan tat-tip Dornier Do217 mgħobbi b'bomba telekomandata Fritz X.*



*Żewġ battleships u bastiment ieħor Taljani. (Sors: Heritage Malta – Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*

jegħreq u żewġ ammiralli, sitta u tmenin uffiċjal u 1,264 baħri tilfu ħajjithom. *Battleship* ieħor, l-Italja, intlaqat, però ma għeriqx. Meta l-flotta Taljana qorbot lejn Malta, ltaqgħet ma' dik Ingliża, fejn ġiet eskortata minn HMS *Warspite*, HMS *Valiant* u l- *8th Destroyer Flotilla*. L-ewwel tliet vapuri waslu fl-10 ta' Settembru, segwiti minn tnax-il bastiment fil-ġurnata ta' wara, li kienu jikkonsistu minn erba' *battleships*, sitt *cruisers* u sitt *destroyers*, fejn ankraw fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar, il-Bajja ta' Marsaxlokk u 'l barra mill-Port il-Kbir.

Sal-aħħar ta' Settembru kienu waslu f'Malta sitta u sebgħin bastiment navali Taljan. Fil-bidu ta' Ottubru, il-bastimenti ġew ordnati biex isalpaw lejn l-Eġittu.


# Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes, starting from €7.50 per meter.*
*We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers & fittings, water heaters, etc...*
*Clearance sale on various bathrooms accessories like, shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at 37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**

CN Mifsud Marble Granite

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Email
contact@cnmarbleandgranite.com

Web
www.cnmarbleandgranite.com

Tal-Puzzu
Pizza . Pasta . Grill

**Wood Fire Oven**

***Take Away Available***

**11, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa**

**Tel: 2754 4388**

THE HILLTOP
RESTAURANT Est. 1972

Here is where seafood and meats come together
to bring you a modern multicultural cuisine



Gorg Borg Olivier Street Mellieħa
For reservations call
+356 21521101 or +35699445484
www.thehilltopmellieha.com

# Ġens Maqsum!

Jos F. Cachia

Nitlewmu fuq banda,
Ingergru fil-każin
Nitbaqbqu kull siegħa,
Nitlewmu kull ħin.

Maqsumin fuq kaċċa,
L-istess fuq l-ambjent
Lesti li nħaqquha,
Kull ħin, kull mument!

Politka tifridna,
Min aħmar min blu,
Min ħalqu ibattam.
Ma jurix x'inhu.

Min jogħġbu d-divorzju,
Min żwieġ jibqa' jrid.
L-abort ukoll jifred,
Mhux naqra, mhux ftit!

Fil-*football* nitmasħnu,
Ingliż, jew Taljan,
Min hu l-aqwa minnhom?
Jekk ma tafx, baħnan.

Tal-opri jiftaħru,
Li tagħhom l-aħjar,
Tal-pop dlonk iwiegħbu,
"Tagħna m'humiex agħar."

U dwar l-immigranti,
Li naraw ta' spiss,
Min favur, min kontra,
Bl-għajta, "Maltin biss".

Noħolqu ċuċati,
Kull siegħa, kull ħin.
Mhux aħjar niftakru,
Li aħna Maltin?

Green Valley
Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com
This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries and
parking is not a problem
Join our loyality card!





# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


A. Vella Borg & Sons Ltd .......48
A.F. Skip Hire ..........................8
Abela Norbert Joiners ............23
Alkova...................................85
All Needs The D.I.Y. Store .....59
Angela's Flower Shop............97
Aspen Limited........................79
B. Grima & Sons Ltd .............24
Bar tal-Każin
tal-Banda Imperial ..............36
Beachaven ............................106
Bella Veduta ...........................21
Belleview ...............................96
Best Print Co. Ltd ..................99
Billy's .................................126
Bottles & Bottles....................12
BOV .......................................26
C. Vella & Sons Ltd ...............20
Carmel Vella Limited .............38
Cash & Carry .........................44
CLD.......................................36
Clifford Motoring School .......97
CN Mifsud Marble Granite...130
CZ Imports ...........................105
Dainty Clothing & Footwear ..68
DB Properties.........................47
Dingli Butcher........................97
Drifter....................................74
Drivewell Motoring School ....35
Dynasty Chinese Restaurant ...99
EPC .......................................58
Euromed Limited ...................68
Evergreen ..............................48
Eyetech .................................58
Farmer's
Fresh Green Grocer............112
Foto Creative..........................30
Gasan Mamo
Insurance ............ outside back
Gaulos Exclusive Art .............15
George's Bakery.....................41
Glamorous.............................67
Ġo Ġo Mini Market ...............25
Green Valley.........................131
Greystone ..............................36
Hair Sensations ......................74
HB Motors ...........................123
Herbies ..................................79
Horace Enterprises Ltd ..........29
Housewife Fresh Chicken ......65
HSBC ....................................96
Il Bagno...............................129
Ir-Razzett Fruit Shop............119
J. Attard .................................64
J. Vella.................................119
J&G Discount.........................64
JDS ......................... inside back
Jesper's Danish Bakery..........35
Jevon's Fruit Shop....................8
Jimcam
Enterprises Limited...........106
Joe Gauci Metal Works ..........44
Joe's Barber Shop ..................68
John Bray & Son ....................34
John Buttigieg Cikkies ...........46
Joseph Debono .......................12
Julie's Lifestyle ....................131
Kafè Borg ..............................57
Manuel Bezzina Co Ltd .........62
Manuel's Garage ....................73
Marianna Stationery ...............33
Mario Gauci ...........................76
Maritim Antonine
Hotel & Spa ........................63
Mark Taliana ........................101
Maypole ................................69
Mellieħa Garage...................112
Mġarr United Bar
& Restaurant .....................117
MT Service Station ................41
Munchies...............................43
Nella's ................................106
One 80 .....................................9
Outdoor Life Malta ................42
P&C Cauchi ..........................23
Paradise Bay Lido ..................31
Paradise Bay Resort Hotel ......39
Pâtisserie ...............................13
Paws 'n' Claws.......................42
Ph Borg Ltd............................18
Popeye Village .......................22
Reflections.............................75
ROCS ...................... inside front
ROCS Travel..........................19
Roy Thai Specialist ................75
Sala Imperial ............................3
Sammy Buttigieg ...................74
Santa Maria Service Station....33
Selmun Bar & Restaurant .......37
Stardust ..............................125
Start Computers .....................43
Steffie's Hair Studio...............64
Stephen Deguara ....................85
Stoneage ................................18
Superline Feeds
& Garden Centre.................76
Swan......................................62
Ta' Kanani .............................44
Ta' Peter ................................57
Ta' Titta Confectionery ..........68
Tal-Puzzu ............................130
The Arches .............................16
The Caterer.............................59
The Hilltop Restaurant..........130
The Veggie Truck .................109
Tony's Bakery ........................97
Tosca .....................................89
Tower Ladder Services ...........76
Tramun Tagħna ......................27
V. Debono Ironmongery..........48
Valyou ...................................78
View Point.............................98
VS Wholesale.........................28


*Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.*












JDS
FURNITURE Ltd.
www.jdsfurniture.com

Main Street
Mellieħa

Garibaldi Street
Marsa

www.jdsfurniture.com
facebook: jdsmalta
21522390

Sofas made in Germany
with 5 year guarantee

Furniture is locally
manufactured
with 40 years experience –
customized to meet your needs.

We also offer assistance in
designing of furniture
for your house.

Offer a wide range of gifts.




# MIEGĦEK DEJJEM U KULLIMKIEN



**Mellieħa**
**59, Triq G.Borg Olivier**

T: +356 2752 3672 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd. hi awtorizzata mill-MFSA.

GasanMamo
INSURANCE
*Ngħinuk dejjem*